# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar Il-Ħamis**
**Sitta u Għoxrin (26) ta’ Jannar 2023**

**Rikors Numru 159/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Anna Cassar (karta tal-identità numru 0237655M)**
**u**
**Paolo Cauchi (karta tal-identità numru 0440782M)**

**Vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 11 ta’ Awissu 2020, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

*1. Illi r-rikorrenti, mart u iben il-mejjet Paul sive Lino Cauchi, huma l-eredi ta’ Paul sive Lino Cauchi, li kien detentur tal-karta tal-identità numerata 923449(M), a tenur tal-artikolu 808 et seq Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, li ġie nieqes fil-15 ta’ Frar 1982 meta f’ċirkostanzi misterjużi ma rritornax lura d-dar mix-xogħol;*

*2. Ir-rikorrenti Anna Cassar kienet żżewġet lil Lino Cauchi fit-23 ta’ Diċembru 1979 u meta għeb l-istess żewġha, kienet tqila bl-ewwel tarbija tagħhom, Paolo Cauchi;*

*3. Illi Lino Cauchi, wieħed mill-awdituri prattikanti f’Malta fl-aħħar tas-snin sebgħin, kien għamel perjodu jaħdem bħala awditur fil-uffiċċju tal-accountancy Diamantino Manfre. Hu kien telaq din id-ditta ftit xhur qabel ma’*

*kien miet l-azzjonist prinċipali, Lino Manfre, ukoll f'ċirkostanzi misterjużi. Lino Cauchi fetaħ prattika professjonali għar-rasu, iżda spiċċa nqatel ftit xhur wara;*

4. *Illi f'pajjiżna fis-snin sebgħin ftit kien hawn awdituri prattikanti u, anqas u anqas, kien hemm ditti ta' awdituri prattikanti;*

5. *Illi l-uffiċċju Diamantino Manfre kien imqabbad ħafna u bħala uffiċċju kien magħruf li kien jagħti servizzi finanzjarji lil Korpi Parastatali, lill-istess Dipartimenti tal-Gvern, kif ukoll lil numru ta' klijenti involuti fl-iżvilupp ta' proprjetá inkluż ukoll politiċi prominenti fil-Gvern ta' dak iż-żmien;*

6. *Illi, kif jaf kulħadd, fl-aħħar tas-sebgħinijiet u fl-bidu tat-tmeninijiet, il-pajjiż kien għaddej minn perjodu politiku turbolenti, b'każijiet ta' korruzzjoni lampanti, abbużi, vjolenza u intimidazzjoni politika, b'ismijiet ta' politiċi prominenti tal-gvern imdaħħlin f'din ix-xibka korruživa. Kien f'dan il-kuntest li kien hemm ukoll spekulazzjoni qawwija bi proprjetá li kien jinħarġulha permessi għall-iżvilupp evidentement b'manipulazzjoni tal-ippjanar taħt direzzjoni indebita politika;*

7. *Illi jirriżulta, inkluż minn testimonjanza mittieħda taħt ġurament fil-Qrati tal-Ġustizzja, li Lino Cauchi kien jagħti servizzi professjonali dwar taxxa u kwistjonijiet relatati lill-grupp ta' personalitajiet li f'pajjiżna kellu ħafna poter u li kienu imdawwrin mal-ex ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi ta' dak iż-żmien, Lawrence sive Lorry Sant;*

8. *Illi f'Diċembru tal-1981 issejjħet elezzjoni ġenerali f'ambjent politiku ferm diffiċili, bil-partit tal-Oppożizzjoni jwiegħed tindifa ġenerali mill-elementi vjolenti u korrotti fil-pajjiż hekk u kif jiġi elett fil-Gvern, kif kien mistenni;*

9. *Illi din il-wegħda elettorali kienet bla dubju ta' tħassib għall-elementi korrotti u vjolenti fis-soċjetà;*

10. *Illi fit-3 ta' Settembru 1981, wieħed mis-soċji ta' Diamantino Manfre, Lino Manfre, daħal l-isptar San Luqa għal vista medika u wara ftit tal-jiem instab mejjet fis-sodda tiegħu f'ċirkostanzi misterjużi. Dan il-fatt qatt ma ġie investigat mill-awtoritajiet, u ġie rreġistrat li miet kawża naturali;*

11. *Illi wara dak li ġara lil Lino Manfre, l-istess Lino Cauchi rrealizza li ħajtu kienet f'periklu riżultat tal-ħidma professjonali tiegħu u s-servizzi li kien jagħti lill-imsemmi grupp ta' nies politikament potenti u bla ebda skrupoli ;*

12. *Illi minkejja l-biża' li kellu u n-nuqqas ta' volonta li jkun parteċipi f' ċertu xogħol huwa kien xorta waħda msejjaħ u kien kostrett jippresta servizzi professjonali lil dan il-grupp politiku magħruf għall-perikolosità tiegħu u l-assenza ta' kull kuxjenza u skrupli b'dannu għall-interess nazzjonali;*

13. *Illi fl-istess żminijiet, tant kien inkwetat fuq dak li kien qed jaħdem professjonalment, tant induna li ħajtu kienet f''perikolu kbir, li kellu polza ta'*

*assikurazzjoni fuq ħajtu fis-seħħ u mar u għolla l-valur tal-polza, għolla l-kopertura fuq ħajtu stess;*

*14. Illi huwa magħruf li, kmieni f'Diċembru 1981, kienet saret laqgħa fl-uffiċċju ta' ċertu Joe Pace (magħruf bħala Joe Pace tal-Magic Kiosk) fejn kienu preżenti klikka ta' persuni viċin l-ex Ministru Lorry Sant. Lino Cauchi kien ġie imqabbad jabbozza konvenju konċernanti l-propjetajiet li kienu qed jiskambjaw bejniethom il-persuni preżenti. Il-Qorti Ċivili, Prim Awla sede Kostituzzjonali fl-ismijiet 'Marks and Charles Limited u Joseph Borg vs. Avukat Ġenerali' fis-26 ta' Jannar 2017 (Rik. Ġur 31/2015) iddikjarat li l-kunsens mogħti f'dan il-kuntratt kien karpit b'theddid u vjolenza li seħħew f'qafas ta' korruzzjoni. Jidher li Lino Cauchi kellu xi oġġezzjonijiet għal dak li kien qed jiġri tant li f'xhieda miġbura quddiem il-Maġistrat inkwirenti, illum l-Imħallef Emeritu Silvio Meli, jingħad li hekk kif Lino Cauchi telaq minn dik il-laqgħa kien hemm min għamel theddida serja fuq ħajjet l-istess Lino Cauchi;*

*15. Illi l-elezzjoni ġenerali fil-pajjiż inżammet fit-tlettax (13) ta' Diċembru 1981, fejn ġie elett il-Partit Laburista minkejja li kien ottjena minoranza ta' voti mill-elettorat minħabba proċess allegatament irregolari ta' gerrymandering li seħħ fid-distretti elettorali u l-Partit Nazzjonalista (PN) ma aċċettax dak ir-riżultat. Il-PN nieda sensiela ta' protesti u manifestazzjonijiet popolari u d-Deputati tiegħu ddikjaraw li ma kinux ser jidħlu jieħdu l-ġurament tagħhom fil-Parlament hekk u meta tinfetaħ il-Leġislatura ;*

*16. Illi l-15 ta' Frar 1982, kienet il-ġurnata li fiha kellu jiftaħ il-Parlament għall-ewwel darba minn wara l-elezzjoni ġenerali tat-tlettax (13) ta' Diċembru 1981, kien hemm tensjoni, inċertezza u tħassib kbir fil-pajjiż li kien f'xifer ta' ħafna nkwiet ċivili. Il-pulizija u l-armata kienu kollha fit-toroq sabiex jikkontrollaw is-sitwazzjoni;*

*17. Illi fil-ġurnata li fetaħ il-Parlament għall-ewwel seduta tiegħu wara l-elezzjoni ta' Diċembru 2013, fil-15 ta' Frar 1982, proprju fil-ħin li fetaħ il-Parlament, Lino Cauchi, kellu appuntament fis-6.30 ta' fl-għaxija, mhux magħruf ma' min, u f'ċirkostanzi misterjużi għeb, ma rritornax id-dar u minn dakinhar ħadd qatt ma reġa' rah ħaj aktar;*

*18. Illi l-aħħar darba li l-esponenti martu rat ir-raġel tagħha kien fis-siegħa u nofs ta' waranofsinhar (1.30pm) tal-istess ġurnata meta għeb, meta hu kien telaq lura lejn l-uffiċċju tiegħu ġewwa l-Belt b'bagalja f'idejh, li nstabet fis-17 ta' Frar 1982, jumejn wara li ġie nieqes, abbandunata, sgassata u vojta f'Chadwick Lakes, limiti tar-Rabat, Malta;*

*19. Illi Lino Cauchi kellu bagalja oħra miżmuma d-dar u lil martu kien wissieha sabiex jekk jiġrilu xi ħaġa ma titlaqhiex minn idejha. L'għada li għeb, persuna bl-isem ta' Charles Zammit li identifikat ruħha bħala uffiċjal tad-Dipartiment tat-Taxxa ħabbat fuq il-bieb tad-dar tiegħu u fuq struzzjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, talab il-bagalja, u martu, imfixkla kif kienet fiċ-ċirkustanzi, għaddiet il-bagalja li kien hemm id-dar lil din il-persuna. Dan il-fatt ukoll qatt ma ġie investigat b'serjetà mill-Pulizija Eżekuttiva;*

*20. Illi quddiem dan kollu, kull ma għamlu l-Pulizija kien li aċċettaw ir-rapport li Lino Cauchi ġie nieqes, qatt ma kellhom interess jinvestigaw, qatt ma investigaw bis-serjetà, u lanqas fetħu inkjesti dwar il-fatti meta għeb;*

*21. Illi fil-15 ta' Novembru 1985, fil-viċinanzi ta' post magħruf bħala l-Bosk, fil-Buskett, instabu fdalijiet ta' bniedem li kien brutalment imbiċċer b'serrieq u mgeżwer ġo basktijiet tal-plastik suwed u mitfugħ f'qiegħ ta' bir;*

*22. Illi f'Lulju 1986, l-espert forensiku Ian West, iddikjara li fdalijiet misjubin f'Novembru 1985 fil-post magħruf bħala l-Bosk, fil-Buskett, kienu fdalijiet ta' Lino Cauchi, u minkejja din l-informazzjoni l-awtoritajiet, fl-1986, xorta ma għamlu xejn;*

*23. Illi dakinhar meta nstabu l-fdalijiet, saret inkjesta fuq is-sejbien imexxija mill-Maġistrat illum Imħallef emeritu David Scicluna, fejn widdeb lill-awtoritajiet għall-cover up li kien qed isir;*

*24. Illi l-istess il-Maġistrat Scicluna, fl-inkjesta maġisterjali kkonkluda li kellha tinfetaħ inkjesta fuq il-qtil ta' Lino Cauchi, u li kellu jkun hemm inkjesti dwar:*

- *a. L-omiċidju ta' Lino Cauchi;*
- *b. Reati oħra speċjalment dwar ksur ta' liġi in konnessjoni ma' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti, korruzzjoni u estorzjoni.*

*25. Illi minkejja din l-inkjesta li nfetħet wara l-iskoperta tal-fdalijiet ta' Lino Cauchi, din qatt ma saret b'serjetà, u minkejja l-indikazzjonijiet, l-assistenza, d-dispożizzjoni u l-kooperazzjoni kontinwa tar-rikorrenti, ma ngħata l-ebda eżitu pożittiv, u konsegwentement, dawk li wettqu tali att barbaru u vili, għadhom sal-lum latitanti ;*

*26. Agħar minn hekk, jirriżulta l-oppost, tant li meta nġabet Malta l-iScotland Yard biex tinvestiga tliet każi ta' qtil politiku, ta' Karen Grech, Raymond Caruana u Lino Cauchi, kienet twaqqfet mill-invetigazzjoni fl-1996 mill-Gvern stess meta kienu waslu biex jibdew jinvestgaw il-każ ta' Lino Cauchi;*

*27. Illi wara rinviju mill-Avukat Ġenerali fl-2001 quddiem il-Maġistrat Silvio Meli nstemgħet xhieda li tat prova ta' sistema ammistrattiva li falliet jew kienet imġiegħla tfalli, tal-Korp tal-Pulizija u l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li fallew u ma qdewx il-funzjonijiet tagħhom, tal-abbandun tal-pretenzjonijiet li kull ċittadin għandu fil-konfront tal-Istat tiegħu;*

*28. Illi l-Istat naqas mill-obbligu pożittiv tiegħu illi jieħu dawk il-miżuri neċessarji sabiex jipproteġi l-ħajja ta' dawk li jkunu fil-ġurisdizzjoni tiegħu billi jnaqqas ir-riskju li tinqatel persuna, bi ksur tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 2 b'konġunzjoni mal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, anki jekk l-Istat jew l-aġenti tiegħu stess ma kkaġġunawx huma l-qtil ta' Lino Cauchi direttament.*

*29. Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), fil-Kawża fl-ismijiet Brincat and others v Malta (App Nru 60908/11, 62110/11, 62312/11, u 62338/11) il-Qorti rriteniet is-segwenti;*

> *The Court reiterates that Article 2 does not solely concern deaths resulting from the use of unjustified force by agents of the State but also in the first sentence of its first paragraph lays down a positive obligation on States to take appropriate steps to safegaurd the lives of those within their jurisdiction (see L.C.B. v the United Kingdom, 9 June 1998)*

*30. Illi dawn in-nuqqasijiet da parti tal-Istat u l-aġenti tiegħu, jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanċiti fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, in konġunzjoni mal-Artikolu 1 tal-istess Konvenzjoni, meta naqas milli jiġi mħares id-dritt li ssir investigazzjoni u d-dritt li kull bniedem għandu għal rimedju effettiv, rimedju li żġur ma ngħatax lil familja Cauchi, aħseb u ara kemm kien effettiv u adegwat, u kif fuq spejgat, applikkabbli dirrettament fil-liġijiet Maltija a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;*

*31. Illi ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li Lino Cauchi kien vittma ta' qtil politiku barbaru, u d-dettalji tax-xhieda li ħarġu kemm fl-inkjesti kif ukoll f'diversi proċeduri fil-Qrati Ċivili sussegwentement ikomplu jsaħħu din il-konklużjoni;*

*32. Illi dan fisser li l-familja Cauchi ilha dawn l-aħħar sebgħa u tletin (37) sena tistenna l-ġustizzja mingħajr ma tara l-ebda progress, u mingħajr ebda forma ta' kumpens għal dak li seħħ, sitwazzjoni li tmur kompletament kontra dak kollu li għandu jirrappreżenta stat demokratiku mibni fuq is-Saltna tad-Dritt;*

*33. Illi din l-esperjenza trawmatika kellha riperkussjonijiet psikoloġiċi, mentali u finanzjari fuq il-familja Cauchi li għadhom qed jinħassu sal-lum il-ġurnata. Lino Cauchi kien il-persuna li jipprovdi mhux biss l-għajxien għal familja tiegħu, imma fuq kollox l-appoġġ psiko-emozzjonali u ta' wens li hu l-bażi tal-ħajja familjari, tenut kont l-aktar ta' ibnu r-rikorrent, li ġie mċaħħad kompletament mill-imħabba u l-kura paterna li kull bniedem għandu dritt sagrosant għaliha;*

*34. Illi dan kollu seħħ bi ksur espliċitu tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, id-dritt għal familja u privatezza, li jammonta għal ksur tad-dritt mill-Istat u l-aġenti tiegħu, minħabba li l-Istat naqas mill-obbligu pożittiv tiegħu li jagħti serenità lil din il-familja meta bl-aġir tiegħu il-kwistjoni, ergo il-verità, baqgħet qatt ma saret magħrufa, u allura baqgħet kwistjoni miftuħa u mingħajr qatt ma rat l-ġustizzja għal dawn l-aħħar 38 sena;*

*35. Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), fis-sentenza Airey v Ireland (Ap. Nru 6289/73) irriteniet illi;*

> *The Court does not consider that Ireland can be said to have 'interfered' with Mrs Airey's private or family life; the substance of her complaint is not that the State has acted but that is has failed to act. However although the object of Article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference buy the public authorities, it does not merely compel the State to abstain from such intererence: in addition to this primary negative undertaking, there may be positive obligations inherent in an effective respect for private or family life.*

*36. Illi ċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ gravi u traġiku huma kjarament indikattivi ta' reat motivat minn raġunijiet ta' abbużi politiċi, naxxenti mill-klima partikolari li kien jiċċirkonda l-kwistjoni ta' propjetà u korruzzjoni fis-sebgħin u tmeninijiet;*

*37. Illi tali klima partikolari jinsab ukoll rifless f'reati oħra tal-istess epoka u wkoll riżultat tal-klima politika, fosthom il-qtil ta' Karen Grech, ta' Raymond Caruana, ta' Nardu Debono u ta' Wilfred Cardona;*

*38. Illi l-klima politika kienet riflessa wkoll fir-Rapporti ppreżentat lil Parlament mill-kompjant Imħallef John Anastasi;*

*39. Illi għalhekk jirriżulta ampjament illi hemm f'dan il-kuntest konnessjoni diretta ta' kawża u effett bejn l-klima politika vjolenti tat-tmeninijiet f'pajjiżna, ix-xogħol professjonali li kien jagħmel Lino Cauchi għall-persuni li ssemmew fl-iskandli u abbużi ta' żvilupp edilizzji fl-istess żminijiet, bil-konsegwenza li hu kien konoxxenti ta' ħafna dettalji u intriċċi bejn ċerti politiċi u nies viċin tagħhom u dak li kien qiegħed iseħħ f'pajjiżna u l-mewta vjolenti tiegħu filgħaxija tal-15 ta' Frar 1982;*

*40. Illi kemm il-politiċi, kif ukoll numru ta' nies vjolenti madwarhom aġixxew konsapevolment mingħajr ebda xkiel, tort tal-falliment tal-organi u l-istituzzjonijiet tal-Istat;*

*41. Illi huwa ċar li l-Istat naqas traġikament li jipproteġi ħajjet Lino Cauchi, li jinvestiga l-qtil tiegħu, li jieħu l-passi neċessarji biex issir ġustizzja u jassigura kumpens għal familja Cauchi. Dan kien kollu diskriminattiv kontra din il-familja, u dan l-aġir mill-Istat u l-aġenti tiegħu kollha kontra dak kollu li jirrappreżenta jew kellu jirrappreżenta l-Istat Malti huwa kontra d-drittijiet umani kif tenut fl-Artikolu 14 ta' Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*42. Illi separatement għal premess, jirriżulta wkoll, li każijiet partikolari fejn individwi jkunu sofrew danni (ta' natura u entita' varji) bħala riżultat dirett jew indirett tal-prestazzjoni minnhom ta' servizz lill-Gvern jew vjolenza politika, ingħataw kumpens mill-Gvern ta' Malta, kopja ta' uħud mill-pagamenti ex gratia li saru mill-Gvern annessa u mmarkata bħala Dok LC1;*

*43. Illi l-fattispecie kollha taċ-ċirkostanzi li taw lok għat-traġedja umana sofferta mill-esponenti, tikkwalifika de minimis dan il-każ għal trattament ugwali u indiskriminat da parti tal-Istat;*

*44. Illi l-konsegwenzi traġiċi tal-akkadut, li seħħew bħala riżultat tal-intriċċi politiċi, l-korruzzjoni u l-ispekulazzjoni tal-proprjeta' fit-tmeninijiet li wasslu għall-qtil ta' Lino Cauchi mhux biss kienu, imma għadhom, sa llum immensi u insormontabbli għal familja Cauchi, u qatt ma jistgħu jiġu mitigati jew ġustifikati u ċertament li l-inadegwatezza ta' kull investigazzjoni li ma tat ebda riżultat minkejja t-trapass taż-żmien, ma sservix ħlief li aċċentwa aktar tali sens ta' inġustizzja tremenda;*

*45. Illi r-rikorrenti, minkejja talbiet bonarjament magħmula minnhom, qatt ma ngħataw kumpens li għalih ir-rikorrenti huma eliġibbli;*

*46. Illi riżultat tal-falliment totali tal-organi tal-Istat, f'kull fażi ta' din it-tragedja li laqtet lir-rikorrenti, kumpens huwa ċertament dovut u għandu għalhekk jingħata mingħajr aktar dewmien;*

*47. Illi bl-aġir tiegħu, li jagħti kumpens lill-vittmi ta' delitti u vjolenza politika u ma jagħtix l-istess trattament u kunsiderazzjoni lit-talba tar-rikorrenti, l-intimat qiegħed ukoll jaġixxi b'mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti;*

*48. Illi oltre dan, it-trattament mogħti mill-Gvern f'każijiet ta' ħlas ta' kumpens lill-vittmi ta' delitti minnu meqjusa li seħħew minħabba ċirkostanzi soċjali u jew politiċi pubbliċi u/jew ta' prestazzjoni ta' servizz lill-Gvern, joħloq b'mod ċar ukoll dik l-aspettattiva leġittima li każijiet simili jiġu trattati bl-istess mod mingħajr distinzjoni, diskriminazzjoni jew xi proċess ta' selezzjoni u għalhekk joħloq ukoll vinkolu legali bejn il-Gvern ta' Malta u ċ-ċittadin ordinarju fil-każ odjern, ir-rikorrenti, li jiġi lilhom rikonoxxut u legalment akkwiżit, id-dritt li jistennew l-istess trattament f'ċirkostanzi simili;*

*49. Illi l-fatt li l-intimat, minkejja talbiet bonarjament magħmula mir-rikorrenti u kif ukoll Protest Ġudizzjarju tal-15 ta' Marzu 2019 u l-ittra uffiċċjali datata 13 ta' Lulju 2020, li segwew interpellazzjonijiet bonarji, l-anqas biss wieġeb għall-istess jkompli jipperpetra l-inġustizzja;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, in vista tal-fuq premess, jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-għejbien fil-15 ta' Frar 1982 u d-delitt tal-omiċidju li segwa ta' Lino Cauchi, ir-raġel u missier rispettiv tar-rikorrenti, seħħ riżultat tal-klima politika ta' dak iż-żmien u bħala konsegwenza tal-fatt li kawża tas-servizzi professjonali li Lino Cauchi kien jippresta lil diversi nies, wħud minnhom fi ċrieki politikament vjolenti u abbużivi ta' dak iż-żmien, inkluż membri formanti parti mill-Gvern, fi żmien politiku turbulenti u vjolenti, kien jaf b'diversi abbużi;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-Gvern ta' Malta naqas milli jipproteġi l-ħajja ta' Lino u Cauchi, u wara l-għajbien tiegħu fil-15 ta' Frar 1982, u s-*

*sejbien tal-fdalijiet tiegħu fil-15 ta' Novembru 1985 naqas milli jwettaq investigazzjoni f'waqtha, propizja, u leġittima kif mistenni minn Stat li jiffunzjona, bi ksur tad-dritt fundamentali għall-ħajja kif sanċit mill-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli dirrettament permezz tal-Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi li n-nuqqas ta' ġustizzja għall-familja Cauchi għal dawn l-aħħar 38 sena u aktar, mingħajr tweġibiet għall-mistoqsijiet dwar dak li seħħ kellu effett perpetwu u katastrofiku fuq ħajjithom u fuq is-saħħa psikika tagħhom, u dan bi ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-ħajja privata tagħhom, u tal-familja tagħhom, li l-Istat għandu obbligu pożittiv illi jħares, u dan kif sanċit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem applikabbli direttament fil-liġi tagħna permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Tiddikjara u tiddeċiedi li Lino Cauchi u l-familja tiegħu kienu ddiskriminati mill-Istat meta naqas milli jinvestiga l-għajbien ta' Lino Cauchi fil-15 ta' Frar 1982 u s-sejbien tal-fdalijiet tiegħu fil-15 ta' Novembru 1985, minħabba l-implikazzjonijiet politiċi tal-każ, u ddiskriminati wkoll meta l-Istat għal darb'oħra naqas milli jagħti kumpens xieraq u dovut lir-rikorrenti bħalma ngħataw kumpens diversi individwi u familjari tagħhom f'każijiet ferm inqas gravi li lkoll seħħew fl-istess żmien ta' klima politika vjolenti meta għeb u nqatel brutalment Lino Cauchi, u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. *Prevja kull dikjarazzjoni ta' eligibiltà għal tali kumpens, tordna lill-intimat li jħallas lir-rikorrenti tali ammont minnha meqjusa xieraq u ġusta fiċ-ċirkostanzi in linea ta' kumpens hekk kif l-intimat ħallas u aġixxa f'każijiet oħra jew somma ulterjuri li jogħġobha tordna dina l-Onorabbli Qorti;*

2. Rat illi fit-28 ta' Settembru 2020, l-intimat laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   *Illi b`din il-kawża r-rikorrenti qegħdin jallegaw ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom b`mod partikolari tal-jeddijiet imsemmija fl-Artikoli 2, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u fl-Artikoli 33 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan minħabba l-għajbien ta` Lino Cauchi li seħħ fil-15 ta` Frar 1982. Ir-rikorrenti qegħdin jallegaw li l-Istat Malti naqas milli jipproteġi l-ħajja ta` Lino Cauchi fi żmien meta pajjiżna kien għaddej minn żminijiet diffiċli u li l-għajbien ta` Lino Cauchi seħħ minħabba il-klima politika ta` dak iż-żmien u l-konnessjonjiet li l-istess Lino Cauchi kellu ma` politiċi tal-Gvern ta` dak iż-żmien. Konsegwenza ta` dan, ir-rikorrenti qed jallegaw ukoll li l-Istat Malti naqas mill-obbligazzjonjiet pożittivi tiegħu sabiex iħares il-jedd għall-ħajja tal-familja u li ġew diskriminati peress li matul dawn is-snin kollha qatt ma ngħataw kumpens għal dak li ġara.*

*Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

*1. Illi ibda biex l-esponenti jagħmilha ċara li huwa sensittiv għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti li tilfu membru għażiż tal-familja tagħhom f`ċirkostanzi traġiċi u dolorużi u jista' jifhem s-sens ta` frustrazzjoni minħabba li s`issa ma kienx hemm eżitu pożittiv fl-investigazzjonijiet sabiex il-każ jiġi solvut.*

*2. Illi preliminarjament jiġi eċċepit li l-Onorevoli Prim Ministru m`huwiex il-leġittimu kontradittur tal-vertenza odjerna u dan għaliex il-Prim Ministru, li jirrapreżenta il-brank Ezekuttiv tal-Istat, huwa awtonomu u indipendenti minn kwalunkwe investigazzjoni li tagħmel il-pulizija u għalhekk m`huwiex propizju li jintrometti ruħu f`investigazzjonijiet magħmula kemm mill-brank Ġudizzjarju u kif ukoll mill-Pulizija.*

*3. Illi, bla preġudizzju għas-suespost, in vista tal-fatt li d-delitt fuq il-persuna ta' Lino Cauchi sar qabel is-sena 1987, l-Artikoli 2, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jistgħux jiġu invokati f'dan il-każ u dan minħabba dak li hemm provdut fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*4. Illi fil-mertu, in kwantu r-rikorrenti jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali protetti bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jissottometti li dak li jipprospettaw dawn l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali huwa r-rispett lejn il-ħajja u li per konsegwenza f'każ li jseħħ delitt l-Istat huwa obbligat li jikkonduċi investigazzjoni effettiva li tkun magħmula b'mod metikoluż u imparzjali u dan għal għan aħħari li jkun jista' jiġi identifikat min huwa responsabbli għad-delitt sabiex jirrispondi għal tali aġir quddiem il-qrati. Għalhekk l-obbligu tal-Istat huwa fost affarijiet oħra, li jfittex u jiġbor l-evidenza li tiċċirkonda l-inċident billi jiġu mitkellma x-xhieda okulari, tinġabar u tiġi analizzata evidenza forensika u kif ukoll li ssir l-awtopsja fuq il-vittma sabiex tiġi stabbilita r-raġuni preċiża tad-deċess.*

*5. Illi l-esponent jiċħad bl-aktar mod kategoriku bħala nfondati l-insinwazzjonijiet u l-konġetturi illi hemm fir-rikors promotur li jagħtu x`jifhem li l-investigazzjoni ma saritx sew jew li kien hemm saħansitra aġir in mala fede mill-istituzzjonijiet sabiex il-każ ta` Lino Cauchi ma jissolva qatt.*

*6. Tajjeb li jiġi enfasizzat il-fatt li Lino Cauchi għeb fil-15 ta` Frar 1982 u s-sejba tal-fdalijiet umani f`bir fil-Buskett, li wara rriżultaw li kienu ta` Lino Cauchi, seħħ biss fil-15 ta` Novembru 1985. Minn dak iż-żmien `l hawn l-investigazzjonijiet tkomplew taħt amministrazzjonijiet differenti ta` xejriet politiċi diversi u taħt it-tmexxija ta` Prim Ministri, Avukati Ġenerali u Kummissarji tal-Pulizija differenti u xorta waħda d-delitt baqa' irriżolt. Sfortunatament fiż-żmien meta seħħ il-każ ma kienx hawn l-avvanzi fit-*

*teknoloġija u fil-forensika li forsi kienu jiffaċilitaw ix-xogħol tal-investigaturi u tal-Maġistrati Inkwirenti sabiex il-każ in kwistjoni jissolva darba għal dejjem pero` dan ma jfissirx li l-awtoritajiet matul s-snin kienu għal kollox passivi jew li addirittura ma kinux in buona fede.*

*7. Illi għalhekk l-esponent qatt ma jista' jaqbel ma dak li ġie sottomess fir-rikors in risposta partikolarment peress illi ladarba d-delitt m`huwiex riżolt huwa impossibli li wieħed, ikun min ikun, jasal għall-konklużjoni dwar minn kienu l-persuni responsabbli u x`kien il-motiv li għalih sar.*

*8. Illi dan apparti il-fatt li din il-Qorti ma għandhiex u ma tistax tintuża bħala strument investigattiv ta` reati kriminali b`mod partikolari meta tali investigazzjoni għadha għaddejja quddiem l-awtoritajiet intiżi biex jagħmlu tali investigazzjonijiet. Mil-lista tax-xhieda li ġiet ippreżentata mar-rikors promotur huwa evidenti li dak li jridu jagħmlu r-rikorrenti huwa proprju li jużaw lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tinvestiga hi l-każ ta` Lino Cauchi.*

*9. Illi r-rikorrenti jinvokaw ukoll ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea li jirrigwarda d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, tad-dar u huwa marbut mal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Istat naqas mill-obbligi pożittivi tiegħu sabiex iħares dan il-jedd.*

*10. Illi sabiex indħil ma jġibx ksur tal-jedd ta' indivdwu taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ir-restrizzjoni imposta trid tkun saret 'skont il-liġi' u tkun 'meħtieġa f'soċjeta' demokratika' sabiex jitħarsu wieħed jew aktar mill-għanijiet li għalih il-Konvenzjoni tippermetti li jseħħ l-indħil bħal dak. Fost tali għanijiet, l-Artikolu 8 (2) tal-Konvenzjoni jsemmi l-ħarsien tal-jeddijiet ta' ħaddiehor jew tas-saħħa jew l-integrita' morali tal-oħrajn. Fis-sentenza tagħha tal-4 ta` Diċembru 2007 fil-kawża Dickson vs UK il-Qorti Ewropeja qalet hekk – The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities. Għalhekk l-indħil mill-awtorita` pubblika għandu jkun fil-każi speċifikament kontemplati fit-tieni paragrafu ta` l-Art. 8 (ara d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja tal-24 ta` Settembru 2007 fil-kawża "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art.8 dak li jrid jiġi stabbilit huwa jekk tkunx teżisti ħajja familjari li ħaqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx ġustifikata (ara "Raid Mabruk El Masri vs L-Onorevoli Prim Ministru et" - PAK/GV - 4 ta` Ottubu 2004).*

*11. Illi f`dan il-każ ma kien hemm l-ebda indħil dirett mil-awtoritajiet rigward id-dritt tar-rikorrenti għal-ħajja privata u tal-familja u għalhekk huwa inspjegabbli kif ir-rikorrenti qed tinvoka dan l-artikolu.*

*12. Illi pero' mhux kontestat li dan l-artikolu ġie interpretat anke fid-dawl ta` l-obbligazzjonijiet tal-Istat li joħloq mekkaniżmu biex il-jedd jiġi mħares.*

*13. Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja irriteniet li dak li huwa kruċjali biex tiġi determinata kwistjoni dwar jekk l-Istat issodisfax l-obbligazzjonijiet pożittivi tiegħu huwa proprju li jkun hemm l-obbligu ta` investigazzjoni mill-awtoritajiet u qafas ġudizzjarju bl-għan li min hu responsabbli jiġi investigat u jitressaq il-Qorti biex jaffaċċja il-ġustizzja. Ikun hemm vjolazzjoni tal-obbligi pożittivi tal-Istat biss jekk jiġi ppruvat passivita` assoluta mill-Istat biex tittieħed azzjoni effettiva. Il-fatti fil-mertu żgur li ma jippruvawx li l-Istat Malti kien għal kollox passiv u għalhekk anke din l-lanjanza mhijiex mistħoqqa u għandha tiġi miċħuda.*

*14. Illi għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u ċioe' l-ilment mibni fuq allegata diskriminazzjoni, l-esponenti jissottometti li huwa neċessarju illi sabiex wieħed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid ikun qiegħed jipparaguna sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament differenti sabiex il-paragun isir fuq il-bażi ta' 'like with like'. Jingħad ukoll la l-esponent Prim Ministru u lanqas l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ma jamministraw skemi ta` kumpens għall-vittmi tad-delitti.*

*15. Illi fir-rikors promotur r-rikorrenti mhumiex qed jitolbu kumpens ex gratia iżda qegħdin jallegaw dritt kontra l-Gvern fondat ukoll fuq allegazzjonijiet ta` amministrazzjoni ħażina mħallta ma` insinwazzjonijiet ta` mala fede u attribuzzjonijiet ta` motivazzjonijiet mhux xierqa. Din hija xi ħaġa totalment differenti mis-sempliċi talba għal kumpens taħt skema ta` kumpens ex gratia lil vittmi ta` delitti. Dan hu biżżejjed biex tiġi riġettata l-pretensjoni ta` diskriminazzjoni miġjuba mir-rikorrenti peress li ż-żewġ sitwazzjonijiet ma humiex komparabbli.*

*16. Illi l-esponent jiċħad li saret tali diskriminazzjoni u jiċħad li kien hemm xi persuni li kienu fl-istess sitwazzjoni tar-rikorrenti (u li damu daqs ir-rikorrenti biex jivvantaw pretensjoni għall-kumpens) li ġew trattati b`mod differenti.*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mir-rikorrenti mar-rikors promotur, ossija:

    a. Kopja ta' wħud mill-pagamenti *ex gratia* li saru mill-Gvern;

    b. Kopja tal-Affidavit ta' Joseph Pace li kien ippreżentati waqt il-kawża fl-ismijiet Joseph Borg vs Joseph Pace noe (Rik Nru 512/89 NA);

    c. Kopji ta' diversi artikli minn diversi ġurnali dwar il-każ Lino Cauchi.

4. Rat l-affidavit ta' **Richard Cauchi**, ippreżentat fit-3 ta' Frar 2021. (fol 124-126)

5. Rat l-affidavit ta' **Joe Cauchi**, ippreżentat fit-3 ta' Frar 2021. (fol 128-134)

6. Rat id-dokumentazzjoni ossija artikoli varji li dehru fil-gazzetta fis-snin dwar l-qtil ta' Lino Cauchi, fosthom artikoli li dehru fil-1985 meta nstab il-kadavru tiegħu ġewwa bir.

7. Semgħet ix-xhieda tal-**Imħallef Emeritus Lawrence Quintano**, (fol 148 sa 156) mogħtija fit-3 ta' Frar 2021 bħala Chairman tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni li rrifjuta illi jixhed peress illi prekluż a tenur tal-Artikolu 15 tal-Kap 326 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Victoria Buttigieg**, (fol 157 sa 165) mogħtija fit-3 ta' Frar 2021 bħala Avukat Ġenerali, fejn eżebiet l-atti tal-inkjesta fil-15 ta' Novembru 1985 imsejħa "Is-sejba ta' Katavru f'lok magħruf bħala l-Bosk, limiti tar-Rabat", li qed jinżammu fis-sigrieta minn dina l-Qorti sakemm il-kawża tkun res ġudikata.

9. Semgħet ix-xhieda tas-**Supretendent James Grech**, (fol 167 sa 191) li kien stazzjonat għal żmien fil-Major Crime Unit, mogħtija fit-3 ta' Frar 2021, li rrapporta dwar l-investigazzjoni illi saret mill-Pulizija kif jirriżulta mid-dokumentazzjoni fil-pussess tagħha.

10. Semgħet ix-xhieda tal-**Ispettur Sean Pauley** mogħtija fit-3 ta' Frar 2021 (fol 192 sa 196) u fit-3 ta' Ġunju 2021 (fol 635 sa 644), fejn eżebixxa kopji tal-Police Files relatati mal-investigazzjonijiet tal-Pulizija.

11. Semgħet ix-xhieda ta' **Dione Borg**, ġurnalist tal-gazzetta 'In-Nazzjon' mogħtija fit-3 ta' Frar 2021, (fol 197 sa 220), li xehed dwar investigazzjonijiet ġurnalistiċi illi huwa kien għamel dwar il-każ, fejn eżebixxa dokument mogħti lilu u miktub minn Joe Borg (fol 249-250).

12. Semgħet ix-xhieda ta' **Matthew Xuereb**, ġurnalist tal-gazzetta 'Times of Malta, mogħtija fit-3 ta' Frar 2021, (fol 251 sa 255) li eżebixxa serje ta' artikoli illi dehru fil-gazzetta Times of Malta dwar il-qtil ta' Lino Cauchi.

13. Semgħet ix-xhieda ta' **Neil Camilleri**, Editur tal-gazzetta 'The Malta Independent', mogħtija fit-3 ta' Frar 2021, (fol 273 sa 285) li eżebixxa serje ta' artikoli illi dehru fil-gazzetta 'The Malta Independent' dwar il-qtil ta' Lino Cauchi.

14. Semgħet ix-xhieda ta' **Ronald Vassallo**, Editur tal-gazzetta 'Kulħadd', mogħtija fit-3 ta' Frar 2021, (fol 286 sa 292) li eżebixxa serje ta' artikoli illi dehru fil-gazzetta 'Kulħadd' dwar il-qtil ta' Lino Cauchi.

15. Semgħet ix-xhieda ta' **Raymond Scicluna**, Skrivan tal-Kamra tar-Rappreżentanti, mogħtija fit-3 ta' Frar 2021 (fol 293 sa 297) li eżebixxa serje ta' dokumenti u rapporti illi kienu ġew ippreżentati fil-Kamra tar-Rappreżentanti. (RS 1 sa RS 1043)

16. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Anthony Abela Medici**, permezz ta' video conferencing, mogħtija fit-3 ta' Frar 2021, li kien l-espert forensiku mqabbad fl-Inkjesta Maġisterjali miftuħa wara s-sejbien ta' fdalijiet umani f'bir fil-post magħruf bħala il-Bosk, il-

Buskett, limiti tal-Girgenti, fil-15 ta’ Novembru 1985, u eżebixxa r-relazzjoni peritali tiegħu redatta fil-11 ta’ Mejju 1988 (fol 319 sa 329).

17. Semgħet ix-xhieda ta’ **Joseph Borg**, mogħtija fit-3 ta’ Frar 2021 (fol 330 sa 373).

18. Rat illi fl-24 ta’ Mejju 2021 ġew eżebiti mir-**Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili**, dokumentazzjoni ppreżentati fil-proċeduri ‘Professur Edwin Grech et vs l-Onorevoli Prim Ministru’ Rik Kost 2/08, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta’ April 2011. (Fol 415 sa 464)

19. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti fit-3 ta’ Ġunju 2021, fosthom korrispondenza skambjata mal-Gvern f’diversi snin rigwardanti l-possibbilta’ ta’ kumpens għall-akkadut kif ukoll artikoli pubblikati f’gazzetti lokali.

20. Rat ir-rapport tar-Riżultanzi tal-Investigazzjoni tal-**Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni** datat 23 ta’ Frar 1990 dwar allegazzjoni ta’ atti ta’ korruzzjoni miġjuba ‘l quddiem minn Joseph Borg, Winston Carbone u Helen Camilleri (fol 546 sa 609).

21. Semgħet ix-xhieda ta’ **Dr Angelo Farrugia**, mogħtija fit-3 ta’ Ġunju 2021, illum Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, iżda dak iż-żmien kien Uffiċjal tal-Pulizija li, għall-ewwel sena, kien inkarigat jinvestiga l-għejbien ta’ Lino Cauchi. (fol 610 sa 634)

22. Semgħet ix-xhieda ta’ **Dr Louis Galea**, mogħtija fit-3 ta’ Ġunju 2021, dak iż-żmien tal-għejbien, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll Membru Parlamentari. (fol 645 sa 653)

23. Semgħet ix-xhieda ta’ **Noel Grima**, mogħtija fit-3 ta’ Ġunju 2021, ġurnalist u, għal żmien, Editur tal-ġurnal The Malta Independent (fol 654 sa 662), li xehed dwar artikoli minnu miktuba.

24. Semgħet ix-xhieda ta’ **Mark Manfre**, mogħtija fit-3 ta’ Ġunju 2021, iben il-mejjet Carmelino Manfre, li kien f’ditta ta’ accountants ma’ Lino Cauchi sa ftit qabel ma inqatel.

25. Semgħet ix-xhieda ta’ **Matthew Agius**, mogħtija fit-3 ta’ Ġunju 2021, ġurnalist tal-gazzetta ‘Malta Today’, mogħtija fit-3 ta’ Ġunju 2021, (fol 681 sa 802) li eżebixxa serje ta’ artikoli illi dehru fil-gazzetta Malta Today dwar il-kwistjoni tan-National Bank of Malta, li ftit li xejn huma rilevanti għall-proċeduri odjerni.

26. Semgħet ix-xhieda ta’ **Pasqualino Sammut**, mogħtija fit-3 ta’ Ġunju 2021, persuna illi għażel di sua sponte, jitla’ jixhed fuq fatti li kien jaf, fejn stqarr li darba ltaqa’ ma’ omm Lino Cauchi waqt li kien fuq ix-xarabank. (fol 803 sa 807)

27. Semgħet ix-xhieda ta’ **Brian Sullivan**, mogħtija fit-3 ta’ Ġunju 2021, li kien persuna li kien ħabib ta’ Lino Cauchi u kienu jilgħabu football flimkien. (fol 807 sa 810)

28. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 14 ta’ Awissu 1991 fil-kawża **Il-Pulizija vs l-Onor Lawrence sive Lorry Sant, Pius sive Piju Camilleri, Victor Balzan, Giuseppe sive Joseph Camilleri, Joseph Pace u John sive Ganni Camilleri’** deċiża fl-14 ta’ Awissu 1991.

29. Semgħet ix-xhieda ta' **Rosette Spiteri Cachia**, Segretarja tal-Uffiċċju tal-Presidenza ta' Malta, mogħtija fit-3 ta' Ġunju 2021. (fol 836 – 838)

30. Semgħet ix-xhieda ta' **Leonard Callus**, li kien jaħdem fis-Segretarjat tal-Prim Miinstru bejn is-snin 2004 sa 2013, mogħtija fit-3 ta' Ġunju 2021. (fol 839 – 846)

31. Rat illi r-rikorrenti, fit-3 ta' Ġunju 2021, iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

32. Semgħet ix-xhieda ta' **Angelo Baldacchino**, Spettur tal-Pulizija fi żmien s-sejba tal-fdalijiet ta' Lino Cauchi, mogħtija fit-13 ta' Lulju 2021. (fol 850 sa 882)

33. Semgħet ix-xhieda ta' **Pierre Calleja,** Deputat Kummissarju irtirat tal-Pulizija, li sa mis-sena 1991 sakemm irtira kien involut fid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali (CID) (fol 858 sa 872) mogħtija fis-27 ta' Settembru 2021.

34. Semgħet ix-xhieda ta' **Angelo Caruana**, Spettur irtirat mill-Korp tal-Pulizija, li kien għamel żmien bħala Spettur fis-CID meta reġgħu bdew l-investigazzjoniijiet, (fol 886 sa 901) mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2021.

35. Semgħet ix-xhieda ta' **John Rizzo**, Kummissarju tal-Pulziija irtirat u ġia Supretendent u Assistent Kummissarju responsabbli mis-CID għal żmien twil (fol 902 sa 939), mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2021.

36. Semgħet ix-xhieda ta' **Antonello Grech**, Supretendent tal-Pulziija irtirat, għal xi żmien stazzjonat fis-CID (fol 942 sa 950), mogħtija fit-13 ta' Jannar 2022.

37. Semgħet ix-xhieda ta' l-**Assistent Kummissarju Sandro Gatt**, assenjat fis-sena 2020 sabiex jerġa' jeżamina mill-ġdid il-każ ta' Lino Cauchi, (fol 951 sa 966), mogħtija fit-13 ta' Jannar 2022, u rat id-dokumentazzjoni minnu ottjenuta mill-files tal-Pulizija in konnessjoni ma' komunikazzjoni u azzjonijiet minnha magħmula fl-ewwel snin tal-investigazzjoni. (fol 967 sa 984)

38. Rat illi fit-13 ta' Jannar 2022 l-intimat ddikjara illi ma kellux aktar provi u għalhekk il-l-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali.

39. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tar-rikorrenti ippreżentati fit-2 ta' Frar 2022.

40. Rat is-sottomissjonijiet bil-mitkub tal-abbli difensur ta' l-intimat ippreżentati fis-26 ta' April 2022.

41. Semgħet it-trattazzjoni finali orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema data il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti**

42. Il-każ odjern jirrigwarda l-qtil, li seħħ b'mod l-aktar krudili ta' Paul sive Lino Cauchi, raġel tar-rikorrenti Anna, illum Cassar, u missier Paolo Cassar, fejn l-istess Cauchi

sparixxa wara nofsinhar tal-ġurnata tal-15 ta’ Frar 1982 u instab biss tlett snin u nofs wara, ossija fil-15 ta’ Novembru 1985, imqatta’ biċċiet u mwaddab ġo erbgħa boroż suwed fil-qiegħ ta’ bir, ġewwa il-Buskett, fejn irriżulta illi nqatel permezz ta’ daqqa’ ta’ mazza, li nstabet fuq il-post ukoll.

43. Jirriżulta illi għalkemm il-qtil ta’ Lino Cauchi seħħ aktar minn erbgħin sena ilu, sa llum il-ġurnata, għadu ma tressaq ebda persuna in konnessjoni tal-qtil tiegħu u għalhekk dana d-delitt makabru għadu ma huwiex solvut sad-data ta’ llum.

44. Jirriżulta illi r-rikorrenti, mart u iben il-maqtul Lino Cauchi, jikkontendu illi l-qtil tiegħu kien riżultat tal-klima politika mwergħa ta’ dak iż-żmien w il-fatt li kien irendi servizz lill-persuni fi ċrieki politikament vjolenti u korrotti w jisħqu li l-Gvern naqas lejn Lino Cauchi u lejhom fl-aġir tiegħu.

45. Jirriżulta illi, abbażi ta’ dan, huma talbu lill-Qorti sabiex:

   a. Tiddikjara lli d-delitt kien riżultat tal-klima politika ta’ dak iż-żmien;

   b. Tiddikjara li n-nuqqas li jipproteġu lil Lino Cauchi w li jinvestigaw il-każ illeda d-dritt tagħhom għall-ħajja, kif sanċit fl-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2 tal- Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (minn issa ‘l quddiem imsejħa “Konvenzjoni”;

   c. Tiddikjara lill n-nuqqas ta’ ġustizzja kellha effett perpetwu u katastrofiku fuq ħajjithom u dan bil-ksur tad-dritt tagħhom għal ħajja privata kif sanċita fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

   d. Tiddikjara illi huma ġew diskriminati meta l-awtoritajiet naqsu milli jinvestigaw il-qtil brutali ta’ Lino Cauchi u naqsu milli jagħtu kumpens xieraq, bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

   e. Tikkundanna lill-intimat iħallas dak il-kumpens li jidrilha xieraq.

46. Jirriżulta illi, da parte tiegħu, l-intimat Prim Ministru, laqa’ għal dak mitlub billi, filwaqt li jifhem l-frustrazzjoni tar-rikorrenti in vista ta’ telfien ta’ membru għażiż tal-familja f’ċirkostanzi traġiċi u dolotużi iżda ċaħad dak mitlub billi qal is-segwenti:

   a. Preliminarjament, l-Artikolu 2, 8 u 14 tal-Konvenzjoni ma japplikawx stante illi, abbażi tal-Artikolu 7 tal-Att 319 li daħħal in vigore il-Konvenzjoni, dawn ma japplikawx għal dak illi seħħ qabel is-sena 1987.

   b. Ċaħad illi hemm xi ksur tad-dritt għall-ħajja tar-rikorrenti kif sanċit fl-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 2 tal-Konvenzjoni peress illi ma huwiex minnu illi l-investigazzjonijiet ma sarux jew saru in mala fede

   c. Ċaħad li hemm xi ksur għad-dritt tal-ħajja privata tar-rikorrenti kif sanċit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni peress illi insista ma seħħ ebda indħil fil-ħajja privata tagħhom bl-aġir tal-awtoritajiet, għalkemm stqarr illi dan l-artikolu ġie wkoll interpretat fid-dawl ta’ l-obbligazzjonijiet tal-Istat li joħloq mekkaniżmu biex dan il-jedd jiġi mħares.

d. Ċaħad illi b'xi mod iddiskrimina kontra r-rikorrenti meta ġew miċħuda kumpens, peress illi ma teżistix istanza simili għal dik tar-rikorrenti stante illi, fil-każ odjern, r-rikorrenti ma humiex qed jitolbu kumpens ex gratia, iżda qed jitolbu danni fuq allegazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina mħallta ma' insinwazzjonijiet ta' mala fede u attribuzzjonijiet ta' motivazzjonijiet mhux xierqa.

## Provi miġbura

47. Tul il-proċeduri quddiem il-Qorti, ttellgħu varji xhieda mill-partijiet, w il-Qorti ser tagħmel referenza għal dawk ix-xhieda w dokumentazzjoni illi din il-Qorti deherilha rilevanti biex jiġu stabbiliti l-fatti tal-każ.

### I. Richard Cauchi

48. Richard Cauchi, li jiġi ħu Lino Cauchi, fl-affidavit tiegħu (fol 124 sa 126), jiftakar li meta l-għada filgħodu ġie mgħarraf minn oħtu Marianne, li Lino ma kienx mar lura d-dar, mal-ewwel ħaseb ħażin u, meta għarraf lill-ommu, din mal-ewwel kkonkludiet li t-tifel tagħha, Lino kien inqatel. Ommu insistiet li tiltaqa' dak il-ħin mal-Kap tal-Opposizzjoni ta' dak iż-żmien, Dr Eddie Fenech Adami, liema laqgħa saret dakinhar stess.

49. Jiftakar ukoll illi l-għada filgħodu, meta kien ħdejn id-dar ta' ħuh Lino, avviċinah il-Kappillan ta' Santa Venera li qallu "Heddewni biex ma nersaqx 'l hawn. Għid lill-missierek biex ifittxu fil-bjar". Ikompli jgħid illi ħuh Joe Cauchi kien qed imur regolarment d-Depot tal-Pulizija sabiex jara x'kien qed isir, u dan sakemm, ġurnata minnhom, hemm kif wasal lura d-dar, sab il-karozza tiegħu mċappsa bid-demm.

50. Wara ħafna snin, fejn, wara li kien instab ġewwa bir il-Buskett, ma kien hemm ebda żvilupp fl-indaġni dwar min kien qatel lill-ħuh, fis-sena 2000 kien avviċinat minn Noel Grima li għarrfu lill-persuni li ma ridux isemmu isimhom infurmaw li lil Lino:

"*kienu ħaduh il-kamrata u hemm għamlulu revolver ma' rasu u r-revolver ħa. Qalli minn hemm ħaduh iċ-Chadwick Lakes u għattew bil-ħamrija iżda xita qliel li għamlet matul dak il-lejl kaxkar kollox u allura l-katavru ta' ħija ġarrewh għal Ħad Dingli sakemm sabu xi farm tal-annimali fejn qattgħuh biċċiet. Il-fdalijiet poġġewhom f'boroż u tefgħuhom ġo bir fil-post magħruf bħala l-Bosk.*"

### II. Joe Cauchi

51. Joe Cauchi, li jiġi ħu Lino Cauchi, fl-affidavit tiegħu (fol 128 sa 134) jiftakar li ħuh Lino, li kien accountant u awditur, kien qallu li kien qed jagħmel xogħol għall-kumpanniji ta' Lorry Sant, Ministru tax-Xogħolijiet ta' dak iż-żmien, u sussegwentement Ministru tal-Intern fiż-żmien wara li għeb, kif ukoll lis-sieħeb kummerċjali tiegħu Piju Camilleri. Spjega fid-dettall dak li ġara l-jiem ta' wara l-għejbien fejn filwaqt illi saħaq li filwaqt il-Pulizija qalulhom biex ma jagħmlu xejn, sussegwentement kellhom huma jibdew jiġru wara l-Pulizija sabiex jagħmlu xi ħaġa, ħaġa li xorta baqgħu jkaxkru saqajhom għal ġimgħat sħaħ biex jagħmlu.

52. Ftakar ukoll illi, dakinhar li sar jaf bl-għejbein, mar għand mart ħuh, r-rikorrenti Anna Cassar, dak iż-żmien Cauchi li kellha tqala ta' tlett xhur bir-rikorrent binha Pawlu Cauchi. Kif kien hemm, hi indikatlu 'files' illi kienu taħt it-taraġ, li Lino kien qalilha ftit jiem qabel l-għejbien tiegħu, u li kien avżaha biex ma tagħtihom lill-ħadd. Hekk kif ivverifika dwar tali files, fosthom kien hemm dokumentazzjoni in konnesjoni mal-kumpanniji illi ħuh kien qallu li qed jieħu ħsieb għal Lorry Sant u Piju Camilleri.

53. Sussgwentement, jiem wara, r-rikorrenti għarrfitu li persuna li ntroduċa lilu nnifsu bħala mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni kien mar u talabha b'insistenza l-files, liema files hija sussegwentement għaddietlu.

54. Stqarr li, madwar sena wara li sparixxa r-raġel tagħha, r-rikorrenti Anna Cassar għamlet appell fuq it-Times sabiex Lino jinħeles – dana wassal sabiex il-Pulizija arrestat lil Anna u ntefgħet f'ċella ġewwa d-Depot b'Pulizija jgħidilha "issa erġa' mur għidilhom lil tat-Times".

55. Joe Cauchi stqarr ukoll li għalkemm il-Pulizija kienu, fil-bidu, qed jgħaddu xi informazzjoni sporadika, bħal per eżempju li, qabel ma miet, ħuh kien ħalla l-karozza tiegħu l-Belt, filwaqt illi attwalment Joe Cauchi kien ra l-karozza tiegħu pparkjata barra l-bieb tad-dar tiegħu dakinhar li sar jaf bl-għejbien tiegħu, xorta l-Pulizija ma kienu qed jagħmlu xejn, u meta mument minnhom missierhom ried jagħmel riklam joffri flus għall-informazzjoni huma qalulu biex ma jagħmel xejn.

56. Sussegwentement, wara li l-Pulizija ħabbrulhom illi l-fdalijiet li sabu kienu ta' Lino, u dana f'Lulju 1986, il-Pulizija qatt ma reġgħu kellmuhom. Saħaq illi, mument minnhom, fis-snin '90, ngħabu esperti ta' Scotland Yard biex jinvestigaw varji każijiet, fosthom ta' Karen Grech u ta' ħuh Lino Cauchi, iżda, fis-sena 1997, kienu bagħtu għalih uffiċjali ta' Scotland Yard li kienu Malta dak iż-żmien, u għarrfuh li l-inkariku tagħhom kien ġie terminat wara li kienu nvestigaw biss il-qtil ta' Karen Grech.

57. Joe Cauchi insista illi l-qtil ta' ħuh Lino Cauchi, kien riżultat tal-involviment tiegħu bħala accountant u awditur ta' kumpanniji u spekulaturi tal-artjiet li kienu viċin ta' Lorry Sant u l-korruzzjoni u pressjoni li kien hemm f'dawk iż-żminijiet, fejn kien hemm ħafna biża' fil-pajjiż u ma kinux iħossuhom protetti mill-Pulizija dak iż-żmien, liema Pulizija kienet politiċizzata, fejn kien hemm varji allegazzjonijiet ta' swat u torturi, li saħansitra wasslu għall-qtil ta' Nardu Debono, filwaqt illi kien hemm impunita assoluta għal persuni viċini ċertu Ministri.

## III. Avukat Ġenerali Dr Victoria Buttigieg

58. L-Avukat Ġenerali Dr Victoria Buttigieg, fix-xhieda tagħha, ikkonfermat illi l-ewwel u l-unika inkjesta illi hemm dwar il-qtil ta' Lino Cauchi kienet dik illi nfetħet fil-15 ta' Novembru 1985, ossija wara li nstabu l-fdalijiet ta' persuna, sussegwentement identifikat bħala Lino Cauchi, ġewwa bir fil-Buskett.

59. Ikkonfermat illi għalkemm l-Maġistrat Inwerenti, dak iż-żmien Maġistrat (illum Imħallef Irtirat) David Sciclulna, kien irrakkomanda lill-Pulziija sabiex tiftaħ inkjesta oħra sabiex tinvestiga l-għejbien ta' Lino Cauchi separatament mill-inkjesta li kellha f'idejha u li kellha titkompla tiġi investigata, jidher illi l-Avukat Ġenerali ta' dak iż-

żmien kien ordna sabiex ma tinfetaħx peress illi ġie kkunsidrat li l-investigazzjoni ulterjuri kienet taqa' taħt l-istess investigazzjoni oriġinali.

## IV. Supretendent James Grech

60. Is-Supretendent James Grech, illum stazzjonat ġewwa l-Econimic Crimes Unit, ma kienx il-persuna li nvestiga l-każ, iżda rrapporta lill-Qorti dak li rriżultalu mid-dokumentazzjoni tal-Pulizija, u jkun opportun illi tiġi riprodotta x-xhieda tiegħu, safejn tirrigwarda kif jidher li saret l-investigazzjoni da parte tal-Pulizija u x'kienet il-linja ta' investigazzjoni tagħhom sakemm eventwalment infetħet l-inkjesta wara s-sejbien ta' katavru li sussegwentement ġie identifikat bħala ta' Lino Cauchi:

> *"… mela l-investigazzjoni kienet bdiet dwar a missing person ta' Paul Cauchi magħruf bħala Lino Cauchi emm … meta kien ġie rappurtat nieqes fis-16 ta' Frar 1982 fis-sebgħa u nofs (7.30) ta' filgħodu mill-mara tiegħu Anna Cauchi. Irrapurtat li Lino ma kienx irritorna d-dar u l-aħħar li kienet ratu kien il-ġurnata ta' qabel, 15 ta' Frar 1982 għal ħabta tas-siegħa u nofs (1.30) ta' wara nofsinhar. Emm … il-karozza tas-Sur Cauchi, Morris 1100 bin-numru ta' reġistrazzjoni T 5151 kienet ipparkjata ħdejn id-dar u kienet imsakkra. L-aħħar informazzjoni li kienet għaddiet lil pulizija kienet illi Lino Cauchi, Accountant u Awditur kien ħareġ mid-dar biex imur fl-uffiċċju li kellu 199, Old Bakery Street, il-Belt u dakinhar ħareġ b'suitcase illi ma kienx uża għal dawk l-aħħar sentejn. Dakinhar jidher illi kien ħareġ bis-suitcase. Minn indaġini li saret irriżulta li fil-15 ta' Frar 1982 l-aħħar darba li deher ħaj Lino Cauchi kienu rawh ġo Old Bakery Street il-Belt għal ħabta tas-sitta u nofs (6.30) ta' filgħaxija, ċertu Frank Fenech u Martin Attard.*
>
> *Attard kien qal illi għas-sebgħa (7.00) ta' filgħaxija kellu jiltaqa' mas-Sur Cauchi għax kellu jissellef mingħandu elf u ħames mitt (1,500) lira maltin. Imma Cauchi ma tfaċċax. Imma rah ftit qabel, kellhom jiltaqgħu biex jgħaddilu xi flus li kellu jissellef mingħandu pero' meta kellhom jiltaqgħu miegħu t-tieni darba ftit wara ma tfaċċax Lino Cauchi.*
>
> *Fl-istess jum, ċioe' fil-15 ta' Frar 1982 għal ħabta tas-sebgħa u nofs (7.30) ta' filgħaxija, Alex Falzon u ħuh ta' A Falzon & Sons Ltd tal-Blata l-Bajda kienu marru d-dar ta' Lino Cauchi għax kellhom jiġbru mingħandu ħames mitt (500) lira maltin li kienu sellfuh ħimgħa qabel. Emm … huma marru jħabbtulu d-dar ovvjament għax raw il-karozza pparkjata pero' ħabbtu lill-mara qaltilhom Lino mhux qiegħed id-dar. Ġie nnutat ukoll li s-soltu Lino Cauchi kien jipparkja l-karozza fid-drive tad-dar u dakinhar kienet fit-triq, ġewwa Psaila Street emm … ftit iktar 'il fuq mid-dar. Fis-17 ta' Frar 1982 filgħodu l-pulizija għamlu search fl-uffiċċju ta' Lino Cauchi l-Belt, fil-presenza ta' ħuh Joseph u aktar tard matul il-jum wara nofsinhar instabet briefcase tal-għamla 'custom' bħal ma kien ħareġ biha Cauchi fil-15 ta' Frar mid-dar. Jidher li l-lock tagħha kien sgassat u dina nstabet fl-inħawi ta' Chadwick Lakes. Nhar it-22 ta' Frar 1982 fis-sitta u nofs u ħamsa (6.35) ta' filgħaxija l-pulizija tkellmu ma' Tereza Grech. Dina kienet impjegata ma' Lino Manfre' … kumpanija ta' Awdituri Diamantino and Manfre rigward xi allegazzjoni ta' xi bearer accounts ta' Manfre ġewwa l-Isvizzera u dana minħabba l-fatt li Cauchi sa Settembru 1981 qabel beda jaħdem għal rasu,*

*Cauchi għamel sebgħa (7) snin jaħdem ma' Manfre u jidher li s-suspetti kienu li jidher li seta' ġara xi ħaġa relatata ma' dawn il-bearer accounts. Din kienet informazzjoni li kien irċieva dak iż-żmien l-ex deputat kummissarju Mifsud Tommasi. Fl-istess jum 22 ta' Frar 1982 fis-sebgħa (7.00) ta' filgħaxija il-pulizija tkellmu ma' Mark Manfre, it-tifel ta' Carmel, magħruf bħala Lino Manfre ... naħseb li Carmelino ... minħabba li meta ġara dan kollu, Manfre kien mejjet u allura ma setgħux jagħmlu enquiries miegħu l-pulizija emm ... u jissemma' l-fatt kif jidher li kien semmieh emm ... Mark Manfre ... li Manfre kien miet f'ċirkustanzi suspettużi ġewwa l-isptar ftit xhur qabel ma Lino Cauchi ġie nieqes. Fil-25 ta' Frar 1982 inħareġ mandat ta' arrest kontra l-mara ta' Lino Cauchi. Anne Cauchi. U dan fuq suspett illi setgħet kienet taf iktar dwar l-għejbien ta' żewġha, wara li l-investigatur raha kalma ħafna u l-mod kif kienet qed toqgħod għal camers mal-ġurnalisti fir-ritratti li kienu jieħdulha u jidhru fuq il-gazzetta dak iż-żmien.*

*Il-Qorti :*
*L-investigatur min kien?*

*Ix-Xhud :*
*Dak iż-żmien kien emm ... l-ispettur Angelo Farrugia. Jidher ukoll illi bdew isiru tfittxijiet ġewwa birijiet fl-inħawi ta' Ħal Qormi, fl-egħlieqi u jidher li fl-opinjoni tal-investigatur emm ... dak iż-żmien l-Ispettur Angelo Farrugia emm ... jekk ġara xi ħaġa ħażina lil Lino Cauchi seta' kien relatat ma' dawn il-bearer accounts u seta' jagħti l-każ li Lino Cauchi kien ġie sekwestrat minħabba li kien jaf informazzjoni importanti fir-rigward ta' dawn il-bearers ta' Manfre. Nhar l-20 ta' Marzu 1982 fis-sitta (6.00) ta' filgħaxija, l-Ispettur Angelo Farrugia kien ġie infurmat mid-duty officer tad-Depot, dak iż-żmien kien l-ispettur Alfred Abela, emm ... illum spiċċa mill-pulizija b'assistent kummissarju ... emm ... li Anna Cauchi kienet irċeviet ittra anonima. Din l-ittra kienet irċevietha fl-20 ta' Marzu emm ... pero' fiha kien hemm miktub sabiex fid-19 ta' Marzu 1982 fil-ħdax (11.00) ta' filgħodu, allura l-ġurnata ta' qabel, kellha tħalli pakkett b'erbat elef (4,000) lira maltin fuq bank ġewwa ġnien Spencer il-Marsa. Jew inkella kienet se tirċievi lil żewġha biċċiet id-dar. L-ittra kienet tgħid illi huma kienu erbgħa (4) minn nies, tnejn (2) minnhom kienu pulizija, Lino Cauchi kien għadu ħaj u b'saħħtu imma jekk tonqos milli żżomm dan l-appuntament kienet se tirċevieh imqatta' biċċiet id-dar.*

*Ovvjament Anna ... Anna Cauchi ma setgħetx tħalli dan il-pakkett minħabba li rċeviet l-ittra jew innutata l-ġurnata ta' wara li kellha tiltaqa' ... se nitkellem fuq it-tieni ittra li mbagħad irċieva l-papa ta' Lino Cauchi fejn fiha hemm referenza illi min kitibha qisu ħass illi Anna Cauchi kienet injorat l-ewwel ittra. Ovvjament ma kinux jafu li ratha ġurnata wara. Pero' fit-23 ta' Marzu 1982, l-Ispettur Anglu Farrugia kien ġie infurmat mill-Ispettur Paul Bond emm ... li kienet ingħaddiet lilu t-tieni ittra din id-darba minn ħu Lino, kienet għaddiet lil pulizija u din kien irċeviha missierhom nhar it-22 ta' Marzu 1982, il-ġurnata ta' qabel. Jidher li l-awtur ta' din l-ittra kien l-istess wieħed ta' l-ewwel ittra u fiha ta struzzjonijiet sabiex iħalli pakkett ta' tlett elef (3,000) lira maltin fuq bank fl-istess ġnien u d-data kienet għal 25 ta' Marzu 1982. Kien hemm miktub ukoll sabiex ma jinvolvix lil pulizija għax wieħed*

*miż-żewġ pulizija fil-klikka tagħhom kien stazzjonat is-CID u kien ikun jaf li informa lil pulizija. Jekk dan isir it-tifel tiegħu imut.*

*Fil-25 ta' Marzu fil-ħdax (11.00) ta' filgħodu inżammet operazzjoni ġewwa ġnien Spencer il-Marsa fejn bi ftehim ma' Emanuel Cauchi, missier Lino, Emanuel ħalla pakkett fuq bank partikolari kif ġie mogħti struzzjonijiet ... jekk niftakar sewwa għax ma ħadtx nota ta' dan id-dettall, emm ... kien hemm xi bank forma ta' xi number eight (8) jekk mhux sejjer żball ... kien hemm dan il-bank partikolari u qalulu biex iħalli dan il-pakkett fuq dan il-bank partikolari. U wara xi ftit kien hemm il-pulizija qed jagħmlu l-observation u deher raġel jersaq lejn il-bank. U dak il-ħin il-pulizija arrestawh. Dan irriżulta li kien ċertu John Barbara, sarulu searches ġewwa r-residenza John, Triq il-Qaddief, Marsa għal xi karti bil-kitba tiegħu a fini ta' komparazzjoni tal-kaligrafija mal-ittri illi kienu rċevew emm ... u fil fatt kien hemm xi samples illi ngħataw lis-section PSS ... naħseb li kienet sezzjoni tad-documents dak iż-żmien jew tal-kaligrafija dak iż-żmien.*

*Fl-istatement tiegħu li ttieħidlu fis-26 ta' Marzu 1982 fil-ħdax (11.00) ta' filgħodu, Barbara kien qal li mar il-ġnien ma' żewġt iħbieb tiegħu, ċertu wieħed Censu u wieħed Johnnie li wara xi ftit iddeċidew li jmorru jieklu u hu baqa' waħdu fil-ġnien. Kien ġie mistoqsi rigward ir-raġuni għaliex mar jiġbor il-pakkett kien stqarr li kienet għelbitu l-kurżita' kif ra l-pakkett waħdu fuq il-bank. L-identita' taż-żewġ persuni l-oħra li semma', Censu u Johnnie ma ġiet qatt stabbilita u allura dawn ma ġew qatt mitkellma. L-involviment ta' Barbara kien ġie eskluż għal fatt illi l-kalligrafija tiegħu jidher illi ma kenitx taqbel ma' dik ta' fuq l-ittri.*

*Kien inħoloq suspett ieħor wara li l-pulizija stħarrġet fuq life insurance illi kellu Lino Cauchi. Din il-life insurance kienet ta' għoxrin elf (20,000) Maltin pero' fit-23 ta' Novembru 1981, kienet ġiet estiża sat-23 ta' Novembru 2004 b'dan illi l-ammont gie irduppjat għas-somma ta' erbgħin elf (40,000). Mela mbagħad fil-21 ta' Frar 1983 ġiet arrestata mart Lino Cauchi, Anna. Din inżammet arrestata bejn in-nofs siegħa (12.30) ta' wara nofsinhar u l-għaxra neqsin għaxra (09.50) ta' filgħaxija pero' ma tirriżultax stqarrija tagħha.*

*Imbagħad jidher li l-investigazzjoni dak iż-żmien reġgħet qamet fl-14 ta' Novembru 1985 meta Dr Paul Mallia kien informa lil pulizija li n-neputi tiegħu ċertu Mario Ciancio ... illi erbat (4) ijiem qabel iġifieri fl-10 ta' Novembru 1985 kien sab partijiet ta' katavru ġewwa bir nofsu mimli emm ... ġewwa l-Bosk, limiti tar-Rabat u dan kien beża' jitkellem u allura tkellem through Dr Paul Mallia li kellem lil pulizija. Dan Ciancio kien sab biċċa mit-torso tiffloatja fl-ilma. Minn għajdut imbagħad meta tkellimt ma' ex pulizija antiki qalu li jiftakru li x'aktarx Ciancio niżel ġol bir għax kien ħa jaħsel il-karozza emm ... niżżel il-barmil ġol bir, waqagħlu u niżel ġol bir ħalli jiġbor il-barmil u kien hemm illi ra dawn il-partijiet ta' ġisem. Beża' u nforma liz-ziju tiegħu. Emm ... kien ġie infurmat il-Maġistrat tal-Għassa, Dr David Scicluna fejn emm ... kienet saret ... kienet bdiet inkjesta.*

*Saret operazzjoni sabiex jitbattal il-bir u mill-bir ittellgħu partijiet ta' katavru emm ... kien hemm torso sħiħ, sal bidu tal-koxox emm ... kien hemm ukoll l-*

*iskull u nstab ukoll sledge hammer ... instabet mazza wkoll. Dwar din is-sejba l-Qorti kienet ħatret patoloġista Ingliż, Dr I West ... li ġie Malta sabiex jiġi determinat jekk il-fdalijiet kinux ta' raġel jew ta' mara u fl-1 ta' Lulju 1986 dan irraporta li kien hemm probabbilta, iżda mhux konfermata li dan il-katavru seta' kien ta' Lino Cauchi. Il-Qorti kienet emm ... qed tikkunsidra jekk kellhiex tordna li ssir video superimposition computer photographic enhancement bejn l-iskull li nstabet mar-ritratt ta' Lino Cauchi emm ... sa dan it-tant b'li kien hemm, ma kienx hemm wisq x'seta' jsir.*

*Il-Qorti tat id-digriet tagħha fis-7 ta' Marzu 1988 u ordnat li din ir-reconstruction kellha ssir l-Awstralja. Fil fatt nhar il-11 ta' Mejju 1988, Dr K Brown ikkonferma li l-iskull kienet kompatibbli ma' dik ta' Lino Cauchi. Irriżulta li l-iskull kellha ħsara permezz ta' diversi daqqiet fil-wiċċ emm ... tnejn minn liema ... waħda minnhom id-daqqa fatali kompatibbli ma' blunt trauma mill-mazza misjuba fl-istess bir.*

*Ir-rilaxx għad difna ngħata fil-21 ta' April 1989. Jidher imbagħad illi fin-1994 ... f'Mejju is-Supretendent imbagħad, Angelo Farrugia kien sar Supretendent kien għadda d-dokumentazzjoni kollha tal-każ lil Kummissjoni tal-Ġustizzja li kienet qed tistħarreġ ir-raġuni għaliex ma nżammitx inkjesta mal-għibien ta' Lino Cauchi.*

61. Mix-xhieda tas-Supretendent James Grech, irriżulta li fis-sena 1996 inħolqot Homicide Commission sabiex jiġi investigat il-każ, fejn instemgħu ħafna persuni, li mhux lokhom jissemmew fil-proċeduri odjerni stante illi l-inkjesta għadha mhux konkluża. Jirriżulta wkoll illi xhieda ewlenin imsemmija mill-aħwa Cauchi instemgħu l-ewwel darba fis-sena 2001/2002. Ix-xhieda baqgħet tinġabar sas-sena 2002, u wara dakinhar ma sar xejn aktar.

**V. Dr Anthony Abela Medici**

62. Dr Anthony Abela Medici, għarraf il-Qorti illi huwa kien tqabbad bħala espert forensiku mill-Maġistrat Inkwirenti, li dak iż-żmien kien il-Maġistrat (illum Imħallef irtirat) David Sciculna, sabiex jmur fuq il-post fejn instab il-partijiet ta' ġisem ġewwa bir. Huwa għarraf il-Qorti li, wara li eventwalment battlu l-bir, instabu erbgħa boroż li fih kien hemm ġisem ta' persuna mqatta' biċċiet. Fir-rapport minnu redatt u eżebit lill-dina l-Qorti, wara li saret awtopsja tal-fdalijiet, ġie stabbilit is-segwenti:

*a) Il-fdalijiet umani kienu jappartjenu għall-raġel adult ta' tul ta' madwar 5 piedi u sitt pulzieri (5° 6") u ta' eta medja bejn tletin (30) u erbgħin (40) sena.*

*b) Il-ġisem kien ġie imqatta' permezz ta' xi "power saw" u possibilment "hand saw". Peress li dawn l-għadam maqtugħin jistgħu jservu ta' prova karatteristika tal-għodda użata f' dan id-delitt, sabiex ġie imqatta' l-ġisem, ġie deċiż li sakemm ma jkunx hemm ħjiel dwar possibilta ta' sejba ta' din l-għodda, jkun iżjed għaqli għall-eventwali preservazzjoni u komparazzjoni li dawn il-qtugħ fl-għadam ma jkunux mimsusa iżjed u għalhekk ma huwiex s'issa opportun li jiġu eżaminati b'aktar reqqa.*

*c) Il-mewt kienet ikkawżata possibilment ta' daqqiet minn xi ħaġa iebsa, u mill-inqas żewġ daqqiet, waħda fuq kull naħa tar-ras, probabbilment mill-mazza misjuba, peress li kien hemm "physical matching" tar-ras ta' dik il-mazza mal-ksur fil-kranju;*

63. L-istess espert Dr Abela Medici jżid li, mal-awtopsja ma setax jiġi stabbilit jekk il-ġisem kienx ta' Lino Cauchi jew le, u għalhekk b'ordni tal-Qorti, il-kranju, mandibile u maxillae kif ukoll frammenti oħra tal-kranju, ossija r-ras tal-kadavru, ittieħed ġewwa il-Forensic Science Centre ġewwa Adelaide, l-Awstralja, fejn f'April 1988, wara testijiet li saru, seta' jiġi kkonfermat illi l-fdalijiet li nstabu kienu attwalment ta' Lino Cauchi.

## VI. Joseph Borg

64. Joseph Borg xehed illi hu, flimkien ma' ċertu Victor Balzan, filwaqt illi kienu mpjegati tal-Gvern, kienu jinnegozjaw fl-artijiet flimkien peress illi kienu ilhom jafu lill-xulxin sa minn meta kienu żgħar. Sussegwentement, it-tnejn telqu mill-Gvern u fetħu kumpannija biex jakkwistaw u jbiegħu propjetajiet. Stqarr illi tali negozjati kienu jinvolu persuni oħra, fosthom ċertu Piju Camilleri, magħruf bħala tal-Ħawsla, u Joe Pace, magħruf bħala tal-Magic Kiosk u kienu jirrigwardaw propjetajiet kbar li, f'dak iż-żmien, ma kellhomx permessi, iżda li sussegwentement, bl-intervent tal-Ministru responsabbli għall-ħruġ tal-permessi, l-Ministru Lorry Sant, l-permessi kienu eventwalment jinħarġu.

65. Borg jgħid illi, mument minnhom, kien hemm biċċiet t'art ġewwa l-Fgura, li ġew akkwistati minn Luqa Developments Limited, li kienet kumpannija illi ġiet iffurmata minn Piju Camilleri u li fiha, skond Borg, iddaħħal hu minn Victor Balzan, sabiex imbagħad jingħaddew propjetajiet li kellhom huma lill-Piju Camilleri u, in rikambju, Piju Camilleri ser jassikura illi jinħarġu permessi fuq artijiet oħra li Borg u Balzan kellhom flimkien, u dan għax Piju Camilleri kien viċin ħafna, jekk mhux il-lunga manus, ta' Lorry Sant.

66. Darba minnhom, qabel il-Milied tas-sena 1981, inqala' disgwid dwar kif kienu qed jinbiegħu l-plots tas-soċjeta' Luqa Developments Limited u, waqt laqgħa li saret fit-8 ta' Diċembru 1981 għand Joe Pace, li kien dejjem bi sħab ta' Piju Camilleri, fl-uffiċċju tiegħu l-Belt, ġie ħu Pio Camilleri, ossija Andrew Camilleri, akkumpanjat minn Lino Cauchi, li ġie indikat lilu bħala accountant illi huma kienu jafdaw. Kien hemm ukoll Victor Balzan, fuq ġia imsemmi, li kien bi sħab ta' Borg, kif ukoll in-Nutar Joseph Henry Saydon, li kien jirrediġi l-konvenji.

67. F'din il-laqgħa, li saret fit-8 ta' Diċembru 1981, Borg jgħid illi Lino Cauchi ħareġ pjanta, illi tinsab eżebita fl-atti tal-kawża a fol 221 bħala LC12, liema pjanta kien hemm notamenti, li jippresumi saru minn Cauchi stess. Borg jirrakkonta li hekk kif ħareġ tali pjanta, Piju Camilleri beda jgħajjat u jhedded lil Lino Cauchi dwar dak illi kien hemm miktub, peress illi kien hemm indikat ħafna pagamenti li attwalment kienu moħbija. Camilleri baqa' jirrabja dwar dak li nkiteb filwaqt illi n-negozjati baqgħu għaddejjin, fejn il-partijiet bdew jaqsmu l-ħamsa u sebgħin plot bejniethom filwaqt illi Cauchi iniżżel notament dwar min kellu jieħu liema art. Il-partijiet ffirmaw ukoll konvenju, wara tali diskussjonijiet, għat-trasferiment ta' propjeta' ġewwa l-Fgura, kif kien isir regolarment bejniethom.

68. Mill-banda l-oħra, Lino Cauchi kien rrediġa ftehim privat sabiex ammont ta’ plots ġewwa Ħal Luqa, li kienu għand Piju Camilleri, kellhom jgħaddu lura għand Borg u Balzan. Tali ftehim ġie redatt minn Cauchi, iffirmat minn kulħadd preżenti u żammu għandu Cauchi. Mitlub kopja ta’ tali ftehim minn Victor Balzan l-għada tal-Milied, Cauchi għarrfu li mingħajr il-permess ta’ Piju Camilleri, ma setax jgħaddilu kopja tiegħu. Finalment, dawna l-artijiet qatt ma ngħaddew lil Borg u Balzan, għax Lino Cauchi sparixxa w id-dokument minnu redatt qatt ma nstab.

69. Eventwalment, skond Borg, kif spiċċa kollox, Piju Camilliri baqa’ jargumenta u mument minnhom, hekk kif intqal lilu li kellhom jiltaqgħu wara l-Milied biex jiffirmaw xi kuntratti finali, huwa għamel theddida fil-konfront ta’ Cauchi fejn qallu l-kliem “issa naraw jekk narawkx sa wara”.

70. Borg jistqarr illi l-laqgħa tat-8 ta’ Diċembru 1981 kienet saret fuq insistenza ta’ Camilleri u kienet waħda urġenti, peress illi ftit jiem wara, fit-12 ta’ Diċembru 1981, kienet ser issir l-elezzjoni, u skond Borg, Camilleri kienu m]assba dwar x’seta’ jiġri fl-elezzjoni.

71. Borg saħaq illi huwa kien imbeżża’ u mhedded minn Camilleri ħafna drabi, u saħansitra fit-30 ta’ Settembru 1983, għamlulu bomba wara il-bieb tad-dar tiegħu, liema bomba eventwalment wasslet sabiex martu, sena wara, tmut kawża ta’ dipressjoni minħabba fil-biża’. Kien hemm okkazzjoni oħra fejn, wara kawża illi kellu l-Qorti ma’ Piju Camilleri, hekk kif kienu għadhom fil-binja tal-Qorti, grupp ta’ persuni mmexxija minn Camilleri avviċinawh u tawh xeba’ fil-Qorti stess.

72. Borg iddeskriva lil Piju Camilleri bħala persuna b’saħħitha ħafna bil-Gvern ta’ dak iż-żmien, peress illi kien viċin u leali lejn Lorry Sant li, minn naħa tiegħu, bħala Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi, li taħtu kienu jaqgħu l-ħruġ tal-permessi, kien appunta lil Piju Camilleri bħala Manager fil-Public Works u kien jieħu ħsieb il-permessi.

73. Borg jisħaq illi Piju Camilleri u Joe Borg, kif ukoll sieħbu stess Victor Balzan, ħadulu ħafna artijiet u fiha kien hemm involut wkoll Lorry Sant, li kien parti mill-konfoffa ta’ tpartit u akkwiżizzjoni ta’ artijiet u ħruġ ta’ permess.

**VII. Investigazzjoni tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni**

74. Jirriżulta illi fost id-dokumentazzjoni varja ppreżentata mir-rikorrenti, hemm ukoll Riżultanzi tal-**Investigazzjoni tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni** datata 23 ta’ Frar 1990 dwar allegazzjoni ta’ atti ta’ korruzzjoni miġjuba ‘l quddiem minn Joseph Borg, Winston Carbone u Helen Camilleri, rapport tassew voluminuż u riżultat ta’ tmenin seduta fejn instemgħu ftit anqas minn 200 xhieda li ġiet traskritta f’ftit anqas minn 1,200 paġna, u ġew miġbura ‘l fuq minn 164 dokument.

**75. Il-Qorti ġiet ippreżentata r-rapport kollu in intjier ta’ tnejn u sittin faċċata, filwaqt li tirrileva illi huwa għajb li rapport daqstant studjat u indikattiv w ta’ importanza storika fejn ingħatat deskrizzjoni ċara tas-sitwazzjoni viġenti f’dawk is-snin, jinżamm ‘il bogħod miċ-ċittadin, li qiegħed jiċċaħħad minn valutazzjonijiet meqjusa fuq fatti gravi li seħħew dakinhar – tali ċaħda tista’ twassal biss sabiex dawna l-fatti jintesew u jerġgħu jirrepetu ruħhom mill-ġdid.**

76. Il-Qorti, filwaqt li tosserva illi ma hijiex possibbli li tirriproduċi r-rapport in intjier, minħabba fil-volum tiegħu, tirrileva li, l-verżjonijiet tal-fatti kif rakkontanti quddiem dina l-Qorti minn Joseph Borg, ġew ri konfermati mill-Kummissjoni li, f'parti mill-konklużjoni tagħha, kellha dan xi tgħid: (fol 598 et seq)

*Ħaġa li tirrikorri ripetutament fil-ġeneralita' tal-każijiet ittrattati hija li jkollok sitwazzjoni fejn jew 'scheme' ma jkunx hemm u mbagħad issir 'scheme', jew inkella jkun hemm 'scheme' u mbagħad issir oħra flokha, jew inkella jkun hemm 'scheme' u joħorġu l-permessi fuqha u mbagħad il-permessi jiġu miżmuma, jew inkella jkun hemm 'scheme' u mbagħad tinbidel, jew inkella jkun hemm art li waslet għall-iżvilupp imma b'danakollu l-'ischemes' ma jsirux, u wara, f'kull każ, dana wara li jidħol fix-xena xi wieħed mill-persuni (inkluż Victor Balzan) li ġew indizjati mit-tlieta min-nies ewlenin, u l-permess tal-bini joħroġ.*

*F'ħafna mill-każijiet issib il-figura ta' Piju Camiller ex-membru tal-P.A.P.B., impjegat tal-Gvern li jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bħala uffiċċjal pubbliku fil-Ministeru tax-Xogħolijiet, dieħel u ħiereġ.*

*Aspett li m' għandux jisfuġġi l-attenzjoni tal-Kummissjoni huwa dak li jikkonċerna l-preparazzjonijiet jew it-tibdiliet tal-pjani regulaturi jew 'schemes' li kienu jsiru u saru fil-każijiet li nvestigat il-Kummissjoni. Dawna l-preparazzjonijiet jew tibdiliet fil-pjani; kellhom ta' bilfors isiru qabel mal-P.A.B.B. ikun jista' jagħti l-permess għall-bini fuq l-artijiet in kwistjoni; il-preparazzjoni jew it-tibdil kien jaqa' taħt il-funzjoni tat-Town Planning Sectiontal-Public Works - Branch tad-Dipartiment li kellu t-tekniċi speċjalizzati fuq dan ix-xogħol. Pero' l-'ischeme' jew pjan regulatur hekk ppreparat ma kienx ikun jista' jiġi attwat jekk qabel ma jkunx ġie approvat mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tax-Xogħolijiet; u l-P.A.P.B. qatt ma kien sejjer joħroġ permessi għall-bini jekk ma jkunx hemm din l-approvazzjoni min fuq: (Dana ma jfissirx illi b'dan il-mod kif kien miexi d-Dipartiment f'dawn iż-żminijiet ma kinux qegħdin jiġu segwiti, kif kellhom jiġu segwiti wkoll id-disposizzjonijiet kollha tal-Liġijiet tal-Pulizija dwar l-approvazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' 'schemes' qabel ma dawn jiġu jolqtu lil kulħadd). Li huwa mportanti li jiġi nnutat f'dan il-każ hu illi kemm jekk ikunu segwiti d-dispozizzjonijiet ta' dawn il-liġijiet, kemm jekk le, il-makkinarju tat-Town Planning Section tal-Public Works u l-approvazzjoni tal-Ministru kellhom ta' bilfors jiċċaqalqu.*

*Fil-każijiet kollha fejn fl-aħħar spiċċaw jew biex inħarġu l-permessi jew biex jitbiddlu l-'ischemes' skond kif kienu jeħtieġu dawn it-tliet xhieda, dejjem kien hemm, qabel, ftehim dwar l-għoti ta' rigali f'forma ta' flus jew ta' art.*
.....

*Il-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tax-Xogħolijiet matul iż-żminijiet tal-każijiet kollha li ġew eżaminati mill-Kummissjoni kien dejjem l-istess wieħed. Riferenza għal dan il-Ministru, diretta jew indiretta, kien hemm fil-każijiet kollha kif wieħed jista' jara meta janalizza iżjed fid-dettal il-kontenut tad-depozizzjonijiet li kellha quddiemha il-Kummissjoni.*

*Haga li ma tistax ma tolqotx għajnejn dak li jkun qed iħares bir-reqqa lejn ix-xiehda li nġiebet quddiem il-Kummissjoni hija illi tiġik l-istorja ta' kull każ u din l-istess storja terġa' tidher u terġa' tidher iktar tard; imbagħad issib illi r-riżultat huwa invarjabbilment fil-każijiet kollha l-istess wieħed iġifieri min kellu jitħallas il-prezz tal-proprjeta' la jkun qiegħed jittrasferixxi ma jdaħħal xejn, u min jidher li ħallas ta' dak li jkun akkwista ma jkun ħallas xejn.*

*Diġa' ġie osservat fil-paragrafu 4(i) (ii) ta' din it-Tieni Parti tar-rapport illi fil-preparazzjoni tal-'ischemes' għall-bini u fil-kontroll tal-applikazzjonijiet tal-permessi relattivi, kien hemm involut makkinarju dipartimentali u ministerjali u ieħor tal-awtorita' li toħroġ il-permessi, kompless, vast u destinat biex l-affarijiet isiru matul l-istadji kollha tal-proċess għall-ħruġ tal-permessi kif għandhom isiru.*

*Hemmhekk sar kumment ukoll fis-sens illi ebda każ minn dawn li qegħdin jiġu konsiderati mill-Kummissjoni ma kien ġie senjalat mill-awtorita' konċernata; dana, avolja kien hemm indikazzjoni qawwija illi l-affarijiet ma kinux mexjin sewwa; avolja kien hemm grupp ta' nies jaħdmu ħaġa waħda sabiex jiġu jew ikkrejati 'schemes' jew jinbidlu 'schemes' jew jinħarġu l-permessi, u kien hemm nies oħra li jitolbu l-permessi għall-artijiet; u dana terġa', mhux f'okkazzjoni waħda, iżda għal diversi drabi u għal artijiet diversi imferrxa f'inħawi differenti ma' Malta kollha, bir-riżultati li ġia' ssemmew.*

*Dana kollu ma jistax ma jirriflettix ħażin mhux biss fuq kull min kien direttament jew indirettament responsabbli għall-amministrazzjoni, imma anke fuq dawk li, għalkemm mhux parti mill-istess amministrazzjoni, kienu ta' bilfors magħqudin ħaġa waħda magħħa sabiex dawn l-abbużi kollha li saru setgħu jsiru, u wara li kienu saru, jibagħtu mistura.*

*Wara li ntqal dan kollu, il-Kummissjoni ma jidhriliex li għandha għalfejn tmur u tidħol f'aktar dettal; dan ix-xogħol u l-konklużjonijiet li għandhom jinġibdu mill-eżerċizzju jrid isir minn min sejjer jipproċessa dan ir-rapport.*

*Il-Kummissjoni pero' tagħmel enfażi fuq il-fatt illi mill-assjem tal-każijiet kollha li ġew eżaminati ma jistax ma joħroġx kwadru ta' numru konsiderevoli ta' uffiċċjali pubbliċi magħqudin u organizzati flimkien, insedjati 'l hawn u 'l hemm fil-Ministeru, fid-Dipartiment, u fil-Bord li għandhom x' jaqsmu mal-artijiet, 'schemes' u permessi għall-bini, u istituzzjonalizzati b'mod illi waqt li jkun taħt idejhom, jipplażmaw u jsawru kull każ f'kull aspett u stadju illi minnu jkun għaddej. Lanqas ma tista' il-Kummissjoni ma tenfasizzax l-indikazzjoni ta' intreċċar ta' interessi bejn persuna u persuna, f'kull każ, u bejn każ u każ.*

*U fl-aħħarnett il-fatti li ġejjin, per eżempju, ma joħorġux ċar il-pattern ta' konnessjonijiet, tal-mod ta' aġir u ta' ripetizzjonijiet ta' atti, u l-interessi komuni bejn il-persuni ndizjati?*

*(1) Piju Camilleri, jew personalment jew permezz ta' xi kumpanija li kellu, jitfaċċa direttament f'erba' mill-każijiet li jsemmi Joseph Borg; f'kull każ jidħol miegħu Victor Balzan, dejjem pront biex l-ewwel jasal ma' Piju*

*Camilleri dwar preparazzjoni ta' 'schemes', tibdil tagħhom jew ħruġ ta' permessi u mbagħad jaħdem fuq sieħbu Joseph Borg biex dana jarrendi għal dak li jkunu ftehmu bejniethom huma t-tnejn.*

*L-approvazzjoni ta' l-'ischemes' mill-Ministru Sant ma ġietx nieqsa f'ebda każ.*

*L-għażla ta' l-artijiet li kellhom jiġu trasferiti minn Borg u Balzan saret mill-istess Ministru. Għalkemm kienet saret din l-għażla mill-Ministru, Piju Camilleri fl-aħħar mumenti qabel il-kuntratt ha r-responsabilta' fuqu li flok l-art hekk magħżula tiġi trasferita art oħra.*

*Terġa', Piju Camilleri, għalkemm kien hu li kien ikkuntratta kollox, ma sabha xejn bi tqila biex qabad u poġġa lil Joseph Pace minfloku fuq il-kuntratt.*

....

*(5) Fost ċirkostanzi oħra li juru l-konnessjoni li Piju Camilleri seta' kellu mal-Ministru Sant hemm dawn li ġejjin:*

> *(1) Piju Camilleri kien wieħed mill-membri tal-P.A.P.B. waqt li l-Onorevoli Lorry Sant kien Ministru tax-Xogħolijiet;*
>
> *(2) Piju Camilleri, Works Manager fid-Dipartiment tax-Xogħolijiet (xogħolu fuq xogħolijiet ta' barra tal-Public Works) kien ġie miġjub jaħdem fil-Ministeru.*
>
> *(3) Piju Camilleri u Joe Pace, ġia' msemmi, huma s-soċji fil-Kumpanija "Tor Limited' li hija l-kumpanija li akkwistat il-proprjeta' fejn joqgħod l-istess Ministru Sant.*

**VIII. Dr Anglu Farrugia**

77. Dr Anglu Farrugia, illum Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, xehed illi fiż-żmien tal-akkadut, huwa kien stazzjonat ġewwa is-Central Investigation Department (CID) u kien għall-ewwel sena, sa’ nofs is-sena 1983, l-Uffiċjal tal-Pulizija inkarigat mill-investigazzjonijiet.

78. Stqarr illi għalkemm investigazzjonijiet bdew minnufih, fejn saħansitra tkellmu xi persuni, inkluż membri tal-familja ta’ Cauchi, Inkjesta qatt ma nfetħet peress illi l-Liġi tobbliga li jinfetħu Inkjesti biss f’każ ta’ reati li jġorru piena ta’ ħabs ta’ tlett snin ‘l fuq.

79. Stqarr ukoll li jiftakar li Joe Cauchi kien regolarment jikkomunika miegħu sabiex ikun jaf bandament tal-investigazzjonijiet, filwaqt illi ftakar li, mument minnhom, l-istess Joe Cauchi kien sab demm imċappas mal-karozza tiegħu.

80. Dr Farrugia qal li, sa fejn jiftakar hu, kien hemm xi kwistjonijiet dwar flejjes illi seta’ sellef u/jew issellef Lino Cauchi, li kienu qed iwasslu għall-investigazzjoni f’dik id-direzzjoni, filwaqt illi stqarr li ma jiftakarx li qatt intqallu illi Cauchi kien l-accountant ta’ Lorry Sant u ta’ Piju Camilleri u li seta’ kien hemm xi

korrelazzjoni bejn il-fatti notorji dak iż-żminijiet ta’ korruzzjoni w l-għejbien ta’ Cauchi.

## IX. Dr Louis Galea

81. Dr Louis Galea, li fi żmien l-akkadut, kif Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll Membru Parlamentari mal-Partit Nazzjonalista, w sussegwentement, meta l-Partit Nazzjonalista kien fil-Gvern wara s-sena 1987, kien ukoll Ministru f’diversi dikasteri, fakkar lill-Qorti fis-sitwazzjoni politika li kien hemm f’Malta fl-aħħar tas-snin sebgħin u bidu tas-snin tmenin, fejn huwa ddeskriviha kif ġej:

> *“L-atmosfera ġenerali fil-pajjiż f’dan il-perjodu kienet atmosfera b’doża qawwija ta’ polarizazzjoni, intimidazzjoni, amministrazzjoni verament partiġġjana”*

82. Dr Galea saħaq illi, dak iż-żmien, il-Pulizija ma kienet tagħmel prattikament xejn jew tkun superfiċjali ħafna, u fakkar fil-ħafna inċidenti li seħħew dak iż-żmien, fosthom il-qtil ta’ Karin Grech, l-attakk fuq id-dar tal-Kap tal-Opposizzjoni, l-attakk u ħruq tal-uffiċini tat-Times ġewwa l-Belt, biswit l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u l-attakk fil-Kurja, faċċata tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u l-qtil ta’ Raymond Caruana ġewwa Każin tal-Partit Nazzjonalista.

83. Dr Galea saħaq illi dak iż-żmien, kien hemm kultura ta’ immunita fejn riżultat tat-

> “*tmexxija u atteġġjament kompletament partiġġjana fil-Korp tal-Pulizija ... kien ċar illi kien hawn fil-pajjiż sezzjoni ta’ partitarji simpatizzanti mal-Partit Laburista li dawn kienu jafu li għandhom immunita’ minn naħa tal-awtoritajiet*”.

84. Dr Galea ddeskriva dawn iż-żminijiet kif ġej:

> *Dana ma hemmx dubju huwa rikonoxxut mill-istorja li dan il-perjodu kien jirrappreżenta waħda mill-aktar kriżijiet gravi politiċi li Malta sofriet mill-Indipendenza sa ... sa dakinhar ... demokrazija limitata, sens ta’ illeġittimita fil-Parlament u fil-Gvern, l-inċidenti spissi ta’ vjolenza li qed nirreferi għal uħud minnhom ... dawn huma biss uħud u mbagħad każijiet u abbużi ta’ korruzzjoni u neputiżmu enormi.*

85. Dwar Lorry Sant, dak iż-żmien Ministru fil-Gvern li taħt id-dikasteru tiegħu kien hemm l-ħruġ tal-premessi w il-Planning Area Permits Board (PAPB), huwa kellu dan xi jgħid:

> *Jiddispjaċini li wieħed irid jitkellem fuq xi ħadd li għadda għal ħajja l-oħra għax normalment ngħidu li fuq il-mejtin ħlief tajjeb ma għandekx tgħid. Imma l-fatti jibqgħu fatti hux. Iġifieri l-persuna li għaliha qed tirreferi li kien Ministru fil-Gvern f’dik l-epoka kollha mill-1971 sa l-1987 kien wieħed mill-Ministri l-aktar prominenti f’atteġġjament arroganti, atteġġjament vjolenti u naħseb kien il-Ministru li l-aktar li kien jissemma’ f’każijiet ta’ korruzzjoni li għandhom x’jaqsmu ma’*

*żvilupp ta' artijiet, ma' ħruġ ta' permessi tal-bini il-għaliex anke hawn, jekk l-immunita fil-konfront tal-partitarji laburisti kienet immunita prattikament garantita, anke hawn hekk l-abbużi u l-korruzzjoni fl-iżvilupp tal-artijiet u ħruġ ta' permessi tal-bini kien il-mansjoni ta' dak li nista' nsejjaħlu Kartell mibni fuq korruzzjoni bejn il-Ministru responsabbli u numru ta' spekulaturi u żviluppaturi tal-Artijiet. Iġifieri kien hemm din il-kollużjoni bejn il-poter u bejn dawn in-nies, tibnix, tiħux permess, tiżviluppax l-art, x'tip ta' żvilupp tagħmel jew le kien jiddependi minn dan il-kartell.*

**X. Mark Manfre**

86. Mark Manfre, li jiġi iben Carmel Lino Manfre, magħruf bħala Carmelino Manfre, jikkonferma illi Lino Cauchi kien jaħdem, sa ftit xhur qabel ma għeb, bħala partner flimkien ma' missieru fid-ditta Manfre Diamantino, li fiha Mark Manfre kien jaħdem ukoll bħala 'Accounts Clerk'. Jistqarr illi huwa kien ħabib kbir ta' Lino Cauchi tant illi kien il-'best man' tiegħu fit-tieġ ta' Cauchi mar-rikorrenti madanakollu, ftit seta' jiftakar dwar il-każ u l-allegazzjonijiet illi kienu qed isiru. Stqarr li jiftakar lil Lino Cauchi bħala persuna ferrieħi u ċajtier u qatt ma kellu xi affarijiet li jinkwetawh.

**XI. Pasqualino Sammut**

87. Pasqualino Sammut, persuna li minn jeddu avviċina lir-rikorrent biex jixhed meta sar jaf bil-kawża odjerna, stqarr illi darba minnhom, ftit wara l-għejbien, kien fuq ix-xarabank jakkumpanja grupp ta' studenti li huwa kien jgħallem ġewwa l-Lyceum, meta ra mara, li wara induna li kienet omm Lino Cauchi, li huwa kien jaf fiż-żogħżija meta kienu jilagħabu l-football flimkien.

88. Stqarr illi raha imbikkma, tibki waħedha fuq wara tax-xarabank u mar ħdejha biex jikkonslaha. Hemm kif beda jkellimha qaltlu li kienet qed tibki għax it-tifel tagħha kien sparixxa. Filwaqt illi pprova jikkonslaha u, wara li nduna li kienet omm Lino Cauchi, assikuraha li l-Pulizija kienu ser jagħmlu minn kollox sabiex isibuh, iżda hi qabdet u qaltlu li l-aħħar li kienu marru għand il-Pulizija kienu qalulhom li jekk riedu jsibu lil Lino, kellhom ifittxuh huma u mhux il-Pulizija.

**XII. Brian Sullivan**

89. Brian Sullivan, stqarr illi lil Lino Cauchi kien jafu sew mill-iskola u kienu jilagħbu regolarment il-football f'kompetizzjonijiet lokali imsejjħa GIDA. Ftakar illi dik il-ġimgħa li kien sparixxa, Lino Cauchi fil-weekend ta' wara li sparixxa, tniżżel li kien ser jilgħab fit-team tiegħu, minkejja li kien ġia magħruf li kien sparixxa, u dana għax kienu qed jisperaw li jiġi lura.

90. Saħaq illi Lino Cauchi kien persuna ferrieħa u ċajtier u diffiċli ħafna li jintbagħad ma' xi ħadd, filwaqt illi ftakar li rah dakinhar li ma marx lura d-dar, għal ħin ta' l-ikel, meta b'ċajta, hekk kif kien għaddej minn ħdejh bil-karozza, Sullivan lagħbha li laqtu bil-karozza u taparsi weġġa' – kien jidher ċar li ma kien hemm xejn x'jinkwetah, fi kliem Sullivan stess.

**XIII. Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 14 ta' Awissu 1991 fil-kawża '<u>Il-Pulizija vs l-Onor Lawrence sive Lorry Sant, Pijus sive Piju Camilleri, Victor Balzan, Giuseppe sive Joseph Camilleri, Joseph Pace u John sive Ganni Camilleri</u>'.**

91. Jirriżulta li l-Pulizija kienu mexxew b'varji akkużi ta' korruzzjoni fil-konfront ta' l-Onor Lawrence sive Lorry Sant, Pijus sive Piju Camilleri, Victor Balzan, Giuseppe sive Joseph Camilleri, Joseph Pace u John sive Ganni Camilleri bejn is-snin 1971 u 1987, fejn, b'deċiżjoni tas-<u>16 ta' Mejju 1991</u>, il-Qorti tal-Maġistrati kienet sabiex li, fil-konfront ta' l-akkużati, ma kienx hemm raġunijiet biżżejjed biex jitqiegħed taħt att ta' akkuża.

92. Jirriżulta illi, sussegwentement, il-Pulizija appellaw minn dina d-deċiżjoni, liema appell ġie miċħud fl-14 ta' Awissu 1991, fejn il-Qorti qalet is-segwenti: (fol 819 et seq)

> *17. 'Jidher għalhekk li d-deċiżjoni appellata tikkostitwixxi fir-realta' d-digriet tal-Qorti Istruttorja li kellu jiġi mogħti fit-terminu ta' l-artikolu 401 (2) tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk inappellabbli. F'każ li l-Avukat Ġenerali deherlu li dak id-digriet kien difettuż, huwa ma kellux dritt ta' appell minnu, iżda d-dritt li jipproċedi a tenur ta' l-artikolu 432 (2) tal-Kodiċi Kriminali ċitat fil-paragrafu 14 hawn fuq. F'dan ir-rigward, u f'kull rigward ieħor, jiġi notat li mill-atti ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti, f'egħluq il-kompilazzjoni, ordnat li l-atti tal-kompilazzjoni flimkien ma' l-oġġetti għandhom x'jaqsmu mad-delitt jiġu mibgħuta' fi żmien tlett ijiem utili lill-Avukat Ġenerali.*
>
> *18. Jiġi nnotat wkoll, għal kull buon fini, li fis-16 ta' Mejju, 1991, l-Ewwel Qorti tat dan id-digriet separat mill-ieħor: "<u>Wara li ngħalqet il-kompilazzjoni tal-provi kollha miġjuba quddiemha kontra l-imħarrkin, tiddeċiedi illi hemmx (sic) raġunijiet bizzejjed biex l-istess imħarrkin jitqiegħed taħt att ta' akkuza.</u>"*
>
> *Għall-motivi premessi tiddeċiedi billi tiddikjara d-deċiżjoni fuq imsemmija inappellabbli, u l-appell irritu u null.*

93. Minkejja l-indikazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell, kif ukoll id-digriet tas-16 ta' Mejju 1991 tal-Ewwel Qorti fejn jidher li l-Qorti kienet irrikunsidrat il-posizzjoni tagħha u ddikjarat illi kellhom jitqiegħdu taħt att ta' akkuża, ma jirriżultax illi qatt ittieħdu xi proċeduri kriminali ulterjuri kontra ħadd, anke dawk li għadhom ħajjin sa issa.

**XIV. L-Uffiċċju tal-Presidenza ta' Malta**

94. Fix-xhieda tagħha, s-sinjura Rosette Spiteri Cachia, Segretarja tal-President ta' Malta, għarrfet il-Qorti li dwar ir-rikjesta għall-ħruġ ta' maħfra Presidenzjali lil Lorry Sant illi saret lill-President Censu Tabone fis-sena 1992, ma għandhom ebda informazzjoni, peress illi jirriżulta li ma kien jinżamm ebda reġistru ta' tali rikjesti kif ukoll ta' tali maħfriet qabel it-18 ta' Marzu 2004.

95. Jidher, għalhekk, illi minn meta sar l-ewwel President ta' Malta fit-13 ta' Lulju 1974 sat-18 ta' Marzu 2004, ossija tletin sena sħaħ, ma jeżisti assolutament ebda informazzjoni dwar maħfriet illi setgħu intalbu kif ukoll illi setgħu ingħataw – nuqqas serju illi dina l-Qorti ma tistax ma tirreġistrax is-sogħba tagħha dwarha.

**96. Il-Qorti ma tistax, hawnhekk ma tesprimix it-tħassib serju tagħha dwar il-fatt illi jidher li ma jeżisti EBDA tip ta' informazzjoni u/jew rendikont tal-Maħfriet illi setgħu ngħataw u/jew setgħu ġew miċħuda mill-President ta' Malta għal tletin sena sħaħ, ossija bejn is-sena 1974 sas-sena 2004 – nuqqas illi ma jagħmel ebda ġieh lill-pajjiż fis-snin meta dana ma kienx qed isir.**

**XV. Leonard Callus**

97. Is-Sur Leonard Callus xehed illi bejn is-sena 2004 sa 2013, huwa kien jaħdem fis-Segretarjat tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fejn il-Kap tas-Segretarjat kien Edgar Galea Curmi.

98. Ikkonferma illi huwa kien irrediġa lista ta' kumpens għal 'victims of crime' li ngħatat mill-Gvern sa mis-sena 1990, liema lista l-ewwel darba ġiet ippreżentata fil-kawża Kostituzzjonali illi kien għamel il-Professur Edwin Grech kontra l-Gvern in konnessjoni mal-qtil mhux sovlut ta' bintu, Karin Grech. Saħaq illi tali kumpens kien qiegħed jingħata lill-vittmi ta' reati kriminali.

**XVI. Angelo Baldacchino**

99. Fix-xhieda tiegħu, Angelo Baldacchino, li kien Supretendent tal-Pulizija meta irtira, fiż-żmien tas-sejba tal-fdalijiet ta' Cauchi, kien Spettur stazzjonat Ħal Qormi. Huwa jirrakkonta li, f'Novembru 1985, kellu telefonata mis-Supretendent Psaila, tac-CID, fejn għarrfu li l-mibki Dr Paul Mallia, avukat ta' integrita' kbira u ben rispettat minn kulħadd, kellu informazzjoni dwar xi fdalijiet ta' persuna li seta' kien hemm, u għalhekk kien intalab imur sa għandu.

100. Huwa pproċeda biex jmur l-uffiċċju ta' Dr Mallia, fejn dan għarrfu li klijent kien infurmah li kien qiegħed jaħsel il-karozza tiegħu ġewwa l-Buskett, u jtella' ilma minn bir illi kien hemm aċċessibbli, meta beda jxomm riħa mhux tas-soltu fl-ilma.

101. Baldacchino stqarr li meta sema' hekk, ipproċeda biex jitla' r-Rabat, illi kien jaqa' taħt id-distrett tiegħu, u hekk kif neħħa l-għatu tal-ħadid tal-bir, mal-ewwel induna li kien hemm xi ħaġa mhux f'lokha – għalhekk kellem lis-Supretendent Psaila u għadda biex talab lill-Maġistrat tal-Għassa, l-Maġistrat David Scicluna, sabiex tinfetaħ inkjesta.

102. Stqarr illi huwa baqa' involut fl-inkjesta, ossija dwar il-fdalijiet li nstabu, iżda ma kienx involut f'ebda investigazzjoniijiet oħra, liema investigazzjonijiet kienu qed isiru mis-CID.

**XVII. Pierre Calleja**

103. Fix-xhieda tiegħu, Pierre Calleja, illi kien Deputat Kummissarju tal-Pulizija meta irtira, stqarr illi sa mis-sena 1991, huwa kien dejjem involut fid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali (CID) iżda l-involviment tiegħu fil-każ ta’ Cauchi beda fis-sena 1996, meta ġiet kreata Kummissjoni flimkien ma’ Scotland Yard sabiex tinvestiga ‘l hekk imsejjħa ‘cold cases’, li iżda kellha l-inkariku tagħha mwaqqaf ftit wara li bdiet topera, hekk kif kien hemm tibdil fil-Gvern tal-ġurnata.

104. Stqarr, madanakollu, illi fis-sena 2001, Joe Pace, illi kellu kwistjoni ma’ Piju Camilleri, kien mar għandu u, fost affarijiet oħra, kien qallu li għandu informazzjoni dwar min qatel lil Lino Cauchi filwaqt li żied jgħid li, darba minnhom meta kien fi kwistjoni ma’ Lorry Sant dwar xi propjeta, Sant heddu billi qallu “*inqabbad lil Piju Camilleri jagħmel bħal ma kien għamel lil Lino Cauchi”*. Huwa għalhekk sejjaħ lil Assistent Kummissarju John Rizzo, li dak iż-żmien kien is-superjur tiegħu, fejn għaddew biex ġabru l-informazzjoni li għaddhielhom u wara bdew jintervistaw lill-varji persuni minnu msemmija.

105. Huwa stqarr illi sussegwentement semgħu ħafna xhieda illi qatt ma kienu instemgħu qabel, iżda saħaq illi minħabba fil-fatt illi l-akkadut kien ilu li seħħ, kien diffiċli illi tinstab evidenza – madankollu insista li fi żmienu l-Pulizija ppruvat terġa’ tinvestiga l-każ.

106. Stqarr illi, sakemm kien involut hu fic-CID, fil-każ ta’ għejbien ta’ persuna, l-investigazzjoni tiddependi mill-fatti magħrufa dwar il-persuna li tgħib, fis-sens illi jekk tali persuna tisparixxi regolarment, ma kinetx tingħata wisq preċendenza mal-inkjesti l-oħra, iżda jekk persuna tisparixxi mingħajr ebda raġuni u ebda passat ta’ dak it-tip, ic-CID mal-ewwel kienet tibda investigazzjonijiet serji u, jekk hemm bżonn, tinfetaħ inkjesta maġisterjali.

107. Stqarr illi mill-esperjenza tas-snin kollha li kellu, “l-fażi inizzjali ta’ omiċidju partikolarment hija importanti”, u żied jgħid illi bħala regola, l-ewwel 48 sa 72 siegħa tal-investigazzjonijiet wara l-akkadut huma kruċjali għal suċċess fl-investigazzjonijiet.

108. Fil-każ ta’ Lino Cauchi, waqt l-investigazzjonijiet illi huwa kien qed jieħu ħsieb wara 2001 fuq informazzjoni mgħoddija minn Joe Pace, huma arrestaw lil Piju Camilleri varji drabi sabiex jinterrogawh. Huwa kkonferma illi qabel tali arrest, ħadd qatt ma kien ġie arrestat, għajr għal mara ta’ Lino Cauchi, ir-rikorrenti Anna Cassar, illi, madwar sena wara l-għejbien ta’ Lino Cauchi, kienet inżammet arrestata għal madwar disgħa sigħat u saħansitra tniżżlet fil-lock up tas-CID.

109. Pierre Calleja jitkellem ukoll dwar l-informazzjoni illi għaddhielu Joe Pace, u l-Qorti tħoss illi jkun opportun illi jiġi riprodott dak li qal is-Sur Pierre Calleja, li kien persuna rispettat ħafna u ta’ integrita liema bħala fil-Korp tal-Pulizija (fol 868).

> *Jiena nista’ nispjega kollox Sur Imħallef x’kien qalli Joe Pace. Sewwa. Joe Pace bħal ma diġa’ spjegajt qabel kien ġie għandi primarjament għax kellu kwistjoni ma’ Piju Camilleri fuq il-kumpanija Casa D’Aria mingħalija. Kien hemm diżgwid bejniethom u kien hemm xi immobbli li*

*jridu jinqasmu ... hawn xi mobbli li jridu jinqasmu u affarijiet oħra. Pero' waqt dan li kien qed jgħidli minħabba li kien hemm il-kwistjoni ta' Piju Camilleri kien għamel referenza għal Piju Camilleri f'avvenimenti oħra li kellu nkluż dik li kien ħaġa waħda mal-Ministru Lorry Sant u li f'okkażjoni minnhom, wara l- '87 ... wara li nbidlet l-amministrazzjoni hu qal ... Joe Pace li l-ex Ministru Lorry Sant kien ried ikompli jiddetta hu l-propjetajiet kif jinbiegħu etc ... etc ... Mid-dehra Joe Pace ma riedx ikompli bl-istess dana ... u ... u f'okkażjoni minnhom skont dejjem Joe Pace jien qed ngħid ... l-ex Ministru Lorry Sant kien qallu jekk inti ma toqgħodx fuq li ngħidlek, inqabbad lil Piju Camilleri u jqattgħek bħal ma kien qatta' lil Lino Cauchi. Ovvjament kien semma' wkoll dik l-okkażjoni li kien għamel referenza għaliha l-avukat ... li fejn xi xhur qabel ma għeb Lino Cauchi kellhom xi meeting il-Belt sewwa ... u skont Joe Pace, Lino Cauchi kien ... kien wera xi dokumenti li ma kinux jirriflettu ... dan kienu qed jitkellmu fuq xi prezzijiet la naf ta' plottijiet u lanqas tal-bini ... kien wera xi ... xi dokumenti li ma kinux qed jirriflettu l-prezzijiet veritieri li kienu qed jinbiegħu dana ... u kien hemm diżgwid bejn Piju Camilleri u Lino Cauchi u qallu xi ħaġa fis-sens mur ... issa nirranġak lilek. Hekk kien tahielna ... mill-memorja tiegħi ... l-informazzjoni Joseph Pace.*

## XVIII. Angelo Caruana.

110. Angelo Caruana, li kien Spettur tal-Pulizija qabel ma rtira, kien stazzjonat għal żmien ġewwa is-CID u kien qiegħed jgħin lill-Metorpolitan Police illi kienu nġiebu Malta fil-bidu tas-snin disgħin, sabiex jinvestigaw il-każ ta' Karin Grech u ta' Lino Cauchi, fost oħrajn.

111. Stqarr li jiftakar li kien sar ħafna xogħol u investigazzjoni mill-Metropolitan Police ta' Scotland Yard flimkien mal-Pulizija dwar il-qtil ta' Karin Grech, li ħa ħafna żmien, u meta eventwalment ġew biex jibdew jinvestigaw il-qtil ta' Lino Cauchi, ma baqgħux jiġu Malta u għalhekk waqaf kollox.

112. Stqarr ukoll illi huwa kien fis-CID bħala Surġent meta seħħ l-għejbien ta' Lino Cauchi, iżda huwa ma kienx involut fil-każ. Saħaq ukoll illi, dak iż-żmien, is-CID kienet tinvestiga għejbien ta' persuna biss jekk kien jidhrilha illi kien każ serju.

113. Stqarr ukoll illi l-ewwel darba illi l-każ ta' Lino Cauchi għamel "*ħoss ... ejja ngħidu hekk fejn nidħol jien ... meta nstab*".

## XIX. John Rizzo

114. John Rizzo, li kien Kummissarju tal-Pulizija bejn Novembru 2001 u April 2013, kien ilu fil-korp sa mis-sena 1976 u kellu varji rwoli, fosthom Supretendent kif ukoll Assistent Kummissarju b'responsabbilta' varja, inkluż id-Dipartiment għall-Investigazzjonijiet Kriminali (CID).

115. Stqarr illi fil-każ ta' għejbien ta' persuna, l-Pulizija tinvestiga skond il-gravita' illi hija tħoss li tali għejbien għandha u dana a differenza mill-każ ta' omiċidju,

fejn id-delitt ikun deher li sar u għalhekk l-gravita' tirriżulta minnufih. Stqarr ukoll illi, minkejja li kien hemm istanzi li ġew riżolti omiċidji wara trapass ta' ħafna snin, jekk mhux deċenni, r-regola hi illi l-ewwel 48 sa 72 siegħa huwa essenzjali fl-investigazzjoni.

116. Ftakar illi, mument minnhom, fis-sena 1996, kienet ġiet ikkreata Kummissjoni bl-għajnuna tal-Metroplitan Police ta' Scotland Yard, biex jiġu investigati żewġ każijiet partikolari, ossija dwar ta' Karin Grech u ta' Lino Cauchi.

117. Il-Kummissjoni għamlet madwar erbgħa xhur taħdem u kienet laħqet għamlet ħafna xogħol siewi fl-investigazzjoni dwar il-qtil ta' Karin Grech. Ġara, iżda, sussegwentement kien hemm tibdil fit-tmexxija tal-Gvern w il-Kummissjoni twaqqfet tkompli topera, u għalhekk l-investigazzjoni dwar il-qtil ta' Lino Cauchi ma setax jitkompla.

118. Stqarr ukoll illi fi żmienu, l-Pulizja għamlet ħafna investigazzjonijiet fuq il-każ, u saħansitra arrestat lill-Piju Camilleri, li kien suspettat, varji drabi, iżda l-investigazzjonijiet ma kellhomx eżitu mixtieq.

119. Xehed ukoll illi bejn is-snin 1984 sa 1987, huwa kien il-Personal Assistant mal-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien, Dr Lawrence Pullicino, fejn kien jieħu ħsieb x-xogħol amministrattiv, u ftakar illi bejn il-Kummissarju tal-Pulizija w Lorry Sant, li dak iż-żmien kien Minsitru tal-Intern, ma kienx hemm xi relazzjoni tajba, tant illi fil-Ministeru tal-Intern ġie stazzjonat Spettur tal-Pulizija sabiex jagħmilha ta' liason bejn il-Ministeru w il-Pulizija.

120. Ikkonferma ukoll illi fil-bidu tas-snin tmenin, kien hemm ħafna għajdut u allegazzjonijiet dwar korruzzjoni illi kienu jinvolvu lil Lorry Sant u Piju Camilleri, fost nies oħra, b'involviment ta' artijiet li jiġu negozjati, stqarr illi saħansitra kien hemm proċeduri kemm fil-Qrati kif ukoll mill-Kummissjoni kontra l-Korruzzjoni.

121. Ftakar li, darba minnhom, meta kien qiegħed jintervista lir-rikorrenti mart Lino Cauchi, hi qaltlu li filwaqt li kien persuna ferrieħi u ċajtier bħala karattru, "fl-aħħar żminijiet" kien inbidel sa ċertu punt, fejn beda joħlom ikrah u kien inkwetat, filwaqt li meta kienet tistaqsieh għaliex, kien jgħidilha li inkwetat fuq ix-xogħol.

122. Dwar il-Kummissjoni stabbilita flimkien ma' Scotland Yard, huwa stqarr illi, dina kienet ġiet ikkreata fis-sena 1996, meta kien għad hemm il-Gvern immexxi mill-Gvern Nazzjonalista u għamlet xi xahrejn jew tlett xhur topera, iżda, meta kien hemm tibdil fil-Gvern, waqfet topera – madanakollu jistqarr illi ma jafx għaliex twaqqfet topera.

## XX. Antonello Grech

123. Antonello Grech, bħala Spettur tal-Pulzija, kien għamel żmien stazzjonat ġewwa is-CID u kien involut fil-Kummissjoni illi kienet ġiet stabbilita flimkien mal-Metropolitan Police ta' Scotland Yard, fejn kien jassisti lill-investigaturi Ingliżi

li ġew fuq il-post. Stqarr illi l-Kummissjoni kienet ffurmata biex tinvestiga l-każijiet ta' Karin Grech u Lino Cauchi kif ukoll każijiet oħra.

124. Ftakar li, sa ftit xhur wara li ġiet iffurmata, l-investigaturi kienu ġia għalqu l-investigazzjoni tagħhom fuq Karin Grech u kienu bdew l-investigazzjonijiet fil-każ ta' Lino Cauchi. Imbagħad, għal raġunijiet li ma jafx, minn ġurnata għall-oħra, mingħajr ebda pre avviż, huwa ġie riassenjat lura d-Depot w il-Kummissjoni twaqqfet. Ftakar illi d-deċiżjoni ġiet lilu komunikata "ħabta u sabta" f'Novembru 1996, ossija ftit ġimgħat wara l-elezzjoni li kienet saret f'Ottubru 1996, meta kien ġie elett il-Partit Laburista, u stqarr li ma jafx u ma jistax jifhem għaliex twaqqfet milli tkompli topera.

**XXI. Assistent Kummissarju Sandro Gatt**

125. L-Assistent Kummissarju Sandro Gatt għarraf lill-Qorti illi fis-sena 2020, hekk kif sar il-Kummissarju l-ġdid Angelo Gafa', huwa ġie assenjat id-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali sabiex, fost affarijiet oħra, jerġa' jinvestiga l-każijiet li ma ġewx riżolti, fosthom ta' Lino Cauchi.

126. Jirriżulta, minn dokumentazzjoni minnu ottjenuta wara li għamel 'review' tal-każ u l-files tal-Pulizija, u eżebiti quddiem din il-Qorti (fol 967), illi fis-16 ta' Frar 1982, fis-7.35 am, inħarġet komunikazzjoni interna mill-Ispettur Paul Bond, fid-Distrett ta' Ħamrun lis-Supretendent tas-CID, fejn intqal illi Anne Cauchi, fis 6.30am, kienet irraportat li r-raġel tagħha Lino Cauchi ma kienx irritorna d-dar.

127. Fost il-varji indikazzjonijiet illi kien hemm fir-rapport, intqal:

> *"he is not a habitual absentee".*

128. L-istess komunikazzjoni, tinkludi wkoll messaġġ mibgħut l-għada, 17 ta' Frar 1982 fis-6.50pm, fejn tgħid illi instabet "attache case" b'konnessjoni mal-każ, illi kien ser jintbagħat għand is-CID.

129. Jirriżulta illi fit-22 ta' Frar 1982, inħarġet ċirkolari mis-Supretendent tas-CID, Ċirkolari 4/82, fol 968, mill-file Nru CID/117/G/82, fejn intqal illi Lino Cauchi ġie rappurtat nieqes u, filwaqt illi "*efforts are to be made to trace Cauchi's whereabouts*", kull min kellu informazzjoni kellu jgħaddiha lill-Ispettur (ta' dak iż-żmien) Angelo Farrugia. Ritratt ta' Lino Cauchi ġie mibgħut ukoll.

130. Għandu jiġi osservat illi, f'tali ċirkolari, ma saritx referenza għal fatt illi Lino Cauchi ma kienx "a habitual absentee".

131. Jirriżulta illi fit-18 ta' Marzu 1982, intbagħat messaġġ mill-Interpol ta' Malta għall-Interpol ta' Ruma, fejn issir referenza għal fatt li rriżulta li ġewwa Palermo, fis-17 ta' Marzu 1982 kien instab kadavru mhux identifikat, u l-awtoritajiet ġewwa l-Italja intalbu jivverifikaw jekk tali kadavru kienx jikkombaċja mad-deskrizzjoni ta' Lino Cauchi illi ġie lilhom mgħoddi mill-awtoritajiet Maltin. (fol 971) Fil-25 ta' Marzu 1982, l-Awtoritajiet Taljani għarrfu illi ġie stabbilit li l-kadavru kien ta' ċittadin Taljan u mhux ta' Lino Cauchi (fol 973).

132. Jirriżulta illi f’Marzu 1982, kien intbagħtu żewġ ittri anonimi lil Anna Cassar, dak iż-żmien Cauchi, fejn, fl-ewwel ittra, intqal li persuni kienu jaf li Lino Cauchi kien għadu ħaj u kellhom iħallu ammont ta’ Lm 4,000 fil-playground ta’ Blata l-Bajda jew inkella “tibda tirċievi biċċiet minn ġismu dan daqqa widnejh u daqqa saqajh” (fol 972), filwaqt illi fit-tieni ittra, indirizzata din id-darba lill-omm Lino Cauchi, intqal illi kellhom iħallu Lm3,000 jew inkella joqtluh.

133. Jirriżulta illi sussegwentement il-Pulizija għamlet operazzjoni fejn ħalliet il-flus fejn intqal u arrestat lil John Barbara, li wara li ġie investigat, ħalla statement u stqarr illi huwa kien fil-ġnien flimkien ma’ xi pensjonanti oħra jitkellem meta ra persuna jħalli pakkett fuq bank ... wara ftit taż-żmien, meta ra illi l-pakkett baqa’ hemm, qabditu l-kurzita’ u mar jara x’fih, u f’dak il-mument qabżu fuqu il-Pulizija li kienu qed jinvestigaw. Huwa ħalla statement ta’ dana kollu, kif jidher a fol 975.

134. Jirriżulta illi, f’Lulju u Awissu 1982, saru diskussjoni dwar il-każ fejn, fost affarijiet oħra, il-Kummissarju tal-Pulizija ta’ dak iż-żmien, Dr Lawrence Pullicino, stqarr “*AC should take this case primarily and direct investigator. Postive results must be achieved.*” (fol 976), fejn wara kien hemm notament lill-Ispettur Angelo Farrugia “Pls speak”.

135. Jirriżulta, minn dokumentazzjoni eżebita mill-Assistent Kummissarju Gatt, illi infetaħ file ieħor tal-Puliizja, CID/854/G/85 wara s-sejbien tal-kadavru li sussegwentement irriżulta li kien ta’ Lino Cauchi. F’tali file jirriżulta l-involviment tal-Pulizija fl-investigazzjoni tal-każ. Dokument rilevanti huwa dak redatt mill-Ispettur (dak iż-żmien) Antonello Grech, u datat 5 ta’ Frar 1997 minnu mibgħut lis-Supretendent tas-CID, fejn il-Qorti tqis illi huwa rilevanti li jiġi rapportat dak li intqal: (fol 981)

> *This case was going to be reviewed by the Homicide Commission set up with Scotland Yard but only preliminary enquiries took place due to not having enougħ time to do a full length investigation.*
>
> *Interviews were carried out with the wife of Lino Cauchi namely Mrs Anna Cassar, witli the brother of the victim Richard Cauchi, and interviews with Maġistrate Dr David Scicluna LL.D. the Inquiring Maġistrate and with Dr Anthony Abela Medici.*
>
> *Dr Abela Medici also made available to us two videos, one about the scene of crime when the body was found and the other one about the superimposition of the skull in Australia.*
>
> *During the course of an interview with Mrs Cassar on the 25.10.96. it transpired that she still had various documents, property of her husband at home and which the police had never seen. These documents were brought over on the 25.10.96 and sealed in 13 self seal bags.*
>
> *The records of Inquiry were again transmitted to the Magistrate on the 23.1.97 and on the 3.2.97. the above mentioned documents were*

*exhibited to Inquiring Magistrate in the presence of Mrs Cassar. Magistrate Scicluna is to nominate an auditor to draw up a report about these documents.*

*From these interviews it transpired that Lino Cauchi had for a number of years worked with a certain Lino Manfre, who had died 6 months before Cauchi disappeared. According to his wife Cauchi believed that Manfre had been killed by an English couple at hospital. After the death of Manfre Cauchi doubled his life insurance to Lm 40,000.*

*The family links these two deaths together. According to Press Cuttings attached, it is mentioned that in a report by the Commission Against Corruption, Lino Cauchi was present at a meeting in which various shady land deals took place. Cauchi was present thereat as the accountant of Piju Camilleri.*

*The family is of the opinion that Cauchi was murdered in connection with his work.*

*Studying the file it transpires that no one was ever questioned about the murder. It is suggested that we await the findings of the court appointed auditor and in the meantime interview in detail Caucli's wife, and his two brothers, Richard and Joe for whatever information they might have relating to the case. This does not seem to have been done previously except last October.*

*Referred for your information and any action you may deem fit to take.*

## XXII. Konklużjonijiet tal-"Inkjesta dwar is-sejba ta' fdalijiet ta' kadavru fil-lok magħruf bħala "Il-Bosk", limiti tar-Rabat, fil-15 ta' Novembru 1985.

136. Jirriżulta illi fil-**15 ta' Novembru 1985** infetħet Inkjesta Maġisterjali quddiem il-(dak iż-żmien) Maġistrat David Scicluna, fuq talba tal-Ispettur Angelo Baldacchino, li waslet sabiex jiġu elevati fdalijiet umani illi nstabu ġewwa bir fil-post magħruf bħala "Il-Bosk" limiti tar-Rabat, u, bl-assistenza tal-espert forsensiċi, ġie stabbilit illi l-fdalijiet kienu attwalment umani.

137. Jirriżulta illi, sussegwentement, peress illi ma setax jiġi stabbilit jekk tali fdalijiet kinux attwalment ta' Lino Cauchi jew le, minħabba fl-istat illi kienu fihom tali fdalijiet, tali fdalijiet ġew meħuda ġewwa l-Awstralja wara digriet tal-Qorti tas-7 ta' Marzu 1988, fejn eventwalment ġie kkonfermat illi l-fdalijiet kienu attwalment ta' Lino Cauchi.

138. Jirriżulta illi, fl-**20 ta' Marzu 1989**, il-Maġistrat Inkwirenti għalaq il-Proċess Verbal fejn, fil-konklużjonijiet tiegħu, l-Maġistrat qal is-segwenti:

*Illi in oltre mill-awtopsja rriżulta li l-mewt kienet ikkawżata minn daqqiet ta' xi ħaġa iebsa mill-inqas żewġ daqqiet, waħda fuq kull naħa tar-ras u probabbilment mill-mazza li nstabet flimkien mal-fdalijiet tal-kadavru u dan peress li kien hemm "physical matching" tar-ras tal-mazza mal-ksur fil-kranju;*

> *di fatti l-konklużjoni fir-rapport dwar l-awtopsja tindika l-kawża tal-mewt bħala "due to blunt injury to the head";*
>
> *Illi in oltre jirriżulta ukoll illi wara illi kien inqatel Lino sive Paul Cauchi bil-mod imsemmi l-ġisem tiegħu ġie mqatta' permezz ta' xi power saw u possibilment ukoll hand saw. Dawn id-diversi partijiet tal-ġisem tqiegħdu ġol-boroż tal-plastic li eventwalment instabu ġewwa l-bir f "il-Bosk";*
>
> *Illi Lino sive Paul Cauchi kien ġie rapportat nieqes wara illi ma kienx irritorna d-dar tiegħu nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 1982 u billi l-fdalijiet tal-kadavru li nstabu ġewwa l-bir f' "il-Bosk" fil-15 ta' Novembru 1985 issa ġew posittivament identifikati bħala dawk tal-imsemmi Lino sive Paul Cauchi;* ***billi jirriżulta - ampjament illi hawn si 'tratta ta' każ ta' omiċidju volontarju; billi ma jirriżultax lill-Maġistrat*** **Inkwerenti sottoskritt illi meta ġie rapportat l-għibien tal-imsemmi Lino sive Paul Cauchi kienet saret inkjesta Maġisterjali; *Jirrakkomanda illi tiġi istitwita tali nkjesta u in oltre illi l-Pulizija tinvestiga attivament il-każ fid-dawl tar-riżultanzi kollha hawn indikati;*** (sottolinjar ta' din il-Qorti).
>
> *Magħmula dawn il-konstatazzjonijiet, il-Maġistrat* Inkwerenti *sottoskritt għalaq din l-inkjesta, irrediġa dan il-proċess verbal, għaqqad miegħu r-rapport tal-Ispettur Angelo Baldacchino u d-dokumenti kollha li ġew indikati f'dan il-proċess verbal u ordna li kollox jintbagħat lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-liġi.*

139. Jirriżulta illi tali inkjesta kif rakkomandat mill-Maġistrat Inkwirenti qatt ma nfetħet u għalhekk ebda investigazzjoni ma setgħet issir minn Maġistrat Inkwirenti ieħor.

140. Jirriżulta illi l-Avukat Ġenerali, fis-7 ta' Awissu 2001, għamel rinviju tal-atti tal-Inkjesta lill-Maġistrat inkwirenti, dak iż-żmien kien il-Maġistrat Silvio Meli, li sussegwentement irtira bħala Imħallef, fejn intalab jisma' d-deposizzjonijiet tal-Assistent Kummissarju John Rizzo, lis-Supretendent Pierre Calleja u Spettur Antonello Grech kif ukoll persuni oħra.

141. Jirriżulta illi sussegwentement il-Maġistrat Inkwirenti mhux biss sema' l-Pulizija fuq imsemmija, iżda sema' wkoll lill Joseph Pace, Joseph Borg, Victor Balzan u n-Nutar Joseph Henry Saydon.

142. Jirriżulta illi fost ix-xhieda li nstemgħu kien hemm **Joe Pace**, illum mejjet, magħruf bħal li kellu l-Magic Kiosk, liema Joe Pace, bil-ġurament, irrakonta t-theddid u rikatti regolari illi huwa kellu minn Lorry Sant u Piju Camilleri, u tkellem dwar laqgħa partikolari illi kellu ma' Lorry Sant waħdu, fid-dar ta' Sant, fejn Borg bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti qal is-segwenti:

> *"Kont il-villa tiegħu l-Fgura. Konna jiena u hu biss, lanqas il-mara ma ken hemm. Meta għidtlu hekk, qalli ara x'qed ngħidlek, jekk ma tagħmilx dak li qed ngħidlek, ngħid lil Piju Camilleri u nagħmlulek bħal ma għamilna lil Lino Cauchi. Wara irrealizzajt min kien Lino Cauchi għax qatt ma tajt każ.*

*Staqsjetu x'ried ifisser b'dan. Qalli "ma tafx x'gara?" Dan ilu xi erbgħatax-il sena. Ma rrekordjajtux eżatt. Naf li werwirni u fhmt eżatt x'kien qed jgħid għax kont qrajt fil-gazzetti li Lino Cauchi kien għeb u irrealizzajt dak li ġara fl-uffiċċju tiegħu fit-8 ta' Diċembru tal-1981 peress illi Lino Cauchi kien sparixxa ftit jiem wara l-inċident li kien hemm fl-uffiċċju tiegħu ta' din id-data. Jien ma ridtx nisparixxi wkoll għax rajt kummiedju f'ħajti"*

143. Jirriżulta wkoll illi fost ix-xhieda, kien hemm ukoll **Joseph Borg**, li xehed quddiem dina l-Qorti wkoll. Quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, fix-xhieda tiegħu, irrakkonta it-theddid u rikatti regolari li kellu u l-arranġament dwar propjetajiet, kif ukoll xehed dwar Lino Cauchi, li kien inġieb minn Piju Camilleri bħala l-accountant tiegħu. Dwaru huwa jgħid is-segwenti:

*Fl-istess mument li konna qed niffirmaw dan il-kuntratt ta' trasferiment in kwistjoni biex nittrasferuhom mill-Paola Development għall-favur Piju li imbagħad floku deher Joe Pace, konkarrentli miegħu iffirmajna ftehim li lħaqna xi tlett ijiem qabel ma l-istess Piju Camilleri, Indri ħu Piju, Victor Balzan u jien. Victor kien daħħalni f'din il-kumpanija ta' l-University Heights fejn kelli share transfer u kien jidher biss permezz tax-share transfer certificate li kien f'idejja. Dak iż-żminijiet din il-kumpanija biegħet xi tlieta u tmenin elf lira proprjeta' u meta tlabna rendikont x'qed jiġri minn dawn il-flus Piju qalilna li kien fadal ftit flus.*

*Intqajna xi l-bidu ta' Diċembru. Ġab lil Lino Cauchi l-accountant tiegħu. Ġab l-istatement ta' din il-kumpanija, l-istatements of accounts tagħha, fejn uriena dawn it-tlieta u tmenin elf lira, b'ħafna spejjeż li jien ma aċċettajthomx u kienu niżlu biex fadal profitt jew cash in hand ta' dsatax-il elf.*

*Dan ġara ftit ġranet qabel il-kuntratt tat-8 ta' Diċembru ta' l-1981 u kien fil-bidu ta' Diċembru ta' l-istess sena. Dak il-ħin ftehmna quddiem l-accountant Lino Cauchi li l-ammont bejn it-tlieta u tmenin elf u d-dsatax-il elf lira marru u nħalluha sospiża pero' l-kumplament tal-plots nerġgħu naqsmuhom. Nofshom noħduhom jiena u Victor Balzan u nofshom jibqgħu għand Piju u għand missieru.*

*Lino Cauchi għamlilna abbozz ta' ftehim. Għollejna munita biex ngħażlu l-plots u jien u Victor Balzan nagħżlu plot u Piju jagħżel oħra u fl-aħħar għażilna sitta u tletin plot kull wieħed. Blokk ta' sitta u tletin jiena u Victor Balzan u blokk ieħor ta' sitta u tletin plot għal Piju u missieru. Dan il-ftehim li għamilna fil-bidu ta' Diċembru ta' l-1981 żammu Lino Cauchi u ġabu miegħu fit-8 ta' Diċembru ta' l-istess sena 1981 biex dak inhar li kienet il-Kunċizzjoni iffirmajna l-kuntratt ta' trasferiment ta' l-art li riferejt għalih qabel u iffirmajna dan l-agreement li permezz tiegħu jagħtina s-sitta u tletin plot lura.*

*Meta fil-bidu ta' Diċembru Lino Cauchi ġabilna l-accounts kien jidher li nbiegħu xi ħmistax, għoxrin għalqa jew aħjar ħmistax jew għoxrin plot mill-għalqa ta' Senjer ġo Ħal-Luqa u dan l-istatement kien juri li l-plots inbiegħu xi elfejn jew elfejn u tmien mitt lira l-waħda. Seba' mitt lira fuq kull plot kienet qed tidher fil-kuntratt u elfejn jew elfejn u mija kienu flus li ma ġew iddikjarati qatt. Kif Piju ra dan l-istatement u Lino Cauchi kien ipprepara diversi kopji u*

*għaddihom lil kull wieħed minna qabad jitlewwem ma' Lino Cauchi għaliex kien kixiflu għajnu miegħi u Piju lili ma kienx jafdani. Kixfu li kienet qed issir xi ħaġa kontra l-liħi. F'dan l-istatement kien hemm indikat ukoll li kien hemm xi tletin elf lira flus illi ma kinux ġew iddikjarati fil-kuntratti peress illi fl-istatement kien hemm ħmistax-il kuntratt bl-ismijiet tan-nies illi fuqhom elfejn lira fuq kull wieħed ma kinux jidhru u dan Piju Camilleri ħadha bi kbira kontra Lino Cauchi għax kixfu quddiemi. Beda mhux jheddu. Beda jgħidlu dan ma messikx ktibthom. Dawn mhux neċessarji. Ma messikx għamilt dawn l-affarijiet u diskors minn dan.*

*Imbagħad fit-8 ta' Diċembru ta' l-1981 reġa' ġie Lino b'dan l-istatement u iffirmajnieh. Iffirmajna l-kuntratt tat-trasferiment tal-art u iffirmajna wkoll agreement. Erba' tijiem wara saret l-elezzjoni ta' l-1981. Għidt lil Victor Balzan ħalli jkellem lil Piju ħalli nagħmlu l-kuntratt li l-ftehim tiegħu kien żammu Lino Cauchi pero' Victor qalli li Piju ma riedx jonerah dak il-ftehim. Dan id-dokument mhux qiegħed għandi pero' nipprometti li nipproduċieh f'seduta oħra. Allura jiena tlabt lil Victor biex imur għand Lino ħalli jagħtini kopja tal-ftehim li konna iffirmajna ħalli nagħmel li jkun hemm bżonn. Aktar tard Victor kien reġa' sabni u qalli li mar ikellem lil Lino u dan qallu illi biex jagħtina kopja ried ikollu l-approvazzjoni ta' Piju Camilleri. Sa dan it-tant waslu nofs Frar ta' l-1982 u Lino Cauchi sparixxa u bqajna ma stajniex nagħmlu b'dan il-kuntratt u s-sitta u tletin plot ma ħadnihomx lura.*

*...*

*Meta għadda ċertu żmien jidhirli li Victor Balzan qalli li Lino Cauchi mejjet. Naħseb li kien għadda xi sena jew sentejn mill-għejbien ta' Lino Cauchi. Forsi m' għaddewx sentejn.*

*Mistoqsi jekk Victor Balzan qallix kif miet Lino Cauchi ngħid le ma qallix. Din kienet ħaġa li anke jien kont ili nħossha. Li qalli Victor dak inhar ma qallix min kien qalulu lil Victor. Jiena lanqas staqsejtu. La qalli kif miet u lanqas qalli min qallu.*

*...*

*Niftakar li Victor Balzan darba kien qalli illi l-klikka ta' Lorry Sant kienu qatlu lil Lino Cauchi. Ma qallix il-klikka min hi. Imma jien bil-klikka nifhem illi din tinkludi lil Victor Balzan stess, Piju Camilleri in-number one, Joe Camilleri, Joe Pace li kellhom konnessjoni diretta u jista' jkun ukoll pero' din il- persuna ma nsemmihiex għaliex m'għandhiex x'taqsam.*

*Victor Balzan kien kontinwament ibeżżagħni minn Piju u mill-klikka tagħhom. Wara rriżultali li hu kien qed jiftiehem magħhom, ma' Piju u Joe Camilleri u Victor kien jgħid li Lorry Sant kien qed jitlobhomlu u kien jgħidli li l- bombi u lili saritli bomba kien għamilhieli Piju u Victor kien jgħidli li l-klikka ta' Lorry Sant kienet qatlet lil Lino Cauchi pero' qatt ma ndikali nies b'mod preċiż. Ma qallix għalxiex kienu qatluh. Dan qaluli bilfors qabel l-1983 għaliex jiena kont tlajt nixhed quddiem l-Imhallef Herrera u kont semmejtha din il-kwistjoni.*

*Meta qalli hekk Victor Balzan, Lino Cauchi kien għadu ma nstabx. Meta Victor Balzan qalli dan id-diskors ma jidhirlix li kien hemm xi ħadd ieħor magħna.*

144. Jirriżulta wkoll illi l-Maġistrat Inkwirenti ħabar ukoll ix-xhieda bil-ġurament ta' **Victor Balzan** fejn, filwaqt illi ċaħad li qatt ma li kien jaf li l-klikka ta' Lorry Sant qatlu lil Lino Cauchi, ikkonferma, madanakollu, illi Lino Cauchi kien l-accountant ta' Piju Camilleri u fil-laqgħa tat-8 ta' Diċembru 1981, fejn kien hemm preżenti Lino Cauchi li rrediġa l-iskrittura, u kien hemm argumenti kbar, li kienu jinvolvu prinċipalment Piju Camilleri, għalkemm ma jiftakarx jekk dawna kinux indirizzati lejn Lino Cauchi. Huwa jikkonferma wkoll illi kien hemm okkazzjonijiet fejn Piju Camilleri kien hedded lilu illi kien ser itajjru, u ta' dan għamel rapport lill-Pulizija.

145. Jirriżulta illi fis-7 ta' Settembru 2001, il-Maġistrat Inkwirenti rrediġa l-Proċess Verbal tiegħu, fejn kellu dan xi jgħid:

*Illi din ix-xhieda ulterjuri mismugħa tmur term lil hemm mil-limiti tar-rapport ta' l-Ispettur Angelo Baldacchino datat il-15 ta' Novembru tal-1985 li ta lok u dimensjoni legali preċiża lil din l-investigazzjoni;*

*Illi in effetti jirriżulta anke mill-konklużjoni tal-Maġistrat Inkwirenti preċedenti fil-proċess verbal tiegħu datat l-20 ta' Marzu ta' l-1989 li l-proċedura odjerna kienet laħqet il-limiti legali tagħha fit-terminu ta' l-Artikolu 546 tal-Kodiċi Kriminali u sa anke minn dak iż-żmien il-proċess verbal kien eżawrit;*

*Illi in vista ta' dan l-istess Maġistrat, (illum elevat għall-Imħallef), kien mhux biss ikkonkluda interament l-inkjesta li kkonduċa fuq il-bażi tar-rapport tal-pulizija tal-15 ta' Novembru ta' l-1985 fuq indikat iżda kien ukoll irrakkomanda li tiġi istitwita inkjesta appożita dwar l-għibien ta' Lino sive Paul Cauchi;*

*Illi jidher li mill-20 ta' Marzu ta' l-1989 sallum dan baqa' ma seħħx stante li la sar rapport, la denunzja u lanqas kwerela ta' reat kif tenut skond l-artikolu 546 tal-Kodiċi Kriminali pre-ċitat daqs li kieku r-riżultanzi riferiti fl-istess proċess verbal ma seħħewx;*

*Illi għandu jkun ovvju li llum l-investigazzjoni fuq ir-rapport ġia indikat datat il-15 ta' Novembru ta' l-1985 hu eżawrit, kif de resto jindikaw ukoll ix-xhieda imressqa mill-pulizija investigaturi fl-udjenza riżervata appożitament għalihom mill-Maġistrat Inkwirenti sotto-iffirmat peress li xejn mix-xheida minnhom imressqa ma kienet qed titfa' xi dawl ġdid fuq fatti relatati mar-rapport de quo;*

*Illi għaldaqstant il-Maġistrat sotto-iffirmat, filwaqt li jiddikjara li x-xhieda prodotta mill-investigaturi fl-udjenza tas-6 ta' Settembru tas-sena 2001 m'għandhiex rilevanza għar-rapport tal-pulizija datat il-15 ta' Novembru ta' l-1985 pero'* ***jirrileva li din l-istess xhieda titfa' dawl qawwi fuq suspettat omiċidju ta' Lino sive Paul Cauchi li mhux biss jimmerita approfondiment serju iżda jirrikjedi li jittieħdu dawk il-passi kollha neċessarji - skond il-liġi - biex il-fatti jkunu skrutinati fil-fond u jkunu eventwalment, u jekk ikun il-każ, legalment sostenibbli;***

***Għaldaqstant, il-Maġistrat Inkwirenti sotto-iffirmat, filwaqt li jafferma li s-soċjeta' għandha tkun garantita il-legalita' tal-proċeduri kondotti mill-awtoritajiet kompetenti għaliex altrimenti l-konsegwenzi jkunu ferm atroċi, jagħmel tiegħu ir-rakkomandazzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti preċedenti datata l-20 ta' Marzu ta' l-1989 u mhux biss, anzi jissolleċita li min hu dovut biex ma jerġax iħalli perjodu daqshekk twil jgħaddi inutilment mingħajr ma jaġixxi skond il-liġi, u jiddikjara wkoll li l-mertu ċirkoskritt mir-rapport tal-pulizija fl-atti ta' dan il-proċess verbal datat il-15 ta' Settembru ta' l-1985 hu għal kollox eżawrit u ilu hekk sa mill-għeluq ta' l-istess proċess verbal fl-20 ta' Marzu ta' l-1989;***

***Illi inoltre in vista tar-riżultanzi odjerni, jieħu wkoll l-opportunita' li jirrikkomanda lill-awtoritajiet kompetenti li għandhom allura jinvestigaw l-allegat suspettat omiċidju ta' Lino sive Paul Cauchi u reati oħra speċjalment dawk rigwardanti l-ksur tal-liġi dwar it-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti, Kap 354, u korruzzjoni u estorzjoni;*** (sottolinjar ta' dina l-Qorti)

*Magħmula dawn il-konstatazzjonijiet il-Maġistrat Inkwirenti sotto-iffirmat għalaq għal darb' oħra din l-inkjesta, irrediġa l-preżenti proċess verbal, għaqqad miegħu x-xhieda minnhu mismugħa u d-dokumenti kollha lilu ppreżentati u ordna li kollox jintbagħat lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-liġi.*

146. Jirriżulta illi sussegwentement, nġiebu jixhdu persuni oħra quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, fosthom **Piju Camilleri**, li filwaqt li ċaħad illi Lino Cauchi kien qatt l-accountant tiegħu kif ukoll illi qatt heddu, bil-ġurament rrakkonta s-segwenti:

*Mistoqsi meta kienet dik id-darba li jiena żgur minnha li ltqajt ma' Lino Cauchi ngħid id-data eżatt ma nafhiex ma niftakarhiex. Iltqajt ma' Lino kien fl-1981.*

*Kellna xogħol ta' negozju bejni, is-soċjeta' Luqa Company Limited, Joseph Borg u Victor Balzan. Luqa Company Limited hija kumpanija tiegħi. Is-soċjeta' kien jisimha Luqa Development Company Limited li hija tiegħi. Miegħi kelli l-papa tiegħi shareholder.*

*F'dak il-perjodu ħija Andrew li kien accountant ma' l-Airmalta kien iżomm il-kotba tal-kumpaniji tiegħi.*

*Dak iż-żmien għalkemm konna ngħaddu flus lil Joe Borg u Victor Balzan wara li konna nikkonkludu n-negozzju tagħna għax kellna n-negozju flimkien darba ġie Victor u qalli li ma kienx qed jaqbel mal-figuri li kont qed nippreżentalu. Ħija Andrew kien jaf lil Lino għaliex kienu jaħdmu f'xi żmien l-Airmalta. Qalli fil-każ jekk inti trid u l-oħrajn jaqblu ngħaddi l-affarijiet li dan Lino u jieħu over Lino u dana għax-xogħol ta' accontancy.*

*L-ewwel kont iltqajt ma' Joe Borg u Victor Balzan il-Belt fl-uffiċju li kellu Joe Pace il-Belt qabel f'Merchant Street qabel ma mar tas-Sliema. Niftakar li Lino Cauchi kien baqa' barra. Dħalna jiena u Andrew. Dawn eżaminaw id-dokumentazzjoni li kien ippreżentalhom ħija Andrew.*

*Qablu magħha u Lino Cauchi ma daħalx fl-istorja. La kellimnieh fil-preżenza tagħna, la kellimnieh fuq accounts, la għaddejnilu accounts ma għaddejnilu xejn.*

*Dik l-uniku darba li jiena rajt lil Lino Cauchi.*

*Ngħid ukoll għaliex ġieli smajtha f'xi xhieda la qatt kien accountant tal-kumpaniji li kelli x'naqsam magħhom jien. Fejn kelli x'naqsam jiena fil-kumpaniji tiegħi qatt ma kien jew żammli xi kotba jew iltqajt miegħu biex nispjegalu xi karti. Nerġa' ngħidha, naħlef fuq uliedi u fuq kulħadd.*

147. Dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' Lorry Sant u l-allegazzjonijiet illi kienu saru fil-konfront tiegħu, Piju Camilleri qal is-segwenti:

*Lil Lorry Sant nafu. Qatt ma kelli negozju tal-artijiet ma' Lorry Sant. Li kelli ma' Lorry kienet ħbiberija kbira u ma niċħadha ma' ħadd u mhux xi diżunur għalija. Konna krejnilu l-villa ta' Wied il-Għajn b'kuntratt fejn illum toqgħod il-mara tiegħu. Meta ngħid konna ngħid illi kienet il-kumpanija li kelli flimkien ma' Joe Pace. Kienet Tor illi krietha. Fl-iskrittura kellna wkoll illi jekk niġu biex inbiegħuha nagħtu d-dritt ta' first refusal lill-mara tiegħu u dan l-aħħar biegħejniha. Kien xi sentejn jew tlett snin ilu. Għamilna l-kuntratt u dan huwa ppublikat.*

*Jien ma kelli l-ebda negozji flimkien ma' Lorry Sant. Iva kont naħdem mal-Public Works. Il-Public Works kelli kariga ta' Works Manager. Din il-kariga kont għamilt perjodu twil Kalafrana fejn illum hemm il-Port Ħieles. Wara l-1981, meta Lorry Sant kien sar Ministru tal-Intern u fejn kont dak iż-żmien il-Kalafrana ma' baqgħetx taħt il-Public Works, kellna għażla peress illi kienet twaqqfet il-kumpanija Kalaxlokk li min ried kien joqgħod mal-kumpanija jew dak li jkun jagħżel li jibqa' mal-Gvern. Jien għażilt li nibqa' mal-Gvern u kont ħejt trasferit mal-Ministeru tal-Intern. Xorta bqajt responsabbli minn xogħol ta' kostruzzjoni għaliex dik il-linja tiegħi. Peress illi l-Ministeru tal-Intern kellu responsabbilta fuq l-Għases u d-Dwana allura fejn kien ikun hemm xogħol ta' tranġar ta' Għasses kien jaqa' taħt ir-responsabbilitajiet tiegħi. Xogħol ta' kostruzzjoni fid-Dwana kien ikun responsabbilita tiegħi.*

148. Dina kienet l-aħħar darba li sar xi ħaġa fl-atti tal-inkjesta, u wara dakinhar, jirriżulta illi, għal darba oħra, r-rakomandazzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti ma ġewx adottati la mill-Pulizija u wisq anqas mill-Avukat tal-Istat, u baqgħet qatt ma infetħet Inkjesta.

## XXIII – HOMICIDE COMMISSION - METROPOLITAN POLICE SERVICE (New Scotland Yard) - (Dok SP3)

149. Jirriżulta illi fil-11 ta' Settembru 1996, kienet ġiet kreata Homicide Commission bejn il-Korp tal-Pulizija w is-sezzjoni msejjħa Specialist Operations Organized Crime Group New Scotland Yard fi ħdan il-Metropolitan Police Service.

150. Jirriżulta illi fit-22 ta' Novembru 1996, ftit aktar minn xahrejn wara li ġiet iffurmata tali Kummissjoni, is-Supretendent Ingliż Jeffrey Rees kien irrediġa Progress Report fejn, beda biex jgħid illi:

*The first part of the report will focus on specific issues addressed since my last report. It will also set out incomplete lines of enquiry in the investigation into the murder of Karin GRECH, and discuss the death of Paulino CAUCHI. The second part will discuss the way forward for the Homicide Commission and areas for development in the Malta Police Force (MPF) investigation tactics.*

151. Fl-ewwel parti tar-rapport, dwar il-każ ta' Lino Cauchi, kellu dan xi jgħid:

*This is the second case in the series of murders we had been invited to examine.*

*Paulino CAUCHl, an accountant, was last seen alive on 15th February 1982. His dismembered body was found in a well on 14th November 1985, the cause of death being two severe blows to his head.*

*No person has been charged with his murder.*

*Our first action was to examine the police files relating to CAUCHI's disappearance and the subsequent discovery of his body. We then interviewed his widow and one of his brothers, and also discussed the case with the Maġistrate, Dr David SECHLUNA.* (sic)

*The interviews of the widow revealed that she was in possession of the business files CAUCHl was maintaining at the time of his death. These had never been examined by police, but she readily gave them to us and they are likely to generate a number of important enquiries.*

*The demands of the Karin GRECH investigation meant, to the next of kins' disappointment, that we were unable to pursue the investigation into this case any further.*

*Examination of the papers and our discussions with the interested parties did indicate, however, that MPF enquiries into the case were far from thorough and, after discovery of the corpse, limited almost totally to confirming it to be that of Paulino CAUCHI. Why this should be so can be but a matter for conjecture at this stage, but our initial investigation revealed a host of obvious and potentially fruitful avenues of enquiry.*

152. Fit-tieni parti tar-rapport, dwar kif kellhom jitmexxew il-quddiem l-affarijiet, intqal is-segwenti:

*The future of the Homicide Commission*

*Our terms of reference stated that Metropolitan Police involvement in the Homicide Commission would be confined to its establishment, joint investigation of a limited number of important cases, and then gradual withdrawal as local skills developed through direct training. It has become apparent to us, however, that if the Homicide Commission is to fulfil its potential the following will be necessary:*

- ***<u>There should be open commitment to its success from all the component sections of the MPF.</u>*** (sottolinjar ta' dina l-Qorti)

- *There should be a small nucleus of trained staff with no other commitments. Other staff could be brought in for particular enquiries, so broadening familiarity with the system and providing individuals with invaluable experience, but the nucleus should remain in order to ensure consistency and best practice. Ideally, the senior investigating officers should also have no other commitments, but we recognise that this may not be practicable given the present investigative structure of the MPF.*

- *A single officer should take responsibility for the exhibits in each case, and all exhibits, including those held by Maġistrates, should be properly logged and accounted for. The Metropolitan Police exhibit books are ideal for these purposes.*

- *Monthly progress reports should be prepared on all investigations undertaken. After three months, if a case remains unsolved, independent assessment should be made as to whether the case should be pursued further or left pending new developments. This last review should include a personal presentation to the independent officer(s).*

*Most of the above should in fact apply to investigations of new murders.*

153. Jirriżulta, madanakollu, illi dan kien l-aħħar rapport illi qatt sar mill-Metropolitan Police, peress illi jirriżulta li wara tali rapport, l-operazzjoni tal-Homicide Commission twaqqfet.

154. Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li hija kemmxejn stramba, jekk mhux indikattiva ta' diffikultajiet ġia minnu riskontrati, illi l-Ispettur Rees jindika, bħala l-ewwel ħaġa li kellha tigi assikurata mill-Pulizija, "*open committment to its success from all the component sections of the MPF*". Il-fatt li, wara tali rapport, il-Kummissjoni twaqqfet milli topera aktar, hija ċertament indikattiva illi dak indikat u, indirettament indizzjat mill-Ispettur Rees, kien attwalment realta' preżenti fil-Korp tal-Pulizija u l-awtoritajiet ta' dak iż-żmien, tant li twaqqaf kollox.

155. Hija tassew indikattiva li ftit ġimgħat qabel, jidher lli sar rapport intern, redatt presumibbilment mill-istess Spettur Rees, in vista ta' żball ortografiku ċar fl-isem tal-Maġistrat David Scicluna, fejn huwa indikat bħala Mr David Scicluna, fejn qal is-segwenti: (Dok SP4)

*On Thursday 24th October 1996 I and other officers saw the Magistrate dealing with the murder of Lino CAUCHI - Mr David SCICULANA. (*sic)

*He expressed a view that Lino almost certainly died because he knew too much about some criminal activity. He would have become aware of the information through his employment as a auditor, and he audited accounts for a number of influential people including Labour clients.*

*He was appointed examining Magistrate only when the body was found. There had been no previous examining Magistrate. He described himself as sceptical of the contents of the police files dealing with case. Indeed, there was real suspicion that police were officers were involved in the murder.*

*He was content that the body found was that of Lino CAUCHI.*

*There was a possibility that CAUCHI had been laundering money for people in high places and the police protected them.*

*Apparently police had seized the papers from Lino CAUCHI's office but he had never been able to gain access to them. He had no knowledge of what had happened to the brief case found or to the demand letters.*

*He had no objection to us having access to the exhibits or papers, but directed that it had to be an MPF officer who conveyed them to any UK laboratory.*

*The murder still has high profile in Malta for three reasons*
*1) The macabre aspects.*
*2) The suspicion of involvement of someone in high places.*
*3) Family pressure.*

*It was clear that the family had been confiding in the Magistrate. He suggested that we speak to Richard CAUCHI about a man PIJU CAMILLERI.*

**Ikkunsidrat**

156. Kif osservat aktar 'il fuq, f'paragrafi 45 u 46, ir-rikorrenti Anna Cassar, mart il-maqtul Lino Cauchi, kif ukoll ir-rikorrenti Paolo Cauchi, iben il-maqtul Lino Cauchi, talbu, permezz tal-proċeduri odjerni, illi jitħallsu kumpens, u dana wara li din il-Qorti tiddikjara:

a. Li l-qtil ta' Lino Cauchi seħħ fi żmien politiku turbulenti u vjolenti u konsegwenza tas-servizzi politiċi li huwa rrenda lill-persuni magħrufa li kienu involuti fi ċrieki politikament vjolenti u abbusivi, fejn huwa kien jaf b'tali abbużi.

b. Li l-Gvern naqas milli kemm jipproteġi l-ħajja ta' Lino Cauchi kif ukoll, kemm wara l-għejbien tiegħu, kif ukoll s-sejba tal-fdalijiet tiegħu, u għalhekk naqas mill-obbligu tiegħu lejn il-familja ta' Lino Cauchi, ossija r-rikorrenti, bi ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, sabiex jipproteġi l-ħajja.

c. Li n-nuqqas tal-Gvern wassal għall-effetti perpetwi katastrofiċi u perpetwi fuq il-ħajja u s-saħħa psikika tar-rikorrenti, u għalhekk id-dritt għall-ħajja privata tagħhom ġiet leża, bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

d. Li huma ġew diskriminati meta l-Istat naqas milli jagħti kumpens xieraq meta ingħata kumpens f'każijiet ferm anqas gravi, u dana bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

157. L-Onorevoli Prim Ministru, tramite l-abbli Avukat tal-Istat, oġġezzjona għat-talbiet kollha, fejn ressaq kemm eċċezzjonjiet ta' natura preliminari, kif ukoll fil-meritu.

158. Ikun għalhekk opportun illi, qabel xejn, jitqiesu l-eċċezzjonijiet preliminari, sabiex wara jitqiesu t-talbiet tar-rikorrenti flimkien mal-eċċezzjonijiet relattivi.

**EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI**

**<u>Ma huwiex il-Leġittimu Kontradittur</u>**

159. Jirriżulta illi l-Prim Ministru, fid-difiża tiegħu, jikkontendi li, in vista tal-Artikoli 181B (2) u 181B (3) tal-Kap 12, huwa ma huwiex il-leġittimu kontradittur stante illi ebda aġir ilmentat mir-rikorrenti ma jista' jkun imputabbli lill-Prim Ministru.

160. L-Artikolu 181B, jipprovdi s-segwenti:

*(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

*(3) Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta'dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat tal-Istat u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat tal-Istat. In-notifika lill-Avukat tal-Istat ssir bla ħlas lir-reġistratur.*

161. Dwar tali eċċezzjoni u difiża, l-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fil-kawża Kostituzzjonali '**Raymond Gauci vs il-Pulizija et**' deċiża fis-27 ta' Ġunju 2002 per Imħallef Raymond C Pace, fejn dwar tali difiża intqal is-segwenti:

*Illi ma hemm l-ebda dubju li l-iskop tal-emenda li saret f'dan l-artikolu msemmi permezz tal-Att XXIV tal-1995 kienet intiża sabiex wieħed jiffaċilita' r-rikors lejn il-Qrati f'kull kawża nklużi f'każi ta' allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, u dan anke sabiex jiġu evitati traġitti nterminabbli dwar il-kwistjonijiet ta' min huwa leġittimu kontradittur f'kawża kostituzzjonali, li sfortunatament il-Qorti kienet inondata bihom qabel l-imsemmija emenda, li ħafna drabi u wisq iżjed minn desiderabbli, wasslu biex azzjoni kostituzzjonali ġiet terminata fuq punti ta' proċedura, mingħajr ma l-Qorti eżaminat il-bażi tal-problema kostituzzjonali mqajma, u dan kif jirriżulta fis-sentenzi "Lucien Stafrace vs Aġent Reġistratur tal-Qorti" (Q.K. 9 ta' Novembru 1988); "Onor. Lino Debono vs Maġistrat Dr. Michael Mallia" (Q.K. 19 ta' Frar 1990); "Rita Portelli vs Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari et" (Q.K. 22 ta' Lulju 1985) "Angelo Vella vs L-Onor. Prim Ministru" (Q.K. 18 ta' Lulju 1990); "Carmelo sive Charles Buttigieg vs Albert Mizzi bħala Chairman nomine" (Q.K. 9 ta' Ottubru 1989); "Carmelo sive Charles Delia vs Ir-Reġistratur tal-Qrati nomine" (Q. K. 25 ta' April 1990); "Edwin Bartolo et vs Aġent Reġistratur tal-*

*Qrati nomine" (Q.K. 15 ta' Frar 1991); "Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et" (Q.K. 5 ta' April 1991) fost oħrajn.*

*Illi dan fl-umili opinjoni ta' din il-Qorti, kien qed iwassal għal dewmien sostanzjali fid-determinazzjoni tal-kwistjoni kostituzzjonali, tant li fis-sentenza "Chetenram Sharma et vs Avukat Ġenerali" (Q.K. 6 ta' Ġunju 1989) l-istess Qorti Kostituzzjonali proponiet it-test li sabiex wieħed jiddeċiedi min ikun azzjonabbli għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali huwa dak li jiddetermina liema hija dik il-persuna li trid tkun ċitata sabiex tkun tista' tagħti jew tipprovdi rimedju għall-istess allegata vjolazzjoni, u din ma kinitx kwistjoni ta' nullita' ta' proċeduri, iżda ai fin dei contidmir tal-Qorti li "fid-diskrezzjoni wiesgħa mogħtija lilha tagħti rimedju opportun, b'dawk il-mezzi proċeduri disponibbli u mingħajr ma tilledi d-dritt ta' ħaddieħor".*

*Illi dan il-moviment ġdid fil-ġurisprudenza nostrali, f'dak li din il-Qorti tħoss li kien attentat serju sabiex jiġi eleminat formalissimu esaġerat, (bla preġudizzju għal kwistjonijiet ta' mertu) fil-perspettiva ta' rikorsi kostituzzjonali, ġie kkonfermat fis-sentenza "Joseph Abela vs Onor. Prim Ministru" (Q.K. 7 ta' Diċembru 1990) fejn ġew identifikati l-leġittimi kontraditturi f'tali proċeduri u ċioe':-*

*"(i) L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, għal kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi;*

*(ii) Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew ifornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona;*

*(iii) Fit-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċeduri ġudizzjarji".*

*Illi dawn il-prinċipji ġew segwiti f'numru ta' kawżi fosthom "Edwin Bartolo vs Aġent Reġistratur tal-Qorti nomine et" (Q.K. 15 ta' Frar 1991); "Onor. Lorry Sant vs Kummissarju tal-Pulizija" (Q.K. 2 ta' April 1990); "Paul Debono vs L-Aġent Prim Ministru" (Q.K. 7 ta' Diċembru 1990) u "Major Philip Manduca vs Prim Ministru" (Q.K. 23 ta' Jannar 1995) fost oħrajn,*

*Illi permezz ta' din l-emenda odjerna l-pożizzjoni llum ġiet kristallizzata, b'dan li llum wieħed jaf abbażi tal-artikolu 181B tal-Kap 12, il-persuna li trid tiġi mħarrka sabiex tirrapreżenta lill-Awtoritajiet governattivi, pero' dan ma jfissirx, fl-opinjoni tal-Qorti, li t-test provdut fil-kawża fuq ċitata ta' "Joseph Abela vs il-Prim Ministru" ġie għal kollox eleminat u dan peress li meta l-allegazzjoni ta' ksur ta' wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem tqum minn jew fuq proċeduri li jkunu pendenti bejn il-partijiet, dawk il-partijiet għandhom jifformaw parti mill-istess ġudizzju, kemm għaliex dawn għandhom ċertament interess fl-istess proċeduri u wkoll għall-integrita' tal-ġudizzju, u fil-fatt ma hemm xejn fl-artikolu ċitat li jimmilita kontra dan.*

162. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti, illi l-ilmenti lamentati mir-rikorrenti jirrigwardaw realta' politika li kienet teżisti kemm fiż-żmien meta ġie kommess id-delitt, kif ukoll fis-snin sussegwenti, fejn huwa allegat li r-realta' baqgħet waħda fejn id-delitt baqa' ma ġiex riżolt, minkejja sforzi illi setgħu saru, u dana anke in vista ta' deċiżjonijiet li setgħu ittieħdu illi tawwlu jew saħansitra waqqfu għal kollox l-investigazzjonijiet għal żmien konsiderevoli, bir-riżultat illi l-possibbilta' ta' konklużjoni attendibbli tal-vertenza, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar hemm il-probabbilta' li ma tinstab qatt.

163. Il-Qorti tosserva illi, ma għandu jkun hemm ebda dubju li, dwar l-ilment fuq is-sitwazzjoni politika renjanti, ħadd ħlief mill-Prim Ministru, bħala Kap tal-Gvern illi jkun qed imexxi l-pajjiż fil-perjodu inkriminanti, bħala l-persuna eletta mill-poplu sabiex imexxi l-pajjiż fis-sewwa, ma għandu jkun il-persuna illi tali ilment tiġi indirizzata.

164. Il-Qorti tosserva wkoll illi, abbażi tas-sentenza ta' **Joseph Abela** fuq indikata, huwa il-Prim Ministru, bħala Kap tal-Kabinett w tal-Gvern, illi finalment huwa responsabbli sabiex iforni r-rimedju li r-rikorrenti qed jitolbu, fil-każ odjern, kumpens, u għalhekk, ċertament tali ilment u tali rikjesta kellha, ta' bilfors, tiġi indirizzata lilu, sabiex dak mitlub mir-rikorrenti, jiġi attwat u rispettat.

165. Għalhekk, l-eċċezzjoni preliminari li l-Prim Ministru ma huwiex il-leġittimu kontradittur ma għandux mis-sewwa, u għalhekk din il-Qorti qiegħda tiċħadha.

**<u>L-Inappplikabilita' *Ratio Temporis* tal-Kap 319</u>**

166. Il-Qorti, b'tali eċċezzjoni, tifhem li l-intimat Prim Ministru qiegħed jikkontendi illi, fejn jirrigwarda l-applikabbilita' tal-Artikoli 2, 8 u 14 tal-Konvenzjoni, dawna ma japplikawx fil-każ odjern, peress illi l-qtil seħħ fis-sena 1982 u peress illi l-Artikolu 7 tal-Kap 319, li daħħal l-effetti tal-Konvenzjoni f'Malta, jipprovdi li ebda ksur tal-Artikolu 2 sa 18 tal-Konvenzjoni li seħħ qabel it-30 ta' April 1987 ma għandu jagħti lok għall-azzjoni taħt il-Konvenzjoni.

167. Il-Qorti hawnhekk tosserva li, mill-assjem tal-fatti u provi kif prodotti u r-rassenja, redatta mill-Qorti, ta' fatti w azzjonijiet meħuda jew mhux meħuda mis-sena 1982 'l hawn, jidher ċar illi l-ilmenti tar-rikorrenti jmorru ben oltre l-qtil ta' Lino Cauchi, iżda jirrigwardaw ukoll it-tmexxija tal-investigazzjoni kollha, mill-bidu nett sa llum, kif ukoll in-nuqqas ta' kumpens, nuqqas illi seħħ ċertament ferm wara d-dħul tal-Kap 319.

168. Għalhekk, il-Qorti tqis illi tali eċċezzjoni wkoll ma għandhiex mis-sewwa u timmerita illi tiġi miċħuda.

**<u>MERITU TAL-KAŻ</u>**

169. Kif osservat aktar 'il fuq, fil-meritu, ir-rikorrenti qed jikkontendu:

a. Li Lino Cauchi nqatel fi żmien politiku turbulenti u vjolenti u li nqatel għax kien jaf ħafna abbużi illi kienu qed isiru.

b. Li l-Gvern naqas milli jipproteġi l-ħajja ta' Lino Cauchi u li jwettaq investigazzjoni propizji u leġittima f'waqtha, bi ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u Art 33 tal-Kostituzzjoni.

c. Li tali nuqqas kkawża effetti perpetwi u katastrofiċi fuq il-ħajja u saħħa psikika tar-rikorrenti, bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

d. Li l-Gvern iddiskrimina kontra r-rikorrenti meta naqqsu milli jagħtu kumpens, u dana bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

**TALBA 1 - <u>Qtil fi żmien politiku turbulenti u vjolenti</u>**

170. Il-Qorti tibda billi tosserva illi ma għandu jkun hemm ebda dubju, illi l-istorja w il-provi juru li mill-aħħar nofs tas-snin sebgħin sa ftit aktar minn nofs is-snin tmenin, f'Malta kien hawn sitwazzjoni politika xejn feliċi, fejn kien hawn sitwazzjoni realta' u ħajja soċjali politikament mimlija tensjoni. Il-Qorti ser issemmi uħud mill-episodji li jikkonfermaw tali konklużjoni.

171. Fis-sena 1977, kien hemm it-Tilwima Industrijali bejn it-Tobba u l-Gvern, li wasslet għal-egħluq ta' xi sptarijiet stabbiliti għal għexieren ta' snin. F'dawn iż-żminijiet, inqatlet bl-aktar mod krudili u kodard, it-tifla tal-Professur Edwin Grech, Karin Grech, liema qtil ġie meqjus bħala wieħed politku mill-Qrati fil-kawża "Edwin Grech et vs il-Prim Ministru' (2/2008) deċiża fit-30 ta' Novembru 2010 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2011.

172. Jirriżulta illi fit-28 ta' Settembru 1979, waqt protesti miżmuma minn partitarji Laburisti, ġew attakkati l-uffiċini tal-Curia mingħajr ħadd ma intervjena, minkejja li kienu sitwati faċċata tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

173. Jirriżulta illi fil-15 ta' Ottubru 1979, waqt protesti oħra miżmuma minn partitarji Laburisti, l-uffiċini tal-gazzetta lokali Times of Malta, dak iż-żmien meqjusa bħala kritika ħafna tal-Gvern tal-ġurnata, ġew attakkati minn grupp ta' attivisti tal-Partit Laburista u maħruqa, minkejja li kienu sitwati biswit l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ossija Kastilja.

174. Jirriżulta illi, dakinhar stess, fil-15 ta' Ottubru 1979 stess, l-istess grupp ta' attivisti Laburisti, komplew bil-kampanja ta' vjolenza tagħhom u attakkaw varji Każini tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll daħlu bil-forza fir-residenza tal-Kap tal-Opposizzjoni taż-żmien, Dr Eddie Fenech Adami, fejn attakkaw membri tal-familja tiegħu li ssalvaw biss hekk kif telgħu fuq il-bejt u qabżu fuq bejt ta' ġar tagħhom.

175. F'Lulju tas-sena 1980, waqt fil-kustodja tal-Pulizija, persuna arrestata mill-Pulizija, ossija Nardu Debono, safa msawwat u attakkat mill-Pulizija, bir-riżultat illi miet waqt li kien fil-kustdja tal-Pulizija u sussegwentement ġie mitfugħ ġewwa Wied iċ-Ċawsli – snin wara il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien instab ħati tal-qtil tiegħu.

176. Fis-sena 1981, kien hemm l-Elezzjoni Ġenerali illi seħħet f'Diċembru, fejn il-Partit Laburista kien baqa' fil-Gvern għal ħames snin oħra filwaqt illi ma kellux il-maġġoranza tal-voti tal-elettorat, liema fatt wassal għall-kriżi Kostituzzjonali fejn, għal perjodu twil, il-Membri tal-Parlament eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista

rrifjutaw illi jattendu għas-seduti tal-Parlament għal ħmistax-il xahar, filwaqt illi kienet bdiet kampanja ta' protesti nazzjonali fit-toroq riżultat ta' tali sitwazzjoni.

177. Fis-sena 1981, il-Qorti Kostituzzjonali kienet ġiet sospiża fl-operat tagħha għal madwar tlett xhur minħabba differenzi illi Gvern tal-ġurnata kellu ma' deċiżjonijiet minnha meħuda.

178. Fis-sena 1983 u 1984, kien hemm tilwima bejn l-Istat u l-Knisja dwar l-operat tal-iskejjel da' parte tal-Knisja, illi wasslet għall-ordni tal-Gvern għall-għeluq tal-Iskejjel kollha tal-Knisja għal perjodu ta' madwar xahrejn, bi protesti kbar.

179. Fil-5 ta' Diċembru 1986, Raymond Caruana, attivista Nazzjonalista, safa maqtul meta persuni mhux magħrufa sparaw fuq il-Każin tal-Partit Nazzjonalista ġewwa l-Gudja, b'machine gun u laqtu lill-istess Caruana, li miet fuq il-post.

180. Dawna huma ftit mill-ħafna inċidenti ta' vjolenza illi seħħew f'dawn iż-żminijiet, li wasslu lil Dr Louis Galea, Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista f'dak iż-żmien, li għex tali vjolenza u intimidazzjoni, jiddikjara bil-ġurament quddiem dina l-Qorti illi:

> *Dana ma hemmx dubju huwa rikonoxxut mill-istorja li dan il-perjodu kien jirrappreżenta waħda mill-aktar kriżijiet gravi politiċi li Malta sofriet mill-Indipendenza sa … sa dakinhar … demokrazija limitata, sens ta' illeġittimita fil-Parlament u fil-Gvern, l-inċidenti spissi ta' vjolenza li qed nirreferi għal uħud minnhom … dawn huma biss uħud u mbagħad każijiet u abbużi ta' korruzzjoni u neputiżmu enormi.*

181. Għalhekk, din il-Qorti ma għandha ebda dubju illi, fiż-żmien meta inqatel Lino Cauchi, Malta kienet għaddejja minn żmien politiku turbulenti u vjolenti li saħansitra wasslet għall-qtil ta' persuni innoċenti, li l-qtil tagħhom għadhom ma ġewx riżolti sa' issa.

182. Jirriżulta, iżda, illi r-rikorrenti jikkontendu illi Lino Cauchi ma nqatilx biss minħabba fil-politika turbulenti illi kien hemm, iżda nqatel riżultat tal-fatt illi huwa kien qiegħed jippresta servizzi lill-persuni li kienu "*fi ċrieki politikament vjolenti u abbusivi*" u, peress li kien jaf bl-abbużi tagħhom, safa maqtul.

183. Jirriżulta, mix-xhieda ta' Joseph Borg, li dak iż-żmien, flimkien ma' sieħbu Victor Balzan, kien involut fil-qasam tax-xiri u bejgħ ta' artijiet, jiftakar li Lino Cauchi, f'laqgħa partikolari illi huwa kellu ma' Joseph Pace u Piju Camilleri, fil-presenza tan-Nutar Joseph Saydon, kien attenda għal laqgħa biex jassisti lil Piju Camilleri f'diskussjonijiet illi huma kellhom fuq il-qsim u bejgħ ta' plottijiet ta' art fuq biċċa art kbira ġewwa l-Fgura u oħra ġewwa Ħal Luqa.

184. Jirriżulta, dejjem skond ix-xhieda ta' Joseph Borg, illi Lino Cauchi kien inkarigat sabiex jagħmel il-konteġġi dwar id-dħul reġistrat fil-bejgħ ta' varji plottijiet fuq biċċa art kbira ġewwa l-Fgura, fejn jidher illi Joseph Borg ma kienx qiegħed jaqbel mal-konteġġi li kien qed jagħmel ħu Piju Camilleri, Andrew Camilleri, u għalhekk Piju Camilleri qabbad lil Lino Cauchi sabiex jagħmillu l-konteġġi.

185. Jirriżulta illi, f'laqgħa li saret fit-8 ta' Diċembru 1981, Lino Cauchi ippreżenta l-konteġġi, w dawna ma intgħoġbu xejn minn Piju Camilleri, li skond Joseph Borg, beda jirrabja ħafna ma' Lino Cauchi, peress illi dana kixef li Camilleri kien qed iqarraq b'Borg.

186. Jirriżulta illi f'tali laqgħa, seħħ ħafna ġlied u theddid fil-proċess li wassal għat-trasferiment ta' artijiet fil-Fgura, liema trasferiment sussegwentement, kienu anke l-meritu ta' kawża li Borg nieda kontra Pace, Ċitazz Nru 512/89, deċiża fit-18 ta' Ġunju 2004, li fiha tali theddid da parte ta' Piju Camilleri ġie rikonoxxjut u l-kuntratt iffirmat fit-8 ta' Diċembru 1981 sussegwentement rexiss.

187. Jirriżulta wkoll illi, f'tali laqgħa, Lino Cauchi kien ukoll imqabbad sabiex jirrediġi ftehim bejn il-partijiet kollha preżenti, dwar ir-ritorn ta' plottijiet ġewwa Ħal Luqa minn Piju Camilleri lil Joe Borg, liema artijiet kienu ingħaddew lill-kumpannija ta' Piju Camilleri bħala parti minn skambji illeċiti li kienu qed isiru bejniethom biex jaġevolaw il-ħruġ tal-permessi fuq artijiet oħra.

188. Jirriżulta illi Joe Borg jistqarr li, fl-aħħar ta' dik il-laqgħa, hekk kif huwa qal lil Cauchi li jerġgħu jiltaqgħu fis-sena li kien ġej, huwa sema lil Piju Camilleri jgħid illi ma humiex ser jerġgħu jaraw lil Lino Cauchi darba oħra, u Borg fehem illi dina kienet theddida għall-ħajjet Cauchi, li miegħu Piju Camilleri ġia kellu ġlieda preċendetement.

189. Jirriżulta illi Joseph Borg jgħid illi, sussegwentement, il-kuntratt finali dwar l-artijiet ġewwa Hal Luqa li kienu l-meritu ta' l-iskrittura redatta minn Cauchi, qatt ma kienet saret, għax Lino Cauchi kien sparixxa (eventwalment snin wara instab mqatta' bicciet ġewwa bir), w l-iskrittura kien żammha Lino Cauchi u qatt ma nstabet.

190. Il-Qorti, hawnhekk, tosserva illi, fil-mori tal-proċeduri odjerni, dwar tali laqgħat, l-unika persuna illi tressqet tixhed dwarhom kienet Joseph Borg. Dana qiegħed jingħad, għax Joseph Pace u Victor Balzan illum il-ġurnata huma t-tnejn mejtin, filwaqt illi Piju Camilleri u n-Nutar Saydon ma ttellgħux bħala xhieda minn ebda mill-partijiet, għal raġunijiet illi huma jafu.

191. Jirriżulta, madanakollu, illi fis-sena 2001, hekk kif il-Pulizija, wara li ngħataw informazzjoni mingħand Joseph Pace dwar il-qtil ta' Lino Cauchi w l-possibbilta' li Piju Camilleri kien involut fiha, reġgħu bdew jinvestigaw il-każ wara ħafna snin ta' staġnar, instemgħu xhieda quddiem il-Maġistrat Inkwirenti l-Maġistrat (sussegwentement Imħallef) Silvio Meli, fosthom Joseph Pace stess, Victor Balzan, in-Nutar Joseph Saydon kif ukoll Piju Camilleri.

192. Kif fuq aħjar irrapportat (ara para 141 sa 147), Piju Camilleri jikkontendi illi huwa qatt ma qabbad lil Lino Cauchi bħala l-accountant tiegħu – madanakollu, il-Qorti tosserva li jirriżulta ċar, mix-xhieda kif riprodotta u meħuda bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, illi, kif stqarr Camilleri stess, Lino Cauchi kien tqabbad minnu sabiex jagħmel il-konteġġi ta' kumpannija wara illi Joseph Borg kien oġġezzjona għal tali konteġġi li, dak iż-żmien, kien qiegħed jagħmilha hu Camilleri, ossija Andrew Camilleri. Jirriżulta, di fatti, illi Piju Camilleri ammetta li, fuq parir ta' ħuh, huwa qabdu sabiex jagħmel il-konteġġi f'din il-kwistjoni li dwarha kien qiegħed jiġġieled Piju Camilleri ma' Joe Borg.

193. F'dan l-istadju, il-Qorti tqis illi jkun opportun li tagħmel referenza għall-osservazzjoni illi għamlet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kostituzzjonali) deċiża fis-26 ta' Jannar 2017 fil-kawża fl-ismijiet '**Marks and Charles Limited u Joseph Borg vs Avukat Ġenerali**', li għalkemm il-Qorti taf li eventwalment ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell, għandha rilevanza għall-każ odjern, peress illi kienet qiegħda tikkummenta dwar il-fatt li rriżultaw mill-kawża '**Joseph Borg et vs Joseph Pace et**' Ċitazz Nru 512/89 (fuq imsemmija para 189), li biha kuntratt iffirmat f'dik il-laqgħa ġie rexiss abbażi ta' theddid, liema sentenza qatt ma ġiet revokata. F'din il-kawża, il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar l-involviment ta' Piju Camilleri:

*Illi rinfaċċjata bil-provi u atti eżebiti, din il-Qorti fl-ewwel lok bilfors trid tinkwadra dak li seħħ fil-konfront ta' Joseph Borg proprio et nomine fil-kuntest ta' korruzzjoni sistemika fejn ċittadin privat kellu jħallas bil-qares għal dak li kellu dritt għalih.*

*Din il-Qorti ma tistax ma taċċettax l-ewwel sentenza bhala l-punto di partenza fejn il-Qorti sabet li Joseph Borg kien ġie mhedded u kostrett biex jaċċetta t-trasferiment ta' 23 plot ta' artijiet appartenenti lil PCDL, kumpanija li fiha kellu ishma personalment u tramite l-Kumpanija Marks and Charles Limited, lil Piju Camilleri, - il-paraventu ta' l-ex Ministru Lorry Sant. Hekk hija l-istorja - sic et simpliciter.*

*Meta wasal għall-kuntratt, sab lil Joseph Pace ta' Terry Limited quddiemu u fuq istruzzjonijiet ta' Piju Camilleri, n-Nutar ħassar ismu mill-kuntratt u daħħal lill-Terry Limited.*

*Dan jirriżulta mill-kopja tal-kuntratt eżebit. Mela anke Joseph Pace kien komparteċipi fl-att ta' korruzzjoni - ċertament Joseph Borg ma kellux l-għażla ħlief li jaċċetta minħabba t-theddid li sar fuqu. Għaldaqstant ma hemm l-ebda diskussjoni dwar il-posizzjoni tiegħu ta' vittma ta' korruzzjoni endemika u ta' vjolenza subita.*

194. L-involviment ta' Piju Camilleri, ġia Membru tal-Planning Application Permits Board (PAPB) appuntat minn Lorry Sant, ma' l-istess Lorry Sant, li fiż-żmien kien il-Ministru tal-Public Works, ġiet anke skrutinizzata u kummentata mill-**Kummissjoni Permanenti dwar il-Korruzzjoni** f'rapport minnha redatt fi Frar 1990, fuq riferit a para 76.

195. Jirriżulta illi tali Kummissjoni, dak iż-żmien, wasslet għall-konklużjoni illi kien ovvju illi kien hemm kollużjoni ċara bejn Piju Camilleri u Lorry Sant, dak iż-żmien Ministru, fejn Piju Camilleri kien jidher f'formazzjoni ta' kumpanniji u akkwisti ta' ishma minn propjeta, għan-nom ta' Lorry Sant, fejn Lorry Sant jingħata propjetajiet mingħajr ebda korrispettiv ta' ħlas, bħala rigal in ritorn għall-ħruġ ta' permessi ta' bini fuq dawk l-artijiet stess, jew inkella artijiet oħra li jkunu qed jiġu negozjati bejn il-partijiet.

196. Jirriżulta ċar, anke lill-Kummissjoni stess, illi dawk iż-żminijiet kien hemm ċirku sħiħ ta' korruzzjoni u tixħim għall-għoti ta' permessi, liema permessi setgħu faċilment jiġu miċħuda jew saħansitra revokati mingħajr ebda raġuni jew mill-Ministru, ossija Lorry Sant, jew inkella minn Piju Camilleri, li dak iż-żmien kien Membru tal-PAPB appuntat minn Lorry Sant, liema ċirku sħiħ ġie a korrent tiegħu wkoll Lino Cauchi waqt in-

negozjati illi kienu saru fit-8 ta' Diċembru 1981 u li wasslu għall-iskrittura privata li huwa kien irrediga mal-partijiet, u li sparixxiet hekk kif sparixxa Lino Cauchi.

197. Jirriżulta wkoll, illi kemm Joseph Borg, kif ukoll Joseph Pace u Victor Balzan fil-presenza tal-Maġistrat Inkwirenti, lkoll kemm huma xehdu dwar it-theddid ripetuti li kienu jsirulhom minn Piju Camilleri kull meta ikun hemm xi kwistjoni dwar propjeta' illi huwa ma kienx ikun kuntent dwarha, fejn Borg jgħid ukoll illi spiċċaw biex għamlulu bomba mad-dar tiegħu li setgħet faċilment qatlitu u li spiċċat biex qatlet lill-martu ftit tax-xhur wara, bl-inkwiet illi kellha.

198. Il-Qorti tirrileva wkoll illi kemm Joseph Borg kif ukoll Joseph Pace meta xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, lkoll jiftakru illi kien hemm okkazzjonijiet fejn, Piju Camilleri, fil-każ ta' Joseph Borg, u Lorry Sant fil-każ ta' Joseph Pace, hedduhom illi jekk ma jagħmlux dak li kienu qed jgħidulhom, jiġifieri li jgħaddulhom xi ishma minn propjetajiet, huma jispiċċaw bħalma ma ġralu Lino Cauchi – u tali theddid kien sar lilhom meta kien għadu mhux magħruf li Lino Cauchi kien miet, aħseb u ara li kien mqatta' f'biċċiet u mitfugħ ġewwa bir.

199. Il-Qorti tosserva wkoll illi Borg jistqarr li Victor Balzan, li kien midħla ta' Piju Camilleri u Lorry Sant wkoll, kien għarrfu illi Lino Cauchi kien miet, u dana qalulu ferm qabel ma attwalment instabu l-fdalijiet tiegħu, u darba minnhom saħansitra qallu illi l-klikka ta' Piju Camilleri u Lorry Sant kienu qatlu lil Lino Cauchi – Victor Balzan, illum mejjet, quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, konvenjement stqarr li ma jiftakar xejn minn dan, għalkemm ikkonferma illi Piju Camilleri ġieli heddu.

200. Għalhekk, tenut kont tal-korruzzjoni ċara li kienet issir b'impunita' minn klikka ta' nies li fiha kien involut Lorry Sant u Piju Camilleri, u tenut kont tal-vjolenza illi seħħet regolarment, fejn saħansitra lil Joseph Borg saritlu bomba d-dar, il-Qorti tasal għall-konvinzjoni morali, kif del resto stqarr l-Imħallef irtirat David Scicluna, dak iż-żmien bħala Maġistrat Inkwirenti, kemm fil-Proċess Verbal minnu redatt kif ukoll fil-kummenti illi huwa kien ta lill-Uffiċjali ta' Scotland Yard snin wara, illi Lino Cauchi inqatel għax kien jaf wisq dwar l-intriċċi u korruzzjoni illi kien qed isir da' parte ta' Lorry Sant, Piju Camilleri u l-klikka tagħhom.

**201. Għalhekk, l-ewwel talba tar-rikorrenti timmerita illi tintlaqa'.**

**TALBA 2 - <u>Il-Gvern naqas milli jipproteġi l-ħajja ta' Lino Cauchi u, kemm wara għejbien tiegħu kif ukoll wara s-sejbien tal-fdalijiet, naqas milli jwettaq investigazzjoni f'waqtha u propizja.</u>**

202. Il-Qorti tibda billi tosserva illi Lino Cauchi sparixxa fil-**<u>15 ta' Frar 1982</u>**, wara nofsinhar, w in-nuqqas tiegħu ġie rappurtat minn martu, ir-rikorrenti Anna Cassar, l-għada 16 ta' Frar 1982, filgħodu.

203. Inkjesta Magisterjali formali infetħet fil-**<u>15 ta' Novembru 1985</u>** – ftit anqas minn erbgħa snin wara – u dana <u>unikament</u> għax instabu fdalijiet umani ġewwa bir, liema sejbien, terġa', saret mhux mill-Pulizija waqt tfittxija tagħhom, iżda minn informazzjoni li għaddielhom terz li kien qiegħed jaħsel il-karozza tiegħu bl-ilma ta' ġewwa l-bir fejn kien mormi Lino Cauchi wara li tqatta' biċċiet.

204. Fix-xhieda prodotta, quddiem din il-Qorti, ta' persuni involuti fl-inkjesta dak iż-żmien, intqal illi Inkjesta Maġisterjali ma infetħitx għax il-każ kien wieħed ta' sempliċi għejbien, u kellu jkun hemm xi ħaġa gravi w li tista' twassal għall-akkużi li jġibu pieni ta' priġunerija ta' aktar minn tlett snin, sabiex inkjesta attwalment tinfetaħ. Ċertament, ikun irid jiġi assikurat illi r-rapport mhux ta' għejbien ripetuta, iżda għejbien bla raġuni.

205. Jirriżulta illi, fl-ewwel rapport illi sar, kien ġie indikat illi Lino Cauchi kellu attache case miegħu l-aħħar li kien ħareġ mid-dar w illi ma kienx "a habitual absentee".

206. Madanakollu, minkejja li kien indikat minnufih illi Lino Cauchi ma kienx a habitual absentee, u minkejja li kienet ben konxja tal-fatt illi Cauchi kien awditur u accountant, il-Pulizija dakinhar ma fetħet ebda inkjesta – il-Qorti tista' tifhem illi, f'dana l-istadju l-Pulizija setgħet kienet għadha tifhem li kien każ ta' persuna li ħarab.

207. Jidher iżda, illi sussegwentement, l-għada, 17 ta' Frar 1985, instabet l-attache' case ta' Lino Cauchi f'ċirkostanzi li ċertament kellhom iqajjmu suspetti fondati, mixħuta f'għalqa ħdejn Chadwick Lakes, ir-Rabat, liema valiġġja kienet tidher miftuħa, riżultat ta' sgass, u vojta.

208. Madanakollu, minkejja illi kien ben stabbilit illi l-attache case kienet ta' Lino Cauchi, peress illi ġiet identifikata mill-Pulizija hekk kif ħaduha għand martu, ir-rikorrenti Anna Cassar, u minkejja li nstabet mixħuta f'għalqa ċertament ferm 'il bogħod minn fejn kien jirrisjedi Lino Cauchi, il-Pulizija xorta waħda ma fetħet ebda Inkjesta Maġisterjali.

209. Il-Qorti tosserva illi fil-files tal-Pulizija, jidher illi l-Uffiċjal Investigattiv ġie ordnat sabiex l-attache case tiġi eżaminata – madanakollu, dwar l-eżitu tal-eżami ma hemm ebda rapport, u ma jidher li hemm ebda indikazzjoni jekk ittieħdux jew le 'finger prints' u riljevi oħra fuq il-basket, li ċertament setgħu ikunu ta' riljev f'kwalsiasi investigazzjoni illi setgħet issir.

210. Il-Qorti ma tistax ma tosservax b'ċerta perplessita' kif il-Pulizija baqgħu jissuspettaw li Lino Cauchi seta' ħarab, hekk kif sabu l-attache case abbandunata f'għalqa u miftuħa f'ċirkostanzi ċertament suspettuzi – ċertament, li kieku l-Pulizija fetħu Inkjesta Maġisterjali hekk kif skoprew l-attache case kjarament manomessa u sgassata u mitluqa f'ċirkostanzi ċertament suspettużi, kieku tali valiġġja kienet tiġi eżaminata minn esperti indipendenti u mqabbda mill-Qorti w l-investigaturi, kemm ta' dak iż-żmien kif ukoll dawk tas-snin ta' wara, kienu jkunu fil-pussess ta' rapporti illi, jekk mhux rilevanti għal dak iż-żmien, setgħu jkunu ta' rilevanza f'indaġni sussegwenti.

211. Madanakollu, il-Pulziija żammew kollox mistur u ma eżaminawx l-aħjar prova illi kellhom fil-pussess tagħhom.

212. Jidher ukoll illi l-vettura ta' Lino Cauchi kienet ipparkjata, mhux fejn dejjem kien iħalliha, ossija ħdejn id-dar, iżda ftit 'il bogħod minn fejn kien joqgħod – fatt inużwali għal Anna Cassar.

213. Madanakollu, il-Pulizija ma ħassewx il-ħtieġa illi jeżaminaw il-vettura biex jivverifikaw jekk setgħax kien hemm xi indizji dwar l-għejbien ta' Lino Cauchi. U

wisq anqas ma ħassew il-ħtieġa li jiftħu Inkjesta Maġisterjali sabiex tissorvelja l-investigazzjonijiet tal-Pulizija.

214. Huwa fatt ben magħruf illi, f'każ ta' sejbien ta' indizzi illi, b'xi mod, jistgħu jassistu fl-indaġini ta' possibbli reat, dejjem għandha tissejjaħ Inkjesta 'in genere' sabiex tiġbor il-provi għall-finijiet ta' investigazzjoni ulterjuri – madanakollu, il-Pulizija ma ħassewx il-ħtieġa li tinfetaħ tali inkjesta Maġisterjali.

215. Għalhekk, din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi kien nuqqas gravi tal-Pulizija illi ma investigawx is-sejba tal-attache case kif ukoll il-vettura, illi kien indizzju ċar li lil Lino Cauchi ġralu xi ħaġa mux flokha u ma fetħux Inkjesta Maġisterjali fuq għejbien f'ċirkostanzi misterjużi ta' Lino Cauchi u sabiex jinvestigaw l-affarijiet li kienu sabu sa' dak iż-żmien.

216. Ftit ġimgħat wara l-għejbien ta' Lino Cauchi, f'Marzu 1982, Anna Cassar, kif ukoll omm Lino Cauchi, irċevew ittri anonimi fejn kienu qed jintalbu flus in kontanti, fin-nuqqas ta' liema, Lino kien ser jinqatel – għal darba oħra, il-Pulizija ma ħassewx il-ħtieġa li tissejjaħ Inkjesta Maġisterjali sabiex tinvestiga tali ittri anonimi w tissorvelja l-operazzjoni tal-Pulizija biex jippruvaw jaqbdu min bagħat tali ittri.

217. Minflok, il-Pulizija, ġewwa Blata l-Bajda, organizzaw operazzjoni sħiħa fejn, finalment, arrestaw lill-persuna li kien ġabar il-pakkett tal-flus li kienu tqiegħdu hemm, liema persuna insista li ġabar il-pakkett sempliċement b'kurżita' u ma kienx involut.

218. Fil-file tal-Pulizija, jingħad illi saru testijiet komparattivi tal-kitba ta' tali persuna mal-ittri li ġew mitkuba, w irriżulta li ma kinux l-istess – indikazzjoni dwar min seta' għamel tali testijiet u r-riżultanzi ma jidhirx li jeżistu, fatt li ċertament ma kienx ikun minnu kienu infetħet Inkjesta Maġisterjali kif trid il-Liġi.

219. Hawnhekk, għal darba oħra, il-Qorti ma tistax ma' tirrilevax illi, f'każ bħal dan, fejn persuni qed jiġu mgħarrfa li maħbub tagħhom, f'dan il-każ Lino Cauchi, kien maħtuf minn persuni u li kien hemm rikjesta għal flus, ma infetħitx Inkjesta Maġisterjali – ċertament, f'dan il-każ, il-Pulizija ma jistgħux jgħidu illi ma kienx każ li jġorr miegħu piena ta' aktar minn tlett snin u għalhekk li ma setgħetx tinfetaħ inkjesta għalih. Hawnhekk kien ċar li kien qiegħed jingħad li persuna kienet ġiet maħtufa, u għalhekk mingħajr ebda dubju, Inkjesta Maġisterjali kellha tinfetaħ minnufih.

220. Jirriżulta illi, għal ftit ġimgħat, il-Pulizija baqgħu jagħmlu indaġini tagħhom daqs li kieku Lino Cauchi kien maħrub minn Malta, fejn saħansitra bdew jinvestigaw il-possibilta' illi kellu jagħti xi flejjes lill-terzi, liema possibbilta' eventwalment sfumat fix-xejn.

221. F'Marzu 1992, semgħu fuq in-news Taljan illi instabet persuna hux identifikata ġewwa Sqallija, u bagħtu jitolbu informazzjoni dwar dan fit-18 ta' Marzu 1982, (fol 971), fejn jidher li ġimgħa wara, 25 ta' Marzu 1982, ġew mgħarrfa li l-kadavru kien identifikat u ma kienx ta' Lino Cauchi.

222. Wara dakinhar, ftit li xejn ġara fl-investigazzjoni da' parte tal-Pulizija, fejn, nelfrattemp, Inkjesta Maġisterjali baqgħet qatt ma infetħet.

223. Kien biss aktar minn tlett snin u nofs wara, fil-15 ta' Novembru 1985, hekk kif il-Pulizija ingħadditilha informazzjoni li kien hemm xi ħaġa suspettuza f'bir ġewwa l-Buskett, Rabat (Malta), u sussegwentement instabu fdalijiet umani, illi infetħet Inkjesta Maġisterjali.

224. Jirriżulta illi, wara l-ftuħ tal-Inkjesta Maġisterjali riżultat tas-sejbien ta' fdalijiet, inkjesta illi kellha ta' bilfors tinfetaħ ex lege, l-proċess ta' l-indentifikazzjoni tal-fdalijiet ħadu ż-żmien li kellhom jieħdu, mingħajr ebda aġir da' parte tal-Pulizija illi setgħet b'xi mod titqies bħala ta' tkaxkir tas-saqajn, u saħansitra uħud mill-fdalijiet intbagħtu barra minn Malta sabiex jiġu eżaminati fir-reqqa, liema proċess, finalment, wassal sabiex f'April 1988 ġie stabbilit illi l-fdalijiet kienu attwalment ta' Lino Cauchi u, eventwalment, fl-20 ta' Marzu 1989, tingħalaq l-inkjesta bil-pariri varji tal-Maġistrat Inkwirenti, fosthom illi kellha tinfetaħ inkjesta biex tinvestiga l-għejbien ta' Lino Cauchi.

225. Jidher, iżda, għal darba oħra, illi l-Pulizija w l-Avukat Ġenerali għażlu illi ma jottemperawx ruħhom mad-direzzjoni lilhom mogħtija mill-Maġistrat Inkwirenti, u ebda inkjesta ma ġiet miftuħa.

226. Jirriżulta illi, sussegwentement, għal ħafna snin, ma jidher illi sar xejn da parte tal-Pulizija, u dana sas-sena 1996, fejn jidher illi, għal nofs is-sena 1996, wara arranġamenti illi saru mal-Metropolitan Police Ingliża, partikolarment Scotland Yard, ġiet kreata Homicide Commission sabiex tinvestiga aktar fir-reqqa varji delitti illi ma kinux solvuti, b'referenza partikolari għal dawk ta' Karin Grech u Lino Cauchi.

227. Jidher illi, bejn ix-xhud ta' Ġunju sa Settembru 1996, l-ispetturi Ingliżi illi kienu qed jgħinu lill-Pulizija Maltija investigaw bir-reqqa fl-investigazzjoni ta' l-qtil ta' Karin Grech u lejn l-aħħar ta' Settembru 1996, bdew jinvestigaw il-każ ta' Lino Cauchi, fejn instemgħet, għall-ewwel darba, r-rikorrenti Anna Cassar, bħala mart Lino Cauchi, kif ukoll instema' l-Maġistrat Inkwirenti David Scicluna, fejn huwa għarrafhom biċ-ċar it-tħassib tiegħu.

228. Jidher iżda, hekk kif kienu ser jinbdew l-investigazzjonijiet fid-dettall, il-Gvern tal-ġurnata inbidel u l-operat tal-Homicide Commission twaqqaf ħesrem, minkejja illi l-Ispetturi Ingliżi saħqu, fir-rapport tagħhom, illi ma kienet saret l-ebda investigazzjoni da' parte tal-Pulizija fil-każ tal-qtil ta' Lino Cauchi, u kien hemm ħafna investigazzjonijiet li jsiru.

229. Dana x-xogħol kollu twaqqaf f'Ottubru/Novembru 1996, u wara dakinhar, għal ħames snin sħaħ, reġa' ma ġara assolutament xejn.

230. Jidher iżda, li mument minnhom, fis-sena 2001, hekk kif Joe Pace, wieħed mill-klikka fuq imsemmija involuti fl-atti li, l-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjonijiet kienet iddeskriviet bħala li jeħtieġu li jiġu investigati kriminalment, mar għand il-Pulizija jitlob il-protezzjoni tagħhom kontra Piju Camilleri, fi kwistjoni illi kellhom bejniethom fuq propjeta', dana Pace semma' lil Piju Camilleri in konnessjoni mal-qtil ta' Lino Cauchi.

231. Dana wassal sabiex, għall-ewwel darba, dstatax-il sena (19) wara il-qtil ta' Lino Cauchi, u tnax-il sena (12) wara li l-Maġistrat Inkwirenti għarraf lill-Pulizija illi kellhom jinvestigaw bis-serjeta l-qtil ta' Lino Cauchi, il-Pulizija semgħet ix-xhieda tal-persuni illi kienu involuti kwistjonijiet dwar propjeta', li fihom kien involut Lino Cauchi.

232. Il-Pulizija, di fatti, jidher illi semgħet, fost persuni oħra, lil Joseph Borg, Joe Pace, Victor Balzan, n-Nutar Joseph Henry Saydon u lil Piju Camilleri. Jidher illi, tali xhieda saħansitra instemgħet quddiem il-Maġistrat Inkwirenti ta' dak iż-żmien, ossija il-Maġistrat Silvio Meli, li, wara li sema' x-xhieda tagħhom, għarrafhom illi tali xhieda ma kellha ebda rilevanza għall-inkjesta li fiha nstemgħu, ossija s-sejba tal-fdalijiet ta' Lino Cauchi, iżda kellhom ikunu l-meritu ta' inkjesta dwar il-qtil ta' Lino Cauchi, liema inkjesta, saħaq il-Maġistrat, ġia kienet mitluba tnax-il sena qabel mill-preċedessur tiegħu iżda qatt ma nfetħet.

233. Il-Pulizija, madanakollu, baqgħu qatt ma fetħu inkjesta formali, u, filwaqt illi ressqu x-xhieda ta' xi persuni oħra quddiem il-Qorti, fis-sena 2002, ma komplewx jinvestigaw, għajr għal 'review' illi saret darbtejn, waħda fis-sena 2003, u oħra li saret fis-sena 2020, hekk kif saret il-kawża odjerna.

**Ikkunsidrat**

234. Il-Qorti tirrileva, f'dana l-istadju, illi l-iter kollu tal-investigazzjoni, bejn il-qtil ta' Lino Cauchi, presumibbilment fil-15 ta' Frar 1982, sa illum juri falliment totali fil-mod kien tmexxiet l-investigazzjoni, liema falliment wassal sabiex, illum il-ġurnata, hija kważi impossibbli sabiex il-familjari ta' Lino Cauchi qatt ikunu jafu x'attwalment seħħ lil Lino Cauchi.

235. In-nuqqas gravi tal-Pulizija illi jiftħu Inkjesta Maġisterjali, jekk mhux meta ġie rappurtat nieqes, hekk kif sabu l-attache case ta' Lino Cauchi f'ċirkostanzi misterjużi mormija fl-egħlieqi fisser illi kwalsiasi investigazzjoni li tista' qatt issir hija nieqsa minn prova, li setgħet tirriżulta, dwar min uża fl-aħħar l-attache case ta' Lino Cauchi qabel ma inqatel.

236. In-nuqqas gravi ulterjuri tal-Pulizija illi ma jinvestigawx lill-persuni li dak iż-żmien kienu ġia a konoxxenza tal-familjari ta' Lino Cauchi, ossija Lorry Sant u Piju Camilleri, w li jaġixxu fuq suspetti mgħoddija lilhom minn membri tal-familja ta' Lino Cauchi, u minflok jinvestigaw il-possibbilta' li Lino Cauchi kellu jagħti xi flus u li Lino Cauchi seta ħarab minn Malta, liema linji ta' investigazzjonijiet lkoll fallew, wasslu sabiex l-investigazzjoni kollha tal-qtil ta' Lino Cauchi tiġi insabbjata b'mod illi, l-familjari ta' Lino Cauchi ma jistgħu jkollhom ebda "closure" dwar il-mewt ta' Lino Cauchi, bil-konsegwenzi illi dina jista' jkollha fuq saħħithom.

237. Jirriżulta ċar illi l-Istat falla fil-konfront tal-familjari tar-rikorrenti, tul il-proċess kollu tal-investigazzjoni, iżda partikolarment fl-ewwel xhur u snin wara il-qtil ta' Lino Cauchi, fejn irrifjutaw li jibdew investigazzjoni taħt it-tmexxija ta' Maġistrat Inkwirenti, u minflok żammew kollox fil-kontroll tagħhom, biex b'hekk provi essenzjali li setgħu jinġabru fl-ewwel sigħat u ġranet wara l-għejbien ta' Lino Cauchi intilfu għal dejjem.

238. Kif qalet il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-kawża **KOKU vs Turkey** (Application no. 27305/95) deċiża fl-31 ta' Awwissu 2005:

> *The investigation must also be effective in the sense that it is capable of leading to the identification and punishment of those responsible (see Ogur v Turkey [GC], no. 21954/93, 88 ECHR 1999-III. This is not an obligation of result, but of means. The authorities must have taken reasonable steps available to them to secure the evidence concerning the incident, including, inter alia, eye-witness testimony (see Tanrikulu, cited above, 109). Any deficiency in the investigation which undermines its ability to establish the cause of death or the person responsible will risk falling foul of this standard.*

239. F'dan il-każ, bl-assjem tal-fatti kif stabbiliti aktar 'il fuq, jidher ċar in-nuqqas da' arte tal-Istat, illi parti minnu jifforma il-Korp tal-Pulizija.

240. Il-Qorti ma għandha ebda dubju illi l-Istat naqas fil-konfront tar-rikorrenti u familjari ta' Lino Cauchi, f'dak illi, l-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, fil-kawża ta' **Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Campeanu v Romania** (Application no. 478848/14) deċiża fis-17 ta' Lulju 2014, ddeskriviet kif ġej:

> *The State's duty to safeguard the right to life must be considered to involve not only the taking of reasonable measures to ensure the safety of individuals in public spaces but also, in the event of serious injury or death, having in place an effective independent judicial system securing the availability of legal means capable of promptly establishing the facts, holding accountable those at fault and providing appropriate redress to the victim (see Dodov, cited above, 83).*

241. Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-sentenza oħra tal-istess ECHR, ossija **Varnava and Others vs Turkey** (Application nos. 16064/90, 16065/90, 16066/90, 16068/90, 16069/90, 16070/90, 16071/90, 16072/90 and 16073/90) deċiża fit-18 ta' Settembru 2009, fejn il-Qorti Ewropeja qalet is-segwenti:

> *The Court would note that the procedural obligation to investigate under Article 2 where there has been an unlawful or suspicious death is triggered by, in most cases, the discovery of the body or the occurrence of death. Where disappearances in life-threatening circumstances are concerned, the procedural obligation to investigate can hardly come to an end on discovery of the body or the presumption of death; this merely casts light on one aspect of the fate of the missing person. An obligation to account for the disappearance and death, and to identify and prosecute any perpetrator of unlawful acts in that connection, will generally remain. The Court therefore concludes that even though a lapse of over thirty-four years without any news of the missing persons may provide strong circumstantial evidence that they have died meanwhile, this does not remove the procedural obligation to investigate.*
>
> ...

> *There is, however, an important distinction to be drawn in the Court's case-law between the obligation to investigate a suspicious death and the obligation to investigate a suspicious disappearance. A disappearance is a distinct phenomenon, characterised by an ongoing situation of uncertainty and unaccountability in which there is a lack of information or even a deliberate concealment and obfuscation of what has occurred (see also the definitions of disappearance set out above in part II B. "International law documents on enforced disappearances"). This situation is very often drawn out over time, prolonging the torment of the victim's relatives. It cannot therefore be said that a disappearance is, simply, an "instantaneous" act or event; the additional distinctive element of subsequent failure to account for the whereabouts and fate of the missing person gives rise to a continuing situation. Thus, the procedural obligation will, potentially, persist as long as the fate of the person is unaccounted for; the ongoing failure to provide the requisite investigation will be regarded as a continuing violation (see Cyprus v. Turkey, cited above, § 136). This is so, even where death may, eventually, be presumed.*

242. Għaldaqstant, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi d-drittijiet tar-rikorrenti, kif protetti mill-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ġew lilhom leżi minħabba fin-nuqqasijiet fuq riskontrati.

243. Għalhekk it-tieni talba tar-rikorrenti timmerita illi tiġi milqugħa.

**TALBA 3 – <u>In-nuqqas ta' ġustizzja wasslet għall-effett perpetwu u katastrofiku fuq ħajjet ir-rikorrenti w is-saħħa psikika tagħhom, bi ksur tad-dritt għall-ħajja tagħhom.</u>**

244. Dwar tali talba, il-Qorti tosserva li dak hawn mitlub jirrikjedi prova, da parte tar-rikorrenti, dwar l-effetti illi l-qtil ta' Lino Cauchi seta' kellu fuqhom.

245. Filwaqt illi dina l-Qorti ma għandha ebda dubju li l-ġrajjiet kellhom effetti devastanti fuq ir-rikorrenti w il-familjari ta' Lino Cauchi, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi la ir-rikorrenti Anna Cassar u wisq anqas ir-rikorrent Paolo Cauchi ma xehdu quddiem dina l-Qorti, u għalhekk il-Qorti ma hija f'ebda posizzjoni sabiex tistabbilixxi l-effetti illi setgħet kellha fuqhom dina l-ġrajja daqstant kiefra.

246. Ebda prova medika ma nġiebet quddiem dina l-Qorti sabiex tissustanza l-asserzjoni li lkoll sofrew minn konsegwenzi permanenti f'saħħithom u fis-saħħa psikika tagħhom, u mingħajr ebda prova ta' dan it-tip, dina l-Qorti ma hijiex f'posizzjoni illi tikkunsidra favorevolment tali talba.

247. Għaldaqstant, it-tielet talba ma tirriżultax ippruvata.

**TALBA 4 – <u>Diskriminati għax mhux kumpensati</u>**

248. Ir-rikorrenti, fir-raba' u l-aħħar talba tagħhom, jikkontendu illi l-Istat iddiskrimina fil-konfront tagħhom meta rrifjuta illi jikkumpensahom għal dak li seħħ lilhom meta, lill-persuni oħra, li sofrew azzjonijiet kontra tagħhom ta' natura ferm anqas minn tagħhom, ġew kumpensati.

249. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza '**Edwin Grech et vs Onorevoli Prim Ministru**', ġia fuq indikata, fejn talba identika f'sitwazzjoni ferm simili għal dik hawn in eżami, ġiet ikkunsidrata favorevolment, kemm mill-Prim' Awla, kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali, u għalhekk il-konsiderazzjonijiet hemm magħmula jimmeritaw illi jiġu ripetuti:

*Illi dwar il-mertu tal-każ jirriżulta li r-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom ai termini tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn. In partikolari, r-rikorrenti jilmentaw li ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika ...*

*Illi għalhekk irid jiġi ppruvat li r-rikorrenti kien effettivament trattat b'mod differenti minn persuni oħra li kienu vittmi ta' reat simili li seħħew minħabba l-prestazzjonijiet tagħhom mal-Gvern jew ma` xi entita' pubblika jew inkella li sofrew tali dannu minħabba it-twemmin politiku, liema vittmi jew persuni ġew attwalment kompensati ex gratia mill-Gvern meta r-rikorrenti ma ġewx hekk ikkompensati.*

*Illi l-istess ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Frederick Zammit Maempel vs Il-Kummissarju tal-Pulizija" (P.A. (RCP) 29 ta' Marzu 2009) fejn proprju dwar il-kunċett ta' diskriminazzjoni l-Qorti Ewropeja, fl-analiżi tagħha ta' diskriminazzjoni ċċitat il-każ ta' "Litghow and Others vs. United Kingdom" (1986) fejn qalet li l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

> *"safeguards persons ... who are 'placed in analogous situations' against discriminatory differences of treatment".*

*Il-Qorti Ewropeja tgħid ukoll li sabiex tirnexxi tali tip ta' azzjoni, l-applikant irid jidentifika l-grupp ta' nies li ġew trattati differentement. Saret referenza għall-każ Fredin vs. Sweden (1991) fejn il-Qorti Ewropeja irrimarkat li biex l-applikant jirnexxilu jipprova li kien hemm diskriminazzjoni jrid jistabbilixxi "inter alia,*

> *that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of the persons who have been better treated".*

*Għalhekk ir-rikorrenti kellhom iġibu l-prova illi persuni li jinkwadraw taħt id-definizzjoni tal-liġi qegħdin jirċievu xi trattament differenti.*

*Illi inoltre, fil-każ "Litghow and others vs. United Kingdom" (1986) il-Qorti Ewropeja qalet li,*

> *"for the purpose of article 14, a difference of treatment is discriminatory if it has 'no objective or reasonable justification', that is, if it does not pursue a legitimate aim."*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikorrenti jsostnu li kien hemm grupp ta' persuni li ngħataw kumpens, u huma (ir-rikorrenti) li ma ngħatawx, u dan meta ċ-ċirkostanzi kienu simili u ma hemmx allura raġuni għaliex ir-rikorrenti ma għandhomx jingħataw kumpens bħal ħaddieħor u b'hekk ġew diskriminati għal wahda jew aktar mir-raġunijiet indikati taħt l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni, partikolarment dak politiku.*

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-Gvern permezz ta' diversi skemi pproċeda biex jikkumpensa lil numru ta' persuni li kienu vittmi ta' delitti jew fatti meqjusa li seħħew minħabba ċirkostanzi pubbliċi u/jew ta' prestazzjoni ta' servizz lill-Gvern u/jew* ***minħabba atti vjolenti naxxenti mill-klima politiku u soċjali partikolari li kien fiha pajjiżna fil-mument li seħħew tali delitti***. *(sottolinjar ta' dina l-Qorti)*

*Għalhekk l-ewwel irid jiġi ppruvat il-fatt li l-inċident mertu tal-kawża kien sar minħabba, jew konsegwenza ta`, ċirkostanzi pubbliċi u/jew ta' prestazzjoni ta' servizz lill-Gvern u/jew* ***minħabba atti vjolenti naxxenti mill-klima politiku u soċjali.*** *(sottolinjar ta' dina l-Qorti)*

250. L-istess Qorti tkompli tgħid:

*Illi ċertament allura li r-rikorrenti jikkwalifikaw bħala persuni jew vittmi ta' delitt li seħħ b'xi mod minħabba ċirkostanzi pubbliċi u/jew prestazzjonijiet lill-Gvern u dan ukoll jekk dan jittieħed fl-isfond tal-iskemi li applika l-Gvern minn żmien għal żmien sabiex jipprovdi skemi jew arranġamenti ad hoc sabiex joffri kumpens lil tali vittimi. Fil-fatt il-lista provduta mill-imsemmi Leonard Callus tipprovdi kompliment sħiħ ta' każijiet ta' natura differenti li kienu vittmi ta' delitti li sofrew minħabba klima politika prevalenti f'xi żmien partikolari u/jew minħabba li reat li l-vittma kienet soġġetta għalih kien relatat max-xogħol tiegħu mal-Gvern jew entita' pubblika.*

....

*Illi fil-fatt l-Istat jirriżulta li kkumpensa lil numru sinifikattiv ta' persuni li kienu vittmi ta' delitti jew fatti li seħħew minħabba ċirkostanzi pubbliċi u/jew ta' prestazzjoni ta' servizz lill-Gvern u/jew minħabba atti vjolenti naxxenti mill-klima politiku u soċjali partikolari li kien fih pajjiżna fil-mument li seħħew tali delitti. Dan huwa ampjament dimostrat mid-dokumenti eżebiti a fol 97 et sequitur tal-proċess. Din il-Qorti hija tal-fehma li s-sitwazzjoni tar-rikorrenti hija fl-agħar ipotesi l-istess bħal każijiet imsemmija fid-dokumenti eżebiti minn Leonard Callus. Għalhekk jirriżulta li meta r-rikorrenti ma ngħatawx kumpens ex gratia dan jammonta għal trattament differenti minn dawn il-każijiet kollha ċitati u dan it-trattament differenti jammonta għal trattament diskriminatorju*

*fuq bażi politika, b'dan li n-nuqqas li jiġi kkumpensat ex gratia jiġġustifika t-talba odjerna tar-rikorrenti.*

*Illi din il-Qorti tħoss li t-trattament tar-rikorrenti li ma rċevewx kumpens bħat-trattament tal-vittmi li rċevew kumpens anke f'diversi każijiet fejn il-persuna li kkomettiet ir-reat ma kinitx magħrufa, u għalhekk l-persuna rea tal-istess delitt baqgħet mhux identifikata u wisq inqas proċessata, iwasslu sabiex din il-Qorti ssib li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfont tar-rikorrenti fit-termini tal-liġi b'dan li jista' jingħad li ġie ppruvat li kien hemm diskriminazzjoni għaliex kien hemm "(a) a differential treatment of (b) equal cases without there being (c) an objective aim sought and the means employed lacking" "Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija" (Q.K. – 17 ta' Frar 1999).*

*Illi fil-fatt fil-każ in eżami jista' jingħad li ġie ppruvat li r-rikorrenti ġew trattati b'mod differenti minn ħaddieħor għall-ebda raġuni valida fil-liġi, meta minkejja li sofrew minn reat serjissimu stante li bint ir-rikorrenti l-Professur Edwin Grech u martu Pearl Grech tilfu lill binthom Karin Grech (oħt ir-rikorrenti l-ieħor Kevin Grech) kawża ta' reat infami li jirriżulta mill-provi f'din il-kawża li kien konness mal-impjieg tar-rikorrenti mal-Gvern, u dan kif ġie ampjament ippruvat u ndikat f'din il-kawża, huma ma rċevew l-ebda kumpens ex gratia minkejja li ċertament li jikkwalifikaw bħala vittmi ta' reat li jaqgħu taħt il-kategorija ta' Victims of Crime li ġew ammessi bħala idonei biex jirċievu ex gratia payments kemm għal dawk il-vittmi kklassifikati bħala "to persons who suffered bodily harm in incidents involving breakdown of law and order" (fol. 100 –fol. 104) fejn hemm imsemmija 70 każ, u fejn hemm każi fejn sar pagament minħabba disgrazzji li seħħew ukoll waqt il-post tax-xogħol jew f'każ minnhom inċident fi skola; għall-każi klassifikati bħala kumpens magħmula "to persons who suffered material damages following bomb explosions or damage to vehicles" fejn hemm 70 każ ieħor inklużi dawk li jinkludi frame up u sensiela ta' splużjonijiet b'bombi magħmula minn persuni mhux magħrufa (fol. 105 sa fol. 108) inkluż każijiet fejn tali splużjoni minn bombi fortunatament ma kkawżatx mewt, liema każijiet u oħrajn jinkwadraw ruħhom ukoll fil-lista eżebita bħala Dok. "PL4705" a fol. 109 sa fol. 112 tal-proċess li kienet tqegħdet fuq il-mejda fis-seduta tal-Parlament tal-20 ta' Marzu 2006; u wkoll fil-lista ndikata bħala "Compensation to Victims" mill-1990 sad-data tad-29 ta' April 2009 (fol. 113 sa fol. 127) fejn hemm imsemmija b'kollox 127 każ, li fil-maġġor parti tagħhom lanqas kienu jinvolvu mewt, ħlief għal tmien każijiet, fosthom dawk li mietu fl-inċident tal-Um el Farud, il-każ ta' Adrian Borg, ta' Charles Camenzuli, Carmelo Ciappara u Joseph Vella Parnis, ta' Nardu Debono, ta' PC Mark Farrugia, u PC Roger Debattista. Hemm lista oħra ta' persuni li rċevew kumpens fil-Memorandum ippreparat minn Leonard Callus mibgħut lil Edgar Galea Curmi, Head Prime Minister's Secreteriat datat 30 ta' April 2009 intitolat "Compensations by Government to victims of crime from 1990 to date" fejn jidher li nġabret informazzjoni minn tlett sorsi li huma l-Uffiċċju tal-Kabinett, il-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, u il-Ministeru tal-Ġustizzja (fol. 96 sa 99) u jirriżulta li dawn il-listi huma eżawrjenti*

251. Fl-aħħar il-Qorti tgħid hekk:

*B'hekk din il-Qorti tħoss li meta tikkonsidra l-fattispecie tal-każ kollu jirriżulta li dan il-każ kien meritevoli ta' kumpens ex gratia u ma hemm l-ebda raġuni għaliex dawn ir-rikorrenti ma jirċevux kumpens ex gratia bħal ma rċevew persuni oħra b'każi inqas serji minn dak illum taħt eżami, u n-nuqqas tal-Gvern li jipprovdi tali kumpens huwa fih innifsu diskriminatorju għar-rikorrenti għar-raġunijiet hawn miġjuba liema trattament differenzjali tar-rikorrenti ma għandu l-ebda bażi jew ġustifikazzjoni kwalunkwe kemm fattwali jew legali, iżda hija forma ta' diskriminazzjoni fit-termini tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.*

*Illi fil-fatt, din il-Qorti ttenni li mill-provi prodotti ma jidhirx għaliex f'dan il-każ ma tħallasx kumpens ex gratia u għaliex fil-każijiet l-oħra tħallsu, u dan meta jidher li dan il-każ huwa wieħed mill-iktar gravi anke meta komparat mal-każi kollha fejn saru l-ħlasijiet ex gratia proprju għaliex jinvolvi mewt. L-argument li fil-każ ta' Nardu Debono kien hemm kawża pendenti ma jbiddel xejn mill-konklużjoni ta' din il-Qorti u dan peress li f'dak il-każ setgħu jiġu istitwiti proċeduri kontra persuni li kienu qed jiġu ndikati bħala responsabbli ta' reat, ħaġa li f'dan il-każ għar-raġunijiet ovvji ma setgħetx issir, iżda minkejja li f'dak il-każ ġie allura vantat dritt mill-eredi tal-istess vittma, xorta waħda l-kumpens li ngħata kien wieħed ex gratia, tant li ġie inkluż fil-listi ndikati u eżebiti f'din il-kawża. Qed jissemma' dan il-każ għaliex dan il-każ kien jinvolvi wkoll mewt, u wkoll peress li kien wieħed mill-iktar inċidenti serji li dan il-pajjiż għadda minnhom. Ċertament li din il-Qorti tħoss li dan il-każ għandu l-istess portata, u huwa iktar serju għaliex ir-rikorrenti baqgħu sa llum u minn jaf kemm aktar (jekk mhux qatt) mingħajr ebda sens ta' ġustizzja, għaliex min kien responsabbli għal tali delitt infami qatt ma tressaq sabiex iwieġeb għal għemilu. Ċertament li dan il-każ huwa wieħed mill-iktar sensittivi li jista' jiġi trattat f'Qorti, u s-sens ta' ġustizzja, jitlob li bħal ma persuni oħra li sfaw vittmi ta' attakki kodardi u kriminali jitħallsu kumpens ex gratia, din il-Qorti tħoss li f'dan il-każ ċertament li l-Gvern għandu jħallas kumpens ex gratia għaliex dan il-każ huwa meritevoli ta' tali ħlas daqs, jekk mhux iktar, mill-każijiet imsemmija li l-Gvern ħallas kumpens għalih jew għalihom.*

*Din il-Qorti tħoss li dan il-każ huwa fost l-iktar serji mill-każijiet kollha li fihom tħallas kumpens.*

252. Din il-Qorti, ftit li xejn għandha x'iżżid mar-raġunament illi għamlet il-Qorti, fil-kawża ta' Karin Grech, aktar minn tnax-il sena ilu, meta qieset illi l-każ tal-ġenituri tagħha kien wieħed minn dak l-aktar li kien jimmerita li jiġi kkumpensat, peress illi l-fatti speċje tal-każ huma simili ħafna – delitt vjolenti minn id moħbija mhux magħrufa minħabba f'realtajiet politiċi u soċjali ta' dawk iż-żminijiet.

253. Fil-każ ta' Lino Cauchi, ġie ben stabbilit illi l-qtil tiegħu seħħ riżultat ta' atti vjolenti naxxenti mill-klima politika u soċjali partikolari li kien fiha pajjiżna fil-mument li seħħew tali delitti, fejn kien hemm ċirku ta' persuni illi kienu joperaw b'impunita' u bi vjolenza sabiex jottjenu dak illi riedu. Dana ċert iwassal sabiex kwalsiasi rikjesta għall-kumpens kellha tiġi meqjusa bħala waħda dovuta "*to persons who suffered bodily harm in incidents involving breakdown of law and order*".

254. Il-fatt illi l-Istat naqas milli jikkumpensa lir-rikorrenti, għalkemm jirriżulta mill-atti illi saru offerti ta' kumpens da' parte ta' l-Istat lir-rikorrenti, illi, madanakollu, ma

dehrux illi kienu suffiċjenti da' parte tagħhom, għandha titqies bħala aġir diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti.

255. Għalhekk, il-Qorti tqis illi r-raba' u l-aħħar talba tar-rikorrenti għandha tiġi kkunsidrata favorevolment.

**Kumpens**

256. Stabbilit illi uħud mit-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw illi jiġu milqugħa, l-Qorti issa tgħaddi biex tikkunsidra l-aspett tal-kumpens.

257. Jingħad illi jirriżulta li, mument minnhom, fis-sena 2019, bejn il-partijiet kienu hemm diskussjonijiet dwar kumpens, fejn ir-rikorrenti talbu kumpens ta' €901,220 filwaqt illi l-Gvern għamel kontro proposta ta' madwar €250,000.

258. Jidher, iżda illi l-partjiet ma waslux għal kompromess, u għalhekk kellha ssir il-kawża odjerna.

259. Il-Qorti tosserva illi, fil-każ ta' Karin Grech, li kienet tifla ta' 15-il sena, maqtula krudelment għax missierha, l-Professur Edwin Grech, għażel illi jidħol jaħdem fl-Isptar waqt illi l-kollegi tiegħu kienu qed jistrakjaw, il-kumpens mogħti fis-sena 2010 kien ta' Lm180,000, ossija ftit anqas minn €420,000 filwaqt illi fil-każ ta' Nardu Debono, persuna maqtula waqt li kien taħt il-kustodja tal-Pulizija, il-kumpens mogħti fis-sena 2003 kien ta' Lm150,000, ossija ftit anqas minn €350,000.

260. Ikkunsidrat il-fatt li Lino Cauchi kien accountant ben stabbilit u nqatel meta kien għad għandu 32 sena, u llum il-ġurnata għaddew ftit anqas minn wieħed u erbgħin (41) sena mill-qtil barbaru tiegħu, meta safa maqtul b'żewġ daqqiet ta' mazza f'rasu u sussegwentement mqatta' f'biċċiet u mwaddab ġewwa bir f'erbgħa boroż suwed, kumpens ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) għal kull sena li d-delitt tiegħu baqa' ma ġiex riżolt, għandu jitqies bħala kumpens ġust u ekwu li, filwaqt illi b'xi mod jagħti xi tip ta' 'closure' lir-rikorrenti għat-trawma illi għaddew minnha u li ġew ikkundannati jibqgħu jgħaddu minnha sakemm imutu, jitqies ukoll in linja mal-kumpensi fuq imsemmija kalkolati fuq il-perjodi ta' snin li għaddew sakemm sar il-ħlas.

261. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi kumpens ġust u ekwu dovut lir-rikorrenti għall-qtil ta' Lino Cauchi għandu jkun ta' **sitt mija u ħmistax-il elf Euro (€615,000).**

**Konklużjoni**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat in-noti ta' sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet u semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Wara illi rat fir-reqqa l-atti kollha tal-każ;

Tgħaddi taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimat, u għalhekk:

**Tilqa' l-Ewwel Talba u Tiddikjara** li l-għejbien, fil-15 ta' Frar 1982 u d-delitt tal-omiċidju li segwa ta' Lino Cauchi seħħ riżultat tal-klima politika ta' dak iż-żmien u dan bħala konsegwenza tal-fatt li, minħabba fis-servizzi professjonali minnu pprestati lil diversi nies, wħud minnhom fi ċrieki politikament vjolenti u abbużivi ta' dak iż-żmien, inkluż membri formanti parti mill-Gvern, fi żmien politiku turbulenti u vjolenti, kien jaf b'diversi abbużi ta' l-istess nies;

**Tilqa' t-Tieni Talba u Tiddikjara** li l-Gvern ta' Malta naqas milli jipproteġi l-ħajja ta' Lino Cauchi, u wara l-għejbien tiegħu fil-15 ta' Frar 1982, u s-sejbien tal-fdalijiet tiegħu fil-15 ta' Novembru 1985 naqas milli jwettaq investigazzjoni f'waqtha, propizja, u leġittima kif mistenni minn Stat li jiffunzjona, bi ksur tad-dritt fundamentali għall-ħajja kif sanċit mill-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

**Tiċħad it-Tielet Talba.**

**Tilqa' r-Raba' Talba u Tiddikjara** li Lino Cauchi u l-familja tiegħu kienu ddiskriminati mill-Istat meta naqas milli jinvestiga l-għejbien ta' Lino Cauchi fil-15 ta' Frar 1982 u s-sejbien tal-fdalijiet tiegħu fil-15 ta' Novembru 1985, minħabba l-implikazzjonijiet politiċi tal-każ, u ġew ddiskriminati wkoll meta l-Istat naqas milli jagħti kumpens xieraq u dovut lir-rikorrenti bħalma ngħataw kumpens diversi individwi u familjari tagħhom f'każijiet ferm inqas gravi li lkoll seħħew fl-istess żmien ta' klima politika vjolenti meta għeb u nqatel brutalment Lino Cauchi, u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' l-Ħames Talba u Tikkundanna** lill-intimat iħallas kumpens lir-rikorrenti għall-vjolazzjonijiet fuq indikati, liema kumpens qiegħed jiġi likwidat fl-ammont ta' sitt mija u ħmistax-il elf Euro (€615,000), liema somma dina l-Qorti qieset bħala xierqa u ġusta fiċ-ċirkostanzi in linea ta' kumpens hekk kif l-intimat ħallas u aġixxa f'każijiet oħra u għalhekk:

**Tordna lill-intimat li jħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' <u>sitt mija u ħmistax-il elf Euro (€615,000)</u>.**

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**